RAPPORT TAL-ATTIVITÀ 2024



# PRIJORITAJIET GĦALL-PROSPERITÀ

Bank Ewropew tal-Investiment | Grupp

# PRIJORITAJIET GĦALL-PROSPERITÀ

## RAPPORT TAL-ATTIVITÀ 2024

Bank Ewropew tal-Investiment | Grupp

**Rapport tal-Attività tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment 2024**
**Prijoritajiet għall-prosperità**

**© Bank Ewropew tal-Investiment, 2025.**
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Il-Lussemburgu

Kull dritt riżervat.
Kwalunkwe mistoqsija dwar drittijiet u liċenzjar għandha tiġi indirizzata lil publications@eib.org.

Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BEI, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna, www.eib.org.
Tista' tikkuntattjana wkoll fuq info@eib.org. Irċievi l-bullettin elettroniku tagħna fuq www.eib.org/sign-up.

© Krediti tar-ritratti: BEI, Energy Dome, Verkor, Swappie, Matr Foods, Rim Foam, Shutterstock, GettyImages.

Ippubblikat mill-Bank Ewropew tal-Investiment.
Stampat fuq Karta FSC®.

pdf: QH-01-25-000-MT-N ISBN 978-92-861-5868-1 ISSN 2599-7017 doi: 10.2867/9455901

# XI NSIBU F'DAN IR-RAPPORT

**In-nies u n-negozji jistennew li l-Ewropa tappoġġa l-investimenti għall-futur.** Investimenti li jtejbu l-ħajjiet. Investimenti li jsaħħu s-sigurtà u joffru opportunitajiet ġodda. Fl-2024, il-Grupp tal-BEI żvela Pjan Direzzjonali Strateġiku li jagħmel proprju dan. B'dan il-pjan organizzat madwar l-attivitajiet strateġiċi ewlenin tagħna, qegħdin nimmiraw li naċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika, nagħtu spinta lill-innovazzjoni teknoloġika, insaħħu s-sigurtà u d-difiża, u nappoġġaw il-koeżjoni reġjonali u l-infrastruttura soċjali. L-impenn tagħna għall-iżvilupp internazzjonali u l-integrazzjoni tas-swieq kapitali jissalvagwardja l-preżenza globali qawwija tal-Ewropa. **Il-prijoritajiet tagħna jagħtu spinta lit-tkabbir, il-prosperità, u l-progress teknoloġiku u soċjali fl-Istati Membri individwali, fl-Unjoni Ewropea kollha u madwar id-dinja.** Huma allinjati mal-aġenda tal-mexxejja tal-Ewropa dwar il-kompetittività, l-awtonomija strateġika u s-sigurtà ekonomika. Il-ħidma tagħna f'dawn l-oqsma tikkontribwixxi għal vuċi b'saħħitha għall-Ewropa madwar id-dinja u tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi ġeopolitiċi tal-lum. Dan ir-rapport jenfasizza proġetti li jinkapsulaw il-ħidma tagħna f'kull waħda minn dawn il-prijoritajiet.

# WERREJ


2 **2024 PUNTI EWLENIN, TISLIF U *DATA* DWAR L-IMPATT**

4 **IL-GRUPP TAL-BEI F'PAJJIŻEK**

6 **IL-BEI FID-DINJA TIEGĦEK**

9 **IL-PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI EWLENIN TAGĦNA**

**1. AZZJONI DWAR IL-KLIMA**

12 Il-Ġermanja: Enerġija mill-art ħanina
13 Il-Ġermanja: Grilja għall-qalb ekoloġika
14 Franza: Spinta giga għall-batteriji
16 L-Italja: Koppla ta' sorsi rinnovabbli
18 Il-Polonja: Finalment sikuri

**2. DIĠITALIZZAZZJONI U INNOVAZZJONI TEKNOLOĠIKA**

22 Il-Belġju: M'hemmx bżonn ta' maskra tal-irqad
23 Il-Finlandja: Teknoloġija mingħajr data ta' skadenza
24 Il-Ġermanja: Aqbad karozza misjuqa mill-bogħod
25 L-Italja: Futur elettrifikanti
26 Spanja: Inqabbdu l-evoluzzjoni tal-muturi
27 L-Awstrija: Soluzzjoni ekoloġika għall-azzar
28 Spanja u l-Iżvezja: Marea ta' innovazzjoni
29 Il-Polonja: Qabża fid-dawl
30 Franza: Antikorpi aġġustabbli

**3. SIGURTÀ U DIFIŻA**

34 Id-Danimarka: It-trasformazzjoni ta' Esbjerg

**4. POLITIKA TA' KOEŻJONI MODERNA**

38 L-Italja: Deċiżjoni iebsa
39 Ir-Rumanija: Tranżizzjoni fuq il-bjut
40 Is-Slovenja: L-espansjoni tal-enerġija ekoloġika
41 Il-Polonja: Binarji sal-baħar

**5. INFRASTRUTTURA SOĊJALI**

44 Ċipru: Kmamar fejn nikbru
45 L-Awstrija: Ħafna kmamar għall-kiri
46 Iċ-Ċekja: L-encore ta' Ostrava
47 L-Italja: Ebda ossimoru

**6. AGRIKOLTURA U BIJOEKONOMIJA**

50 Il-Greċja: Ġibjun ta' reżiljenza
51 Spanja: Żejt ta' oriġini differenti
52 Id-Danimarka: Kapuljat tal-miċelju
54 Il-Ġermanja: L-immodernizzar tal-industrija tal-ħalib
55 Il-Ġermanja: Soluzzjoni delizzjuża

**7. INVESTIMENT GLOBALI B'IMPATT GĦOLI**

58 Il-Bożnija-Ħerzegovina: Fluss ta' kurrent lejn il-futur
62 L-Albanija: Fit-triq it-tajba
63 L-Ukrajna: Kollha qed ngħinu lil xulxin
64 L-Afrika t'Isfel, il-Mozambique, it-Tajwan: L-ekwità tagħmel l-affarijiet realtà
65 Il-Mauritania: Futur ta' diversità

**8. UNJONI TAS-SWIEQ KAPITALI**

68 Spanja u Franza: Pjattaformi għall-kapital

72 **MINN FEJN JIĠU L-FLUS**

74 **GOVERNANZA**

75 **PUNTI EWLENIN TAL-PJAN TAL-OPERAT TAL-GRUPP 2025-2027**

# PUNTI EWLENIN 2024

**IL-GRUPP TAL-BEI FL-2024**

**€88.8bn**

**BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT FL-2024**

**€68.2bn** ġewwa l-UE

**€8.4bn** barra l-UE

**IL-FOND EWROPEW TAL-INVESTIMENT FL-2024**

**€14.4bn**

Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), parti mill-Grupp tal-BEI, jispeċjalizza fil-finanzjament ta' riskju biex jappoġġa intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju u jistimula t-tkabbir u l-innovazzjoni madwar l-Ewropa kollha. Dan jipprovdi finanzjament u kompetenza esperta għal operazzjonijiet ta' investiment u garanziji sodi u sostenibbli. L-azzjonisti tal-FEI jinkludu l-BEI, il-Kummissjoni Ewropea, banek pubbliċi u privati u istituzzjonijiet finanzjarji.

# L-IMPATT TAL-BEI

**238 500 ha**
Tisġir u restawr tal-foresti

**854 000**
Abbonati ġodda għall-5G

**368 000**
Studenti f'faċilitajiet edukattivi li jibbenefikaw mill-finanzjament

**20 964 MWh**
Il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli

**100 400**
Unitajiet tal-abitazzjoni b'rendiment tal-enerġija mtejjeb

**14.7 miljuni**
Djar li jistgħu jiġu pprovduti bl-elettriku

**107 370 km**
Linji tal-elettriku installati jew aġġornati

**7.2 miljuni**
Arloġġi intelliġenti tal-elettriku installati

**14.9 miljuni**
Persuni b'servizzi tas-saħħa mtejba

**67.5 miljuni**
Persuni b'infrastruttura urbana jew reġjonali mtejba

**305 miljuni**
Vjaġġi tal-passiġġieri addizzjonali bit-trasport pubbliku

**19 800**
Unitajiet tal-abitazzjoni soċjali jew affordabbli mibnija jew rinnovati

**2.5 miljuni**
Persuni b'sistemi ġodda tal-ġbir tal-iskart

**5.9 miljuni**
Persuni b'sanità mtejba

**13.7 miljuni**
Persuni b'ilma għax-xorb aktar sikur

**2 miljuni**
Persuni li qed jaffaċċjaw tnaqqis fir-riskju ta' għargħar

**49**
Satelliti varati

**1.5 miljuni**
Impjiegi ġodda maħluqa sal-2028

**1.1 %**
Impatt fuq il-PDG tal-UE sal-2028

Eżiti mistennija minn operazzjonijiet ġodda ffirmati fl-2024. Iċ-ċifri kollha mhumiex awditjati u huma provviżorji.

# IL-GRUPP TAL-BEI F'PAJJIŻEK




Kuluri aktar skuri jfissru investiment ogħla bħala persentaġġ tal-PDG.


IL-FINLANDJA
€2.3 biljun 0.8 % tal-PDG
L-IŻVEZJA
€1.9 biljun 0.3 % tal-PDG
L-ESTONJA
€498 miljun 1.3 % tal-PDG
IL-LATVJA
€82 miljun 0.2 % tal-PDG
IL-LITWANJA
€449 miljun 0.6 % tal-PDG
IL-POLONJA
€5.7 biljun 0.7 % tal-PDG
IL-ĠERMANJA
€9.6 biljun 0.2 % tal-PDG
IĊ-ĊEKJA
€2.5 biljun 0.8 % tal-PDG
IS-SLOVAKKJA
€355 miljun 0.3 % tal-PDG
L-AWSTRIJA
€1.7 biljun 0.3 % tal-PDG
L-UNGERIJA
€314-il miljun 0.2 % tal-PDG
IS-SLOVENJA
€284 miljun 0.4 % tal-PDG
IL-KROAZJA
€1.2 biljun 1.4 % tal-PDG
IR-RUMANIJA
€2.4 biljun 0.7 % tal-PDG
IL-BULGARIJA
€388 miljun 0.4 % tal-PDG
L-ITALJA
€11-il biljun 0.5 % tal-PDG
IL-GREĊJA
€2.2 biljun 0.9 % tal-PDG
ĊIPRU
€225 miljun 0.7 % tal-PDG
MALTA
€72 miljun 0.3 % tal-PDG

# IL-BEI FID-DINJA TIEGĦEK






Il-Bank Ewropew tal-Investiment ma japprovax, ma jaċċettax jew ma jiġġudikax l-istatus legali ta' kwalunkwe territorju, konfini, kulur, denominazzjoni jew informazzjoni murija fuq din il-mappa.

Wara s-sanzjonijiet tal-UE kontra s-Sirja f'Novembru 2011, il-BEI issospenda kull attività ta' self u konsulenza fil-pajjiż. Madankollu, il-BEI jagħmel parti mill-grupp tad-donaturi ewlenin tas-Sirja fejn jissorvelja s-sitwazzjoni taħt it-tmexxija konġunta tal-UE u n-NU.

# IL-PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI EWLENIN TAGĦNA



**€50.7 biljun**

Il-pożizzjoni tal-gigafactory ta' Verkor viċin Dunkirk tiffaċilita l-importazzjoni ta' materja prima u l-esportazzjoni tal-batteriji tagħha.

1

# AZZJONI DWAR IL-KLIMA

“Il-gradazzjoni ta’ teknoloġiji nodfa emerġenti hija waħda mill-aktar sfidi urġenti li l-Ewropa qed taffaċċja llum. L-innovazzjoni fit-teknoloġija nadifa qed tavvanza b’pass bla preċedent, iżda t-trasferiment ta’ skoperti f’soluzzjonijiet li jistgħu jiġu ggradati u lesti għas-suq – speċjalment permezz ta’ wirjiet uniċi tat-tip tagħhom – tibqa’ biċċa xogħol formidabbli u intensiva fil-kapital. Dawn il-proġetti pijuniera ħafna drabi jġorru riskji kbar, għalhekk huwa essenzjali li jiġu stabbiliti sħubiji b’saħħithom bejn is-settur pubbliku u dak privat biex jingħelbu dawn l-ostakli. Aħna impenjati li nnaqqsu din il-lakuna ta’ finanzjament kritika għal kumpaniji fi stadju ta’ tkabbir u li nikkatalizzaw sħubiji ta’ impatt biex naċċelleraw l-użu ta’ teknoloġiji trasformattivi. Bl-appoġġ tagħna lill-aktar impriżi ta’ teknoloġija nadifa promettenti, qegħdin nimmiraw li mmexxu t-tranżizzjoni tal-enerġija tagħna ’l quddiem, inrawmu r-reżiljenza ekonomika u niżguraw il-pożizzjoni tal-Ewropa fl-ekonomija nadifa globali.”

**Irene Gálvez Verdú,** kap tal-ekwità tat-teknoloġija nadifa u l-kapital għall-espansjoni, Attivitajiet tal-BEI

“Il-finanzjament għal infrastruttura reżiljenti u ekoloġika huwa aktar essenzjali minn qatt qabel, minħabba maltempati allarmanti u qerrieda ġodda, nixfiet u bombi tax-xita. Il-Bank Ewropew tal-Investiment jinsab fil-pożizzjoni privileġġjata li jista’ jikkontribwixxi fuq skala kbira, jappoġġa l-politiki tal-gvernijiet u jattira ammonti sinifikanti ta’ kapital privat għall-finanzjament għall-klima. Bħala l-bank klimatiku tal-UE, jiena nemmen li xorta nistgħu nkunu aktar effiċjenti fl-eżekuzzjoni tagħna, nagħmlu aktar u nżommu direzzjoni politika ċara u fit-tul li tikkumplimenta perfettament il-prijoritajiet strateġiċi l-oħrajn kollha.”

**Dirk Roos,** kap tal-programmi għat-tranżizzjoni tal-enerġija, Proġetti tal-BEI

# ENERĠIJA MILL-ART ĦANINA

## Fil-Ġermanja, għaddej it-tħaffir għall-qbid tas-sħana u tal-enerġija mill-blat ta' taħt il-wiċċ, soluzzjoni innovattiva li ma tiddependix fuq il-ġibjuni tal-ilma

Daniel Mölk beda jaħdem fil-belt ta' Geretsried fil-Bavarja fil-bidu tas-snin 2010, fuq proġett biex jinstabu ġibjuni ta' ilma sħun taħt wiċċ l-art għal pjan tal-utilità lokali biex tiġġenera l-enerġija idrotermali. Għalkemm ma sabux ilma, Mölk u t-tim tgħallmu kważi dak kollu li hemm x'wieħed ikun jaf dwar l-art u l-formazzjoni tal-blat madwar il-belt. Dan firex il-pedamenti għal impriża ġeotermali pijuniera fl-istess post 13-il sena wara.

Il-proġetti tal-enerġija ġeotermali jinvolvu ġeneralment il-qbid tas-sħana mill-ilma ta' taħt il-wiċċ jew minn ġibjuni tal-fwar permezz tat-tħaffir. Madankollu, f'Geretsried u f'ħafna postijiet oħra, l-ilma ta' taħt l-art la huwa disponibbli u lanqas aċċessibbli. Għalhekk Mölk, direttur maniġerjali ta' Eavor Germany, sussidjarja tal-kumpanija Kanadiża Eavor, iħaffer fil-fond tal-art u jaqbad is-sħana mill-blat stess.

L-ewwel Eavor-Loop fuq skala kummerċjali qed tinbena f'Geretsried bl-għajnuna ta' għotja ta' €91.6 miljun mill-Fond għall-Innovazzjoni tal-UE u €45 miljun f'finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Din hija innovazzjoni li se tipprovdi sħana u elettriku nodfa u rinnovabbli lil madwar 30 000 dar fir-reġjun.

Is-sistema qisha radjatur enormi taħt l-art. It-tekniki ta' Eavor iħaffru żewġt ibjar vertikali sa fond ta' bejn 4 500 u 5 000 metru. Imbagħad iħaffru 12-il par kanali laterali orizzontali b'tul ta' madwar 3 000 u 3 500 metru mill-bażi ta' kull bir, biex b'hekk jagħmlu total ta' madwar 80 km ta' tħaffir għal kull loop. (Is-sistema ta' Geretsried se jkollha erba' loops bħal dawn.) Ir-radjatur enormi mbagħad jimtela b'ilma nadif. Pompa tibda tħaddem il-fluss tal-ilma. Meta l-pompa tintefa, is-sistema tkompli taħdem b'mod naturali fuq "termosifun." Dan ifisser li l-ilma fil-qiegħ tas-sistema jissaħħan mill-blat taħt l-art permezz tal-konduzzjoni u naturalment jitla' fil-wiċċ, fejn ikun jista' jintuża direttament għat-tisħin distrettwali jew għall-ġenerazzjoni tal-enerġija. Is-sistema temetti inqas gass serra mis-sistemi ġeotermali konvenzjonali peress li m'hemmx bżonn li jerġgħu jiġu injettati fluwidi ġodda u peress li ma teħtieġx l-użu estensiv ta' pompi.

L-ewwel loop tal-proġett Geretstried Eavor-Loop hija skedata li tibda topera sal-aħħar tal-2024. L-erba' loops kollha huma mistennija li jkunu qed jaħdmu sal-2026. Il-kumpanija qiegħda taħdem fuq it-tieni proġett f'Hannover.

> **“ Meta l-pompa tintefa, is-sistema tkompli taħdem b'mod naturali. ”**

# GRILJA GĦALL-QALB EKOLOĠIKA

## Aġġornament tal-grilja ta' Thuringia biex jiġu eliminati l-ostakli fit-triq lejn id-dekarbonizzazzjoni

Biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' $CO_2$ tagħha u ssaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tagħha, l-Ewropa qed tinvesti bil-kbir fl-enerġiji rinnovabbli bħall-enerġija eolika u dik solari. Iżda l-provvista ta' elettriku mix-xemx u mir-riħ hija intermittenti u tiddependi mit-temp u għalhekk tagħmilha diffiċli għall-operaturi tal-grilja biex ibassru u jimmaniġġjaw il-provvista u d-domanda tal-elettriku. Id-dipendenza fuq sorsi rinnovabbli tista' wkoll tagħmilha aktar diffiċli għall-grilji biex iżommu frekwenza elettrika stabbli. Dan joħloq riskju għall-istabilità tagħhom, għax is-sistema ssir inqas kapaċi tiflaħ għal disturbi f'daqqa, bħall-waqfien ta' ġeneratur kbir, jew tnaqqis f'daqqa fir-riħ.

L-operatur tal-grilja tad-distribuzzjoni fir-reġjun ta' Thuringia fil-Ġermanja, TEAG, hija waħda mill-ħafna kumpaniji tal-grilji fl-Ewropa li qed jinvestu issa biex jindirizzaw dawn l-ostakli fit-triq lejn id-dekarbonizzazzjoni. Magħrufa bħala "l-qalb ekoloġika tal-Ġermanja" minħabba d-densità tal-foresti tagħha, Thuringia tiġġenera aktar minn 57 % tal-elettriku tagħha minn sorsi rinnovabbli, inkluż 22.4 % mir-riħ.

F'April 2024, TEAG iffirmat self ta' €400 miljun taħt il-pjan REPowerEU tal-Unjoni Ewropea mal-Bank Ewropew tal-Investiment sabiex jgħinha tiffinanzja programm ta' investiment ta' €600 miljun biex taġġorna n-network reġjonali mifrux tagħha. Dan iservi 620 muniċipalità, li ħafna minnhom huma żgħar, b'10 000 sa 20 000 abitant. Bis-saħħa tas-self, TEAG se tkun tista' tirdoppja l-investimenti tagħha fil-grilja elettrika u timpjega mill-inqas 300 impjegat addizzjonali.

> **"Qed nistennew żieda massiva fil-ħtieġa ta' sorsi rinnovabbli."**

"Qed nistennew żieda massiċċa fil-ħtieġa ta' sorsi rinnovabbli," jgħid Mike Karaschinsky, maniġer ta' diviżjoni f'TEAG. "Il-Ġermanja għaddiet minn sistema ċentralizzata ħafna bbażata fuq impjanti tal-faħam u tal-enerġija nukleari li jkunu viċin iċ-ċentri għal sistema deċentralizzata ħafna fejn il-ġenerazzjoni sseħħ fl-aqwa kundizzjonijiet tat-temp. L-isfida hija li nifhmu fejn se jseħħu l-flussi futuri u liema rotot se jkunu l-aktar mgħobbija."

### Network intelliġenti

Bħala parti mill-programm ta' investiment, se jiġu installati kejbils ġodda tal-enerġija u linji tal-elettriku fl-ajru ta' kull vultaġġ, u oħrajn se jiġu ssostitwiti. Se jkun meħtieġ ukoll li jinbnew substazzjonijiet u se jkunu meħtieġa komponenti moderni tan-network għad-dispaċċ awtomatizzat u diġitali. L-investimenti huma meħtieġa biex tiġi aġġornata l-grilja għall-konnessjoni ta' produtturi u utenti aktar deċentralizzati tal-enerġija solari u eolika, fosthom konsumaturi li jridu jqabbdu pannelli solari, pompi tas-sħana u kaxxi tal-ħajt biex jibbenefikaw mit-trasformazzjoni diġitali.

"Biż-żieda fl-elettromobbiltà, b'batteriji tal-karozzi u sistemi tal-iċċarġjar li jistgħu jalimentaw n-network, jeħtieġ li ninvestu f'network ferm aktar intelliġenti," jgħid Karaschinsky.

# SPINTA GIGA GĦALL-BATTERIJI

## L-istart-up Franċiża Verkor qiegħda tibni gigafactory f'Dunkirk sabiex tipproduċi bil-massa ċelluli tal-batteriji għal 300 000 karozza elettrika fis-sena

Benoît Lemaignan u ħamsa oħra waqqfu l-kumpanija Franċiża tal-batteriji Verkor f'Lulju 2020. L-isem tal-istart-up jirreferi għall-katina ta' muntanji tal-Vercors li tiddomina Grenoble, il-belt nattiva ta' Lemaignan. L-espansjoni kienet kbira daqs l-uċuħ ta' dawk il-muntanji.

Wara li ġabret l-ewwel €250 miljun għaċ-ċentru tal-innovazzjoni tagħha fi Grenoble, Verkor malajr irnexxielha tikseb aktar fondi, inkluż €650 miljun f'sussidji mill-Istat taħt il-pjan France 2030, li huwa maħsub biex jgħin lill-industrija Franċiża żżomm il-pass b'investiment massiv f'teknoloġiji innovattivi u t-tranżizzjoni ekoloġika. Is-sussidji kienu jinkludu €60 miljun mir-reġjun ta' Hauts-de-France u €30 miljun minn Dunkirk.

F'April 2024, il-Bank Ewropew tal-Investiment approva self dirett ta' €270 miljun lil Verkor, biex jgħin fil-bini tal-gigafactory tal-kumpanija f'Dunkirk, bl-appoġġ ta' InvestEU. Barra minn hekk, il-Bank qed jippjana li jiffirma self intermedjat ma' banek kummerċjali parteċipanti li jista' jtella' l-finanzjament totali tiegħu tal-proġett għal €400 miljun.

### Swieq volatili

Dan l-investiment kollu ma jiġix bla riskju.

"Il-ġbir ta' biljuni f'ekwità u finanzjament ta' dejn fis-suq tal-batteriji tal-vetturi elettriċi mhix sempliċi għal start-ups bħal Verkor," jgħid Olivier Kueny, uffiċjal tas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-ftehim. "Id-domanda għall-karozzi elettriċi u l-prezzijiet tal-materja prima huma volatili ħafna, u dawn il-mega proġetti jaffaċċjaw riskji tat-teknoloġija, tas-suq u tal-kostruzzjoni li jagħmlu l-istrutturar tal-finanzi kwistjoni delikata għall-isponsors u s-selliefa."

Il-batteriji jammontaw għal bejn 30 % u 50 % tal-ispiża ta' vettura elettrika, u l-vetturi elettriċi għadhom jiswew ħafna aktar minn karozzi simili li jaħdmu bil-fjuwils fossili. Il-produtturi tal-karozzi qed jaħdmu biex inaqqsu l-ispiża, biex il-karozzi elettriċi manifatturati fl-Ewropa jkunu jistgħu jikkompetu ma' karozzi li jaħdmu bil-fjuwils fossili u ma' vetturi elettriċi manifatturati fl-Asja. "Huwa settur kompetittiv ħafna," jgħid Jonas Wolff, inġinier ewlieni fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment. "Hemm riskju teknoloġiku, għaliex il-manifatturi qegħdin kontinwament jagħmlu l-impossibbli biex jieħdu ftit aktar miċ-ċelluli, biex ikunu jistgħu jbaxxu l-prezz tagħhom."

### Kif isir l-impossibbli

Il-katodu, komponent ewlieni ta' batterija tal-joni tal-litju, pereżempju, huwa magħmul minn taħlita ta' nikil, manganiż u kobalt ma' ftit litju u metalli oħrajn. "Ir-riċetta għal din it-taħlita hija proprjetarja," jgħid Wolff.

Il-metalli huma għaljin u volatili ħafna, b'katini ta' provvista u proċessi ta' estrazzjoni u manifattura kumplessi ħafna. It-tendenza hija li jitnaqqas l-ammont ta' metalli għaljin u volatili fit-taħlita biex jitnaqqsu l-ispejjeż u tiżdied l-istabilità tal-prezzijiet. Hemm ukoll kunsiderazzjonijiet ta' konformità marbuta mal-katini ta' provvista, li spiss jinsabu barra mill-Unjoni Ewropea. "Nippruvaw li jkollna produzzjoni lokali tal-materjal u mbagħad nestenduha għall-Ewropa u lil hinn minnha," jgħid il-fundatur Lemaignan. "Ċertu materjal xorta waħda jibqa' ġej mill-Afrika, mill-Amerka t'Isfel u mill-Asja. Iżda normalment, il-provvista tal-litju tagħna tiġi mill-Ewropa. Se jkollna ftit provvista ta' nikil fl-Ewropa u ftit provvista ta' kobalt mill-Marokk. Qegħdin niżviluppaw dawn il-katini tal-valur flimkien mar-Renault."

Il-pożizzjoni tal-gigafactory viċin il-port ta' Dunkirk se tiffaċilita l-importazzjoni tal-materja prima u l-esportazzjoni ta' prodotti lesti lejn il-fabbriki tar-Renault. B'erba' linji ta' produzzjoni, il-gigafactory hija mistennija li tipproduċi ċelluli tal-batteriji għal massimu ta' 300 000 vettura fis-sena. Il-proġett huwa mistenni wkoll li joħloq bejn 1 500 u 2 000 impjieg f'Dunkirk sal-2030.

> **"Din l-operazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti neċessarji kollha. Hija start-up Ewropea innovattiva, tiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur Ewropew tal-karozzi, u tikkontribwixxi għall-pożizzjoni kompetittiva globali tal-Ewropa f'settur ewlieni."**

# KOPPLA TA' SORSI RINNOVABBLI

## Id-diossidu tal-karbonju qed jikkawża tibdil fil-klima. Iżda kumpanija Taljana sabet mod kif iddawru f'soluzzjoni għall-ħżin ta' enerġija rinnovabbli – u tiġġieled it-tisħin globali

Fiċ-ċentru ta' Sardenja, tidher bużżieqa enormi fuq l-orizzont. Din hija mimlija bid-diossidu tal-karbonju, wieħed mill-gassijiet serra ewlenin li jikkawżaw bidliet perikolużi fil-klima tagħna. Madankollu dak l-istess gass li joħloq it-tisħin globali jista' jkun fattur importanti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Energy Dome, start-up ibbażata f'Milan, tuża din il-bużżieqa enormi, imsejħa wkoll il-koppla, bħala parti essenzjali tal-Batterija ta' $CO_2$ tagħhom.

"Is-sorsi rinnovabbli bħalissa qegħdin fuq quddiem f'termini ta' produzzjoni tal-enerġija, iżda għandhom problema – ix-xemx mhux dejjem tisreġ u mhux dejjem ikun ir-riħ," jgħid Paolo Cavallini, il-kap tal-persunal ta' Energy Dome. "Fl-istess ħin, għandna bżonn l-elettriku rinnovabbli lejl u nhar. Għalhekk, għandna bżonn ħżin tal-enerġija fit-tul."

Il-ħżin huwa l-biċċa nieqsa fir-rivoluzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Il-produtturi tal-enerġija jridu jkunu kapaċi jġemmgħu l-enerġija prodotta mir-riħ jew mix-xemx biex tkun tista' tintuża fi żminijiet ta' produzzjoni baxxa. L-innovaturi qegħdin jippruvaw għadd ta' metodi differenti. Energy Dome hija wieħed mill-aktar promettenti. L-innovazzjoni tal-kumpanija tista' taħżen l-enerġija għal għaxar sigħat b'nofs l-ispiża tal-batteriji tal-joni tal-litju. "Dan it-tul ta' ħin huwa kruċjali, għax jippermetti li s-sorsi rinnovabbli jieħdu post il-fjuwils fossili u jsiru sa 90 % tat-taħlita tal-enerġija tal-Ewropa," jgħid Cavallini.

L-impjant mudell ta' Energy Dome, l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu, ilu jopera għal sentejn. Impjant fuq skala sħiħa, li kapaċi jiġġenera 200 MWh ta' elettriku fi skarika waħda – ekwivalenti għal 2 439 batterija Tesla Mudell 3 fuq Distanza Twila – qed jinbena fil-muniċipalità ta' Ottana, Sardenja.

"Il-ħżin fit-tul tal-enerġija huwa l-ħolqa nieqsa biex isseħħ it-tranżizzjoni tal-enerġija," jgħid Cavallini, "u aħna nemmnu li bit-teknoloġija tagħna nistgħu mmexxu din il-mewġa."

### Min-negattiv għall-pożittiv

Matul il-ġurnata, il-Batterija tas-$CO_2$ tuża enerġija żejda mill-grilja lokali – normalment fornuta mill-enerġija solari – biex tikkompressa u tillikwifika d-diossidu tal-karbonju, filwaqt li taħżnu f'tankijiet tal-azzar. Dan jisfrutta l-kapaċità tad-diossidu tal-karbonju li jillikwifika taħt pressjoni għolja f'temperatura ambjentali, għall-kuntrarju tal-arja. Il-kompressjoni tiġġenera wkoll sħana li tinħażen f'unitajiet speċjali ta' ħżin tal-enerġija termali. Meta jkun meħtieġ l-elettriku, il-proċess isir bil-maqlub. Id-diossidu tal-karbonju likwidu maħżun jissaħħan fl-unitajiet tal-ħżin, u jerġa' jsir gass. Dan il-gass imbagħad jgħaddi lura fil-koppla. Iżda qabel jasal hemm, idawwar turbina biex jiġi prodott l-elettriku.

"Il-proċess sħiħ huwa ċirkwit magħluq, li jagħti lura lill-grilja 75 % tal-enerġija użata inizjalment waqt l-iċċarġjar," jgħid Cavallini. "Jista' jdum 30 sena mingħajr ebda tip ta' degradazzjoni, għall-kuntrarju ta' teknoloġiji elettrokimiċi oħrajn li jiddegradaw malajr."

## Appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika Ewropea

Biex tiġġieled it-tibdil fil-klima, l-Unjoni Ewropea għandha pjan ambizzjuż għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-karbonju sal-2050. Biex tilħaq dan il-għan, l-Ewropa se jkollha tissostitwixxi l-kapaċità ta' ġenerazzjoni bi fjuwils fossili mitlufa b'sorsi ħielsa mill-emissjonijiet, partikolarment enerġiji rinnovabbli bħar-riħ u x-xemx.

Is-soluzzjoni ta' ħżin ta' Energy Dome hija appoġġata mill-Bank Ewropew tal-Investiment u mill-Breakthrough Energy Catalyst fondata minn Bill Gates, b'finanzjament kombinat ta' €60 miljun. Soluzzjonijiet bħal dawn huma essenzjali għall-għanijiet klimatiċi tal-Ewropa. "Dan huwa eżempju ta' teknoloġija ta' ispirazzjoni u innovattiva għall-aħħar li bħalha għandna bżonn aktar fl-Ewropa u madwar id-dinja," jgħid Alessandro Ronzoni, uffiċjal tas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-ftehim. "Dan il-finanzjament se jgħin fil-bini tas-sit, l-implimentazzjoni tat-teknoloġija u l-mobilizzazzjoni ta' fondi privati."

## Il-futur tal-ħżin fit-tul

Il-batteriji ta' Energy Dome huma eċċellenti biex jibbilanċjaw il-provvista tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli u d-domanda għall-enerġija, kif ukoll jipprovdu ħżin ta' riżerva għal diversi ġranet biex jistabbilizzaw il-grilja waqt perjodi ta' temp ħażin li jfixklu l-ġenerazzjoni tal-enerġija bil-pannelli fotovoltajċi solari.

L-affordabbiltà tal-batteriji tad-diossidu tal-karbonju hija wkoll dak li jiddistingwihom. Huma magħmulin b'materjal ekoloġiku u komponenti kummerċjalment disponibbli. Dan ifisser li huma kapaċi jiġġeneraw l-elettriku bi prezz aktar baxx mill-batteriji tal-joni tal-litju.

"L-impjant tagħna f'Sardenja huwa l-ewwel modulu tat-tip tiegħu fuq skala sħiħa u se jkun modulu li se nirreplikaw madwar id-dinja kollha," jgħid Cavallini. "Il-koppli tagħna jistgħu jitħaddmu f'daqsijiet u konfigurazzjonijiet differenti."

> **“Il-ħżin tal-enerġija fit-tul huwa l-ħolqa nieqsa biex isseħħ it-tranżizzjoni tal-enerġija.”**

# FINALMENT SIKURI

**F'Settembru 2024, il-Polonja tal-Lbiċ affaċċjat għargħar devastanti. Il-ġibjun ta' Racibórz Dolny pproteġa miljuni u wera s-saħħa tas-salvagwardji kontra l-għargħar.**

Czesław Burek, il-wójt ta' Lubomia, kien joħlom b'futur fejn ir-residenti ta' Nieboczowy setgħu jgħixu ħielsa mit-theddida kostanti tal-għargħar. Ir-raħal fil-Lbiċ tal-Polonja bata ħafna matul l-għargħar tal-1997 tax-Xmara Odra – l-agħar wieħed fl-istorja tar-reġjun. Il-komunità kienet ixxukkjata, bi djar meqruda u b'ħajjiet mitlufa. Burek, li t-titlu tiegħu jirreferi għall-kariga tiegħu ta' kap ta' kollettività ta' rħula rurali, ħalef li jipprevjeni traġedji bħal dawn milli jerġgħu jseħħu. L-opportunità ġiet meta l-Gvern Pollakk iddeċieda li jibni l-ġibjun kbir ta' Racibórz Dolny fil-Wied ta' Odra, viċin ir-raħal. Madankollu, biex il-proġett seta' jsir, ir-residenti affaċċjaw ostaklu sinifikanti: riedu jirrilokaw. "Peress li mdawrin bix-xmajjar, ikollna għargħar f'daqqa kull meta tfaqqa' xi maltempata," jgħid Burek. "Li nibqgħu fejn konna kien ifisser it-tmiem tar-raħal tagħna."

Il-komunità stabbiliet Nowe Nieboczowy. Dan in-"New Nieboczowy" tela' ftit kilometri 'l bogħod mir-raħal oriġinali. Kienet deċiżjoni diffiċli, iżda meta għargħar katastrofiku laqat il-Lbiċ tal-Polonja f'Settembru 2024, ħalliet il-frott tagħha. Ir-raħal ma ġiex affettwat minn dan l-għargħar, bis-saħħa tal-ġibjun enormi l-ġdid. Minbarra li pproteġa lil Nowe Nieboczowy, il-ġibjun taffa l-impatt tal-għargħar għal aktar minn 2.5 miljun residenti fi tliet provinċji: Silesia, Silesia t'Isfel u Opolskie. "Kellna nistennew kważi 19-il sena, affaċċjajna ħafna sfidi, iżda fl-aħħar, sibna mod kif nipproteġu l-komunità tagħna u nippreservaw il-patrimonju tagħna," jgħid Burek.

### L-ewwel prova reali

JASPERS, sħubija ffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment, għenet fit-tħejjija tal-ġibjun ta' Racibórz Dolny u fi proġetti oħrajn kontra l-għargħar tul ix-xmara Odra u x-xmara Nysa. "Il-ġibjun jaġixxi bħala lqugħ ġgantesk, li jikkontrolla l-ilma tal-għargħar mix-xmajjar Odra u Nysa," jgħid Łukasz Wyra, inġinier ewlieni tal-ilma fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-proġett. "Huwa komponent kruċjali tas-sistema ta' protezzjoni mill-għargħar fl-Odra."

F'Settembru 2024, il-ġibjun affaċċja prova diffiċli. Ir-reġjun intlaqat mill-akbar għargħar li qatt ġie rreġistrat f'dik iż-żona, saħansitra qabeż l-għargħar storiku tal-1997 li kkawża ħsara massiċċa li affettwat lil 600 000 persuna fi Wrocław. Waqt il-Maltempata Boris niżlu ħames darbiet l-ammont ta' xita medja f'Settembru f'erbat ijiem biss, u din ikkawżat ħsara kbira fin-Nofsinhar tal-Polonja. L-effettività tal-ġibjun tant intlaqgħet tajjeb li qanqlet eluf ta' kummenti ta' apprezzament fuq Google Maps għas-sagrifiċċju li għamlu l-irħula li rrilokaw biex ikun jista' jinbena. "Salva l-belt ta' Racibórz, fejn joqogħdu ommi u l-ġenituri tagħha," jgħid wieħed mill-kummenti. "Nixtieq nirringrazzja lill-ex residenti ta' Ligota Tworkowska u Nieboczowy, u lill-240 familja spostata."

### Protezzjoni mill-għargħar madwar il-Polonja kollha

L-għargħar reċenti juri kemm huma importanti l-proġetti ta' ġestjoni tar-riskju tal-għargħar u l-previżjoni tal-Gvern Pollakk li jniedi proġetti ambizzjużi ta' protezzjoni mill-għargħar f'żoni vulnerabbli madwar il-pajjiż, bħal Kotlina Kłodzka, Sandomierz, Słubice, Żuławy u Węzeł Oświęcimski.

"Bl-appoġġ tal-finanzjament tal-UE lestejna 119-il proġett iffukati fuq l-adattament għall-klima, li jinkludu investimenti li jtejbu s-sikurezza mill-għargħar, iż-żamma tal-ilma u l-iżvilupp ta' sistemi ta' tbassir ta' theddid u ta' salvataġġ fil-Polonja," jgħid Jarosław Orliński, direttur fil-Ministeru tal-Fondi għall-Iżvilupp u l-Iżvilupp Reġjonali. "Kieku dawn l-investimenti ma sarux, il-qerda kienet tkun ferm agħar minn dik li effettivament kien hemm."

## Fenomenu li qed jiżdied

L-għargħar huwa wieħed mill-aktar eventi naturali qerrieda, u bit-tibdil fil-klima qed isir aktar frekwenti u sever. Ix-xjenzati jbassru li l-inżul ta' xita fuq erbat ijiem se jsir mill-inqas darbtejn aktar frekwenti u 7 % aktar intensiv. Jekk it-temperaturi globali jitilgħu b'2° Celsius, dawn il-maltempati jistgħu jseħħu madwar 50 % aktar spiss.

"Hemm bżonn ta' aktar proġetti bħal dawn, u l-infrastruttura eżistenti trid tiġi estiża u mtejba, peress li qed nitilfu l-marġni ta' sikurezza," jgħid Eckart Tronnier, li mexxa t-Tim ta' konsulenza ta' JASPERS. "Ħafna drabi, l-infrastruttura tal-protezzjoni mill-għargħar tkun qiegħda hemm imma fir-realtà ma tkunx qed tintuża. Huwa biss meta jseħħ xi diżastru li naraw kemm hija tassew importanti biex issalva l-ħajjiet u tiġi evitata ħsara komprensiva."

Taħt inkarigu ġdid, it-tim ta' Konsulenza Teknika qed jappoġġa lill-awtoritajiet Pollakki fl-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' proġetti ġodda ta' ġestjoni tar-riskju mill-għargħar.

Il-proġetti ta' protezzjoni mill-għargħar jistgħu jagħtu ħajja ġdida lill-ibliet ukoll.

"Ir-ristoranti u l-ħwienet bdew ifeġġu bil-mod il-mod fi Wrocław, u x-xtut ġew mibdula fi spazji ħodor b'mogħdijiet għar-roti," iżid jgħid Eckart Tronnier. "Għalhekk, l-ilma reġa' sar assi għall-belt."



**€14.4 biljun**

Id-ditta Finlandiża Swappie testendi l-ħajja tal-ismartphones u tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju.

# 2

# DIĠITALIZZAZZJONI U INNOVAZZJONI TEKNOLOĠIKA

“L-appoġġ tagħna għat-teknoloġiji innovattivi bħall-intelliġenza artifiċjali għandu rwol importanti fl-aċċellerazzjoni tal-iskoperta xjentifika, it-tisħiħ tal-produttività u l-kompetittività u t-trasformazzjoni tal-mudelli tan-negozju. Iħaffef ukoll it-tranżizzjoni tal-enerġija u jtejjeb is-sigurtà u d-difiża tagħna, pereżempju, permezz tat-teknoloġiji taċ-ċibersigurtà.”

**Antonello Locci,** kap tat-teknoloġiji diġitali innovattivi u l-industrija tal-manifattura, Proġetti tal-BEI

“Kull waħda minn dawn il-kumpaniji mhux biss qed twessa’ l-konfini tat-teknoloġija iżda wkoll issaħħaħ l-awtonomija futura tal-Ewropa f’setturi kritiċi.”

**Yu Zhang,** kap tat-teknoloġija profonda, ix-xjenza diġitali u x-xjenzi tal-ħajja, Attivitajiet tal-BEI

“L-impenn qawwi tagħna fil-finanzjament tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni jappoġġa l-isforzi tal-Ewropa biex iżżid il-kompetittività tagħha. Il-finanzjament tagħna għal pedamenti xjentifiċi u teknoloġiċi sodi, għal aċċess rapidu għas-servizzi tal-informazzjoni u diġitali, iżid il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa – u fl-aħħar mill-aħħar iżid l-impjiegi fl-Ewropa.”

**Christine Garburg,** kap tal-korporattivi tal-Baħar Baltiku u tal-Ewropa tat-Tramuntana, Attivitajiet tal-BEI

“Teknoloġiji mediċi innovattivi fi stadju bikri huma profondament involuti f’attivitajiet ta’ riċerka u żvilupp Ewropej li jiġġeneraw konsegwenzi pożittivi ta’ għarfien. Dawn it-tipi ta’ investimenti jindirizzaw ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati b’impatt soċjoekonomiku għoli, inkluż benefiċċji konsiderevoli għas-saħħa.”

**Dana Burduja,** kap tax-xjenzi tal-ħajja u tas-saħħa, Proġetti tal-BEI

# M'HEMMX BŻONN TA' MASKRA TAL-IRQAD

## L-innovazzjoni ta' Nyxoah hija trattament minimalista għall-apnea ostruttiva tal-irqad, l-aktar disturb komuni tal-irqad fid-dinja

Il-kumpanija tat-teknoloġija medika Nyxoah identifikat l-apnea ostruttiva tal-irqad bħala suq kritiku minħabba l-ħtieġa kbira tal-pazjenti u l-limitazzjonijiet tal-għażla ta' trattamenti attwali. Dan ħeġġeġ lill-kumpanija Belġjana tiżviluppa apparat ġdid li jikkura d-disturb tal-irqad. "Waħda mill-motivazzjonijiet ewlenin tagħna kienet ir-rata għolja ta' rtirar ta' pazjenti assoċjat mat-terapija bil-pressjoni tal-pajpijiet tan-nifs, it-trattament standard tal-ewwel linja għall-apnea ostruttiva tal-irqad," jgħid Olivier Taelman, il-kap eżekuttiv ta' Nyxoah. "Din il-ħtieġa evidenti u mhux issodisfatta ta' xi soluzzjoni ċċentrata fuq il-pazjent wasslitna biex noħolqu apparat ta' newrostimulazzjoni minimament invażiv."

Id-disinn innovattiv tal-apparat Genio ta' Nyxoah jista' jkun żvilupp kbir għal madwar l-14 % tal-irġiel u s-7 % tan-nisa li jbatu minn apnea ostruttiva tal-irqad moderata sa severa.

It-trattament standard b'magni "bi pressjoni kontinwa u pożittiva tal-pajpijiet tan-nifs" jirrikjedi li tintlibes maskra skomda matul il-lejl. Ħafna pazjenti mhumiex kapaċi jittolleraw it-trattament għax isibuh skomdu jew għax itellifhom mill-irqad. Nofs l-utenti jwaqqfu t-trattament fi ftit snin.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment irrikonoxxa l-potenzjal ta' Genio u investa €37.5 miljun f'Lulju 2024 sabiex jappoġġa riċerka u żvilupp ulterjuri u tiżdied il-produzzjoni.

"It-teknoloġija ta' newrostimulazzjoni tagħna, iddisinjata biex ittejjeb il-kumdità u l-konformità, se tippermetti lill-pazjenti jesperjenzaw kwalità ta' ħajja aħjar permezz ta' soluzzjoni effettiva u faċli li tintuża mill-pazjent li tindirizza ħtieġa medika sinifikanti mhux issodisfatta," jgħid Taelman.

### Minimament invażiva

L-apnea ostruttiva tal-irqad iġġiegħel lill-persuna tieqaf u terġa' tibda tieħu n-nifs ripetutament minħabba mblukkar fil-pajpijiet tan-nifs. Dan spiss ikun ikkawżat mill-kollass ta' tessut artab fil-gerżuma. Studji kliniċi wrew li r-rata ta' mortalità ta' pazjenti mhux ikkurati mill-apnea ostruttiva tal-irqad tiżdied b'mod sinifikanti maż-żmien. Jekk ma tiġix ikkurata, ir-riskju ta' puplesija fl-individwu jista' jirdoppja, u r-riskju ta' mortalità kardjovaskulari jimmultiplika b'ħames darbiet. L-apnea tal-irqad mhux ikkurata tista' wkoll tikkawża ngħas matul il-ġurnata u konċentrazzjoni baxxa, u żżid ir-riskju ta' pressjoni għolja tad-demm u ta' dijabete tat-tip 2.

L-apparat Genio jiġi impjantat f'fond ta' madwar 2 cm taħt il-geddum, fi proċedura qasira li ssir fl-outpatients. Dan jaħdem mingħajr batterija esterna u m'għandux partijiet viżibbli, u b'hekk jippermetti użu komdu u diskret. L-iktar muskolu importanti tal-ilsien jissejjaħ il-muskolu *genioglossus* u n-nerv tiegħu jissejjaħ l-ipoglossali. Genio jistimula n-naħa tax-xellug u n-naħa tal-lemin ta' dan in-nerv, eżatt taħt il-geddum, u b'hekk jiskatta l-kontrazzjoni tal-porzjon ta' wara tal-ilsien, li jiġi mbuttat bil-mod 'il quddiem. Bl-istimolu ta' dan in-nerv, is-sistema żżomm l-ilsien milli jaqa' lura fil-gerżuma, u b'hekk jiżgura li l-pajp tan-nifs jibqa' miftuħ il-lejl kollu.

# TEKNOLOĠIJA MINGĦAJR DATA TA' SKADENZA

## Il-kumpanija Finlandiża Swappie tinnova fir-rinnovazzjoni tal-ismartphones biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju, tnaqqas l-iskart elettroniku u tippreserva materja prima essenzjali

L-Ewropej xtraw 130 miljun smartphone ġdid fl-2023. Il-produzzjoni ta' kull mobile emettiet 80 kg ta' $CO_2$. L-ismartphones imsewwija għandhom impronta tal-karbonju 78 % inqas minn dawk ġodda, iżda 25 % biss tal-mobiles użati fl-Ewropa jerġgħu jinbiegħu. Dan ifisser kważi 98 miljun smartphone li ma jiġux rinnovati – opportunità mitlufa sinifikanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju. Kumpanija Finlandiża, Swappie, qiegħda tirrinova l-ismartphones u tbigħhom mill-ġdid biex tgħin lill-klijenti jnaqqsu l-impronta tal-karbonju tagħhom u jħaddnu l-ekonomija ċirkolari.

U dan kollu beda meta Sami Marttinen safa vittma ta' scam.

"Xtrajt mobile użat online," jiftakar Marttinen, "imma qatt ma wasal." Wara li rrealizzaw li scams bħal dawn kienu komuni, Marttinen u sieħbu raw opportunità ta' negozju. "L-għada stess skoprejt l-intraprenditur fija. Għamilna ftit riċerka u b'hekk twieldet Swappie."

Illum, il-kumpanija li stabbilixxa Marttinen hija l-akbar rinnovatur tal-iPhones tal-Ewropa, b'aktar minn 2 miljun klijent moqdija fi 13-il pajjiż. "Jekk in-nies jafdaw is-suq, ikunu aktar lesti li jikkonsmaw prodotti ċirkolari," jgħid Marttinen. "L-estensjoni tal-ħajja ta' smartphone b'sena waħda biss tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju tul il-ħajja tiegħu b'terz."

### Il-konservazzjoni ta' materja prima

L-Unjoni Ewropea tiġġenera 5 miljun tunnellata ta' skart elettroniku fis-sena. L-ismartphones għandhom rwol kruċjali f'din il-kwistjoni, peress li fihom materja prima essenzjali bħall-kobalt u l-litju. Kieku mqar 50 % tal-ismartphones mibjugħin fl-2023 kienu rinnovati jew riċiklati, l-Ewropa kienet tiffranka jew tirkupra 1 365 tunnellata ta' kobalt u 195 tunnellata ta' litju – aktar minn nofs it-380 tunnellata estratti dik is-sena mill-akbar produttur tal-Ewropa, il-Portugall.

Huwa għalhekk li l-Bank Ewropew tal-Investiment appoġġa l-kumpanija bi €17-il miljun f'finanzjament ta' dejn ta' riskju, appoġġat mill-programm InvestEU. "Il-ħidma ta' Swappie hija allinjata mal-impenn tagħna lejn ekonomija ċirkolari u innovazzjoni sostenibbli," tgħid Iwona Biernat, l-uffiċjal tas-self li qed taħdem fuq il-proġett.

Is-self se jappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp u r-robotika tal-kumpanija, biex it-tiswijiet tal-iPhone ikunu aktar rapidi u aktar affidabbli. Madankollu, biex is-settur tar-rinnovazzjoni jikber, jonqos element importanti ieħor. Skont il-Eurostat, inqas minn terz tal-Ewropej ibigħu jew jirriċiklaw il-mobiles il-qodma tagħhom, filwaqt li kważi nofshom iżommuhom id-dar. "Irridu nħeġġu lin-nies ibigħu l-ismartphones il-qodma tagħhom," jgħid Marttinen.

# AQBAD KAROZZA MISJUQA MILL-BOGĦOD

## L-istart-up Ġermaniża Vay tintroduċi car-sharing innovattiv b'vetturi elettriċi misjuqa mill-bogħod minn sewwieqa remoti

Meta Thomas von der Ohe kien qed jibni shuttles awtonomi f'Silicon Valley fl-2017, kulħadd kien jemmen li fi żmien tliet snin, il-vetturi mingħajr sewwieq kienu se jkunu aktar komuni. "Din it-tieqa ta' tliet snin dejjem imxiet b'sena, sena wara l-oħra," jgħid von der Ohe, il-kofondatur Ġermaniż u l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Vay, start-up tal-mobilità mingħajr sewwieq. Imma mbagħad ġietu idea. Minflok ma jistenna li l-vetturi awtonomi jiġu pperfezzjonati, għaliex ma jintroduċix car-sharing nadif u effiċjenti b'vetturi kkontrollati u misjuqa minn sewwieq mill-bogħod? Huwa ħalla l-impjieg tiegħu, irritorna l-Ewropa u ngħaqad ma' żewġ inġiniera oħrajn Ewropej, Fabrizio Scelsi u Bogdan Djukic. Flimkien huma waqqfu Vay f'Berlin.

It-teknoloġija ta' Vay taħdem kif ġej: Utent jista' jsejjaħ karozza permezz tal-app tal-kumpanija u sewwieq remot imħarreġ isuq il-vettura sal-post fejn ikun il-klijent. Meta l-karozza tasal, l-utent jieħu kontroll manwali u jsuqha bħal vettura normali. Wara li jtemm il-vjaġġ, l-utent itemm il-kirja fl-app u joħroġ mill-karozza, u s-sewwieq remot jieħu ħsieb jipparkja l-vettura jew isuqha sa ħdejn il-klijent li jmiss. Is-sewwieqa remoti jkunu kompletament immersi fil-vjaġġ tagħhom. Sensuri bil-kamera jirriproduċu l-ambjent ta' madwar il-karozza u jittrażmettuh lill-iskrins tal-istazzjon tas-sewqan remot. Il-ħsejjes tat-traffiku tat-triq, bħal dawk tal-vetturi ta' emerġenza u sinjali oħrajn ta' twissija, jiġu trażmessi permezz tal-mikrofonu fil-headphones tas-sewwieq remot. "Aħna nemmnu f'futur fejn il-bnedmin u l-kompjuters jikkollaboraw flimkien," jgħid von der Ohe. "Qegħdin insegwu strateġija ta' tnedija gradwali ta' sewqan awtonomu, minflok ma mmorru direttament minn 100 % uman għal 0 % uman u 100 % kompjuter."

### Vay f'Las Vegas

F'Jannar 2024, Vay nediet l-ewwel servizz kummerċjali tagħha f'Las Vegas, fejn ir-regolamenti għall-vetturi bla sewwieq huma inqas stretti milli fl-Ewropa. Il-kumpanija qed tippjana li żżid is-servizz tagħha f'Las Vegas u tintroduċih madwar l-Ewropa. Vay saret l-ewwel u l-unika kumpanija fl-Ewropa li ssuq f'toroq pubbliċi mingħajr sewwieq ta' sikurezza meta rċeviet awtorizzazzjoni minn Hamburg biex topera karozza mingħajr sewwieq fil-belt fl-2023. F'Ġunju 2024, Vay ħabbret li kienet se tissieħeb ma' Poppy, operatur tal-car-sharing fil-Belġju, biex tintroduċi s-sewqan mill-bogħod hemmhekk. F'Settembru 2024, il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma investiment ta' dejn ta' riskju ta' €34 miljun, appoġġat minn InvestEU, biex jgħin lil Vay tħaffef l-iżvilupp tas-servizz u tat-teknoloġija tagħha. "Il-Bank Ewropew tal-Investiment għen billi tana termini ta' finanzjament tajbin biex nieħdu t-teknoloġija tagħna għall-pass li jmiss," jgħid von der Ohe. "Dan jgħinna nwasslu t-teknoloġija tagħna f'aktar swieq, speċjalment madwar l-Ewropa."

**"Aħna nemmnu f'futur fejn il-bnedmin u l-kompjuters jikkollaboraw flimkien."**

# FUTUR ELETTRIFIKANTI

## Tliet inġiniera Taljani jittrasformaw in-negozju tal-familja biex jiżviluppaw fili li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u jtejbu l-prestazzjoni tal-muturi elettriċi

Wara li ħadmu għal korporazzjonijiet kbar, tliet inġiniera Taljani – Filippo Veglia, Francesco Taiariol u Piero Degasperi – ingħaqdu flimkien biex jivvintaw tip ta' teknoloġija ta' kisi tal-wajers li tippermetti l-produzzjoni ta' fili manjetiċi sostenibbli, mingħajr solventi u ta' prestazzjoni għolja u waqqfu kumpanija bl-isem ta' Tau Group biex jimmanifatturawh. "Kellna xewqa kbira li noħolqu xi ħaġa sinifikanti," jgħid Taiariol, il-kap eżekuttiv ta' Tau Group. Dan huwa avvanz kbir għall-magni fil-vetturi elettriċi, għaliex jagħmilhom kompatti u effiċjenti kemm jista' jkun. Dan imbagħad jippermetti u jħaffef it-tranżizzjoni għall-elettrifikazzjoni u inqas emissjonijiet tal-karbonju.

"Is-soluzzjoni li vvintaw dawn in-nies hija innovattiva; huma jindirizzaw ħtieġa tas-suq emerġenti u nuqqas ta' soluzzjonijiet tajbin mill-produtturi attwali," jgħid Alberto Casorati, l-uffiċjal tas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq is-self tal-Bank ta' €20 miljun ta' Tau Group, iffirmat f'Novembru 2024. "Tau Group sabet soluzzjoni għal dan il-punt problematiku emerġenti għall-klijenti." Appoġġat mill-programm InvestEU, il-finanzjament se jgħin lil Tau Group tespandi l-produzzjoni tal-fili manjetiċi minn 2 000 tunnellata fis-sena għal madwar 12 000 tunnellata.

### Il-qalba tal-elettrifikazzjoni

Fil manjetiku huwa wajer elettriku b'saff irqiq ta' iżolazzjoni. Dan iġorr l-elettriku li jiġi kkonvertit f'enerġija manjetika jew mekkanika fil-magni, fil-ġeneraturi u fit-trasformers. Il-materjal użat fil-fili manjetiċi ftit li xejn inbidel f'dawn l-aħħar 60 sena, minkejja li n-natura li tal-magni elettriċi qed tinbidel malajr. "Din saret problema, peress li dawn il-wajers jibdew ifallu mat-800 volt, li huwa kruċjali għal ħafna applikazzjonijiet fil-magni elettriċi," jgħid Taiariol.

It-teknoloġija DryCycle ta' Tau Group tiksi l-fili manjetiċi b'teknopolimeri b'saħħithom u flessibbli b'reżistenza kimika, iżolazzjoni elettrika u stabilità termali mtejba. B'riżultat ta' dan, il-manifatturi tal-karozzi u d-disinjaturi tal-magni elettriċi jistgħu jiksru l-barriera ta' 800 volt u potenzjalment jilħqu l-1 000 volt.

### Mingħajr solventi, inqas enerġija u emissjonijiet tal-karbonju

Il-kisi tradizzjonali bil-polimeru għall-wajers jiġi applikat normalment bħala verniċ likwidu b'bażi ta' solventi. Dawn is-solventi jevaporaw waqt il-produzzjoni u jirrilaxxaw partikoli dannużi. Dawn iridu jinħarqu wkoll, u għalhekk dan jikkawża l-emissjoni ta' miljuni ta' tunnellati ta' $CO_2$ mill-produzzjoni tal-fili madwar id-dinja. L-approċċ innovattiv ta' DryCycle jevita l-użu ta' solventi u addittivi. Dan jinvolvi l-applikazzjoni ta' saff wieħed ta' kisjiet irqaq ħafna ta' polimeru, li jissimplifika l-produzzjoni, inaqqas l-ispejjeż u jtejjeb il-prestazzjoni. Dan il-proċess ħieles mis-solventi juża madwar 80 % inqas enerġija mill-metodi b'bażi ta' solventi. "L-għan ta' Tau huwa li tuża l-enerġija b'mod effiċjenti," jgħid Taiariol.

# INQABBDU L-EVOLUZZJONI TAL-MUTURI

## Stark Future trid tirrivoluzzjonizza l-industrija tal muturi bid-dirt bikes elettriċi tagħha, biex tixpruna l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u l-ekonomija lokali fi Spanja

Anton Wass skopra l-passjoni tiegħu għall-muturi meta fi ċkunitu kien jara lil ġar isuq mutur tal-motocross fil-belt tagħhom qrib Stokkolma. Ta' 16-il sena, Wass kien diġà l-kofondatur ta' negozju tal-kummerċ elettroniku li jispeċjalizza fi spare parts tal-muturi li sar leader globali. Minkejja s-suċċess tiegħu, Anton xorta baqa' joħlom li jivvinta mutur innovattiv. "Għal ħafna snin, ma waqaftx noħlom dwar il-possibbiltà li jinbnew muturi elettriċi li jkunu aħjar mill-aqwa muturi li jaħdmu bil-karburanti," huwa jgħid.

Għalhekk, huwa waqqaf Stark Future fl-2019. Ibbażata f'Barċellona, il-kumpanija għandha l-għan li tittrasforma l-industrija tal-muturi bil-muturi tal-motocross elettriċi tagħha. Fl-2021, din nediet l-iStark VARG ("lupu b'saħħtu" bl-Iżvediż), l-aktar dirt bike potenti fid-dinja. "Kienet bħal bomba fl-industrija tal-muturi," jgħid Wass. "Naħseb kienet l-aktar tnedija li għamlet suċċess fl-istorja ta' kwalunkwe kumpanija tal-muturi."

Il-kumpanija trid tkompli tinnova u qed tippjana li tagħmel il-muturi tagħha saħansitra aktar sofistikati. Huwa għalhekk li l-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa lill-kumpanija b'faċilità ta' kreditu ta' €40 miljun, iffirmata f'Settembru 2024.

### Mingħajr clutch

Il-batterija ta' 6.5 KWh tad-dirt bike elettriku ta' Stark Future, flimkien ma' magna b'għata tal-fibra tal-karbonju apposta, tipprovdi sa 80 potenza ta' żwiemel, 30 % aktar potenza minn mutur tal-motocross ta' 450cc simili li jaħdem bil-petrol. Din is-sistema tippermetti sa massimu ta' sitt sigħat ta' sewqan fuq korsa teknika jew biżżejjed enerġija għal tellieqa sħiħa tal-motocross, b'ħin ta' rriċarġjar ta' sagħtejn biss.

Il-finanzjament tal-Bank Ewropew tal-Investiment se jappoġġa l-isforzi tal-kumpanija biex tiżviluppa pjattaformi ġodda tal-muturi elettroniċi u se jgħinha żżid il-kapaċità tal-manifattura tagħha. Il-finanzjament qed jiġi pprovdut taħt InvestEU, il-programm ewlieni tal-Unjoni Ewropea għall-mobilizzazzjoni ta' aktar minn €372 biljun f'investiment addizzjonali minn fondi tas-settur pubbliku u dak privat biex jiġu appoġġati l-għanijiet tal-politika tal-UE sal-2027.

"L-appoġġ lill-istart-ups huwa kruċjali biex jitrawwem suq kompetittiv u jinżamm l-għarfien fi ħdan l-Unjoni Ewropea," tgħid Joanna Lisboa Tiago, uffiċjal tas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadmet fuq il-ftehim. "Mingħajr l-appoġġ finanzjarju, is-suq tal-kapital ta' riskju jiċkien, u b'hekk jonqsu l-atturi u l-aptit għar-riskju. L-għan tagħna huwa li nimlew dan il-vojt."

**"L-appoġġ lill-istart-ups huwa kruċjali biex jitrawwem suq kompetittiv u jinżamm l-għarfien fi ħdan l-Unjoni Ewropea."**

# SOLUZZJONI EKOLOĠIKA GĦALL-AZZAR

## Ma nistgħux nieqfu nagħmlu l-azzar, iżda kumpanija Awstrijaka qed tiġġieled l-emissjonijiet tal-karbonju billi tinvesti flejjes kbar f'enerġija ekoloġika u fir-riċerka ta' teknoloġija avvanzata

L-industrija tal-azzar hija responsabbli għal madwar 7 % tal-emissjonijiet tal-karbonju globali. Għalhekk il-Bank Ewropew tal-Investiment, l-ikbar investitur tal-Ewropa fil-klima, jista' jappoġġa biss investiment fl-azzar li jkun sostenibbli u innovattiv. Ftehim li kkwalifika għall-appoġġ fl-2024 huwa self ta' €300 miljun approvat f'Ġunju biex jgħin lil Voestalpine, kumpanija tal-azzar kbira Awstrijaka, twettaq riċerka fi prodotti tal-azzar innovattivi u f'manifattura sostenibbli.

Voestalpine, waħda mill-akbar produtturi tal-azzar fl-Ewropa, se tuża l-flus fuq erba' snin sabiex tirriċerka u tiżviluppa proċessi li jużaw inqas enerġija, jikkonsmaw inqas materja prima u jestendu l-ħajja tal-prodotti tal-azzar.

### Kif tibqa' fuq quddiem fil-qasam tal-azzar

Aktar riċerka tista' tgħin lill-ambjent, iżda hija wkoll l-uniku mod kif Voestalpine tista' tikkompeti globalment fis-suq tal-azzar, jgħid Gerald Mayer, l-uffiċjal kap tal-finanzi tal-kumpanija. "Qegħdin naffaċċjaw ambjent ekonomiku ferm diffiċli, speċjalment għall-kumpaniji Ewropej tal-azzar," jgħid Mayer. "Fortunatament, il-prodotti tal-azzar innovattivi tagħna huma mfittxija ħafna fis-setturi bl-ogħla domanda."

L-aħħar proġett tal-azzar sostenibbli ta' Voestalpine jissejjaħ greentec. Dan se jnaqqas sa massimu ta' 30 % tal-emissjonijiet mill-2027, meta mqabbla mal-livelli tal-2019, bis-sostituzzjoni parzjali tal-fran tal-blast li jużaw ħafna karbonju bi fran bl-ark elettriku.

Hemm drabi fejn il-Bank Ewropew tal-Investiment jista' jestendi l-appoġġ tiegħu għall-industrija tal-azzar lil hinn mir-riċerka. Fil-fatt fil-bidu tal-2024 iffirma ftehim ta' €314-il miljun għal impjant ġdid ta' H2 Green Steel f'Boden, l-Iżvezja, li se tagħmel l-azzar minn minerali tal-ħadid bl-idroġenu u, għalhekk, se temetti 95 % inqas karbonju.

### Għajnuna lir-reġjuni li se jintlaqtu l-iktar

Minħabba l-innovazzjoni u l-investiment, l-Unjoni Ewropea hija t-tieni l-akbar produttur tal-azzar fid-dinja wara ċ-Ċina. L-output tagħha huwa ta' kważi 180 miljun tunnellata fis-sena, jew 11 % tal-produzzjoni globali, meta mqabbla mal-madwar biljun tunnellata taċ-Ċina.

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment qegħdin jaħdmu flimkien biex jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni f'azzar aktar nadif. Programmi ta' investiment, bħal Orizzont Ewropa, iffinanzjaw bosta biljuni ta' euro fir-riċerka biex jonqsu l-emissjonijiet fil-qasam tal-azzar, tas-siment u f'setturi oħrajn b'intensità ta' karbonju. Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta qed jgħin lir-reġjuni u lill-pajjiżi li jiddependu ħafna fuq il-produzzjoni tal-azzar, l-estrazzjoni tal-faħam u s-siment biex jaqilbu għal soċjetajiet u ekonomiji aktar sostenibbli.

# MAREA TA' INNOVAZZJONI

## Inizjattiva tal-Bank Ewropew tal-Investiment tagħti spinta lill-innovazzjoni fl-ekonomija blu, billi tippromwovi tkabbir sostenibbli tal-oċeani u avvanzi fit-teknoloġiji u r-riżorsi tal-baħar

Rene Hansen qatta' aktar minn 20 sena jaħdem f'industriji minn snowboarding sal-enerġija rinnovabbli, u għen kumpaniji madwar id-dinja jikbru u jinnovaw. Wara l-impriżi globali tiegħu, ħass il-ħtieġa li jistabbilixxi ruħu iktar viċin in-Norveġja fejn twieled. L-opportunità ġietu meta Konrad Bergström avviċinah b'viżjoni – il-ħolqien ta' dgħajjes elettriċi. "Irrealizzajt li ridt niffoka l-isforzi tiegħi fuq kumpanija li ġenwinament tapprezza s-sostenibbiltà," jgħid Hansen. "Ħassejt li kienet l-opportunità perfetta biex nallinja x-xogħol tiegħi mal-valuri tiegħi u nagħmel impatt ta' veru."

Ibbażata fl-Iżvezja, il-kumpanija li Bergström waqqaf għandha l-għan li tirrivoluzzjonizza l-industrija tad-dgħajjes billi tfittex modi kif id-dgħajjes ikunu aktar ekoloġiċi. X Shore tikkombina l-fibra tal-ħġieġ u tal-karbonju biex tottimizza l-piż, il-prestazzjoni u l-impatt ambjentali. Ir-riżultat: erba' darbiet inqas $CO_2$ emess minn dgħajsa tradizzjonali li taħdem bil-petrol. "It-tbaħħir għandu jkun f'armonija man-natura," jgħid Hansen.

Huwa għalhekk li X Shore hija waħda mill-20 kumpanija magħżula għall-Programm EU Blue Champions, inizjattiva tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-Kummissjoni Ewropea li tipprovdi appoġġ konsultattiv bla ħlas lill-kumpaniji bl-aqwa teknoloġiji u soluzzjonijiet blu li jindirizzaw l-isfidi tal-ekonomija blu. Dan il-programm għandu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività tagħhom u jippreparahom għal finanzjament potenzjali mill-investituri jew mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Imniedi f'Mejju 2024, il-Blue Champions għażel kumpaniji bbażati fl-Ewropa kollha, minn robotika ta' taħt l-ilma, soluzzjonijiet ta' tbaħħir ekoloġiku u bijoraffineriji sa applikazzjonijiet ta' *data* bis-satellita u enerġija eolika. L-inklużjoni fil-programm tirrikonoxxi li dawn il-kumpaniji huma pijunieri li jmexxu s-settur lejn futur aktar ekoloġiku. L-inizjattiva għandha l-għan li tippromwovi ekonomija blu sostenibbli u tenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni biex l-oċeani jiġu protetti u rrestawrati għall-ġenerazzjonijiet futuri.

### Approċċ uniku

"Rajna l-ħtieġa ta' appoġġ lis-suq għall-iżvilupp ta' teknoloġiji blu fl-Ewropa," tgħid Paulina Brzezicka, konsulenta finanzjarja fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li waqqfet il-Blue Champions flimkien ma' Antonella Calvia-Götz, konsulenta ewlenija. "Irrealizzajna li kien hemm bżonn nagħmlu xi ħaġa li tmur lil hinn mill-approċċ tas-soltu tagħna, xi ħaġa li qatt ma konna għamilna qabel."

L-approċċ il-ġdid juża sejħa miftuħa biex jiġu identifikati teknoloġiji blu li jibbenefikaw minn appoġġ konsultattiv bla ħlas, li jtejjeb il-pjanijiet tan-negozju tal-kumpaniji u jħejjihom għal finanzjament potenzjali mill-istrument ta' dejn ta' riskju tal-Bank Ewropew tal-Investiment jew minn investituri oħrajn. L-applikanti jridu jkunu kumpaniji li qed jespandu bi strateġija ta' investiment ta' tkabbir kredibbli ta' mill-inqas €15-il miljun fuq ħames snin, li nofshom diġà għandhom ikunu ffinanzjati mill-investituri. Iridu jkunu maturi biżżejjed – jew kważi – biex ikunu eliġibbli għal finanzjament potenzjali mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

# QABŻA FID-DAWL

## Kumpanija Pollakka trid tagħti spinta lill-innovazzjoni Ewropea fl-apparat ta' kuljum billi tiżviluppa t-teknoloġija fotonika u d-detetturi infraħomor tagħha

Fis-snin 70, il-professur Józef Piotrowski beda jfittex l-aħjar materjal għall-applikazzjonijiet ta' detezzjoni. Fl-Akkademja Militari Teknika ta' Varsavja, huwa għamel skoperta xjentifika li kellha tittrasforma d-dinja tat-teknoloġija infraħamra. Piotrowski u t-tim tiegħu żviluppaw detetturi li jaħdmu mingħajr il-ħtieġa ta' tkessiħ bin-nitroġenu likwidu. Din l-innovazzjoni wittiet it-triq għall-istabbiliment ta' VIGO Photonics fl-1987, kumpanija li minn dak iż-żmien 'l hawn speċjalizzat fil-produzzjoni ta' strumenti għall-fotonika (teknoloġija tal-mewġ tad-dawl) u l-mikroelettronika.

Illum taħt it-tmexxija ta' iben Józef, Adam Piotrowski, VIGO Photonics trid tkompli t-tradizzjoni tagħha ta' innovazzjoni b'inizjattiva ġdida msejħa HyperPic. Dan il-proġett għandu l-għan li jintegra l-lasers u d-detetturi fotoniċi f'ċippa waħda ċkejkna, u b'hekk jibdel b'mod fundamentali l-mod kif ninteraġixxu ma' apparat ta' kuljum. "Immaġina smartwatch li mhux biss jintraċċalek il-passi tiegħek iżda jimmonitorja l-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek f'ħin reali, jew friġġ li tavżak meta l-ikel tiegħek ikun se jeħżien," jgħid Filip Costa, id-direttur tal-finanzi korporattivi ta' VIGO. "Dawn huma biss ftit mill-applikazzjonijiet li se jkollha HyperPic fl-elettronika għall-konsumatur, fil-protezzjoni tal-ambjent, fil-mediċina u aktar."

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa lil VIGO Photonics b'€21 miljun f'dejn ta' riskju, iffirmat f'Settembru 2024, biex jiġi żgurat li l-Ewropa tibqa' fuq quddiem nett fl-innovazzjoni tal-fotonika.

### Id-detezzjoni tal-inviżibbli

VIGO Photonics tispeċjalizza f'detetturi infraħomor, f'moduli kompluti ta' detezzjoni infraħamra u pjastrini epitassjali – prodotti ddisinjati biex jaqbdu u jipproċessaw sinjali infraħomor. Il-kumpanija issa qed tipprova tintegra dawn il-komponenti f'ċippa daqs ponta ta' saba', magħrufa bħala ċirkwit fotoniku integrat. Dawn iċ-ċirkwiti jirrappreżentaw l-avvanz kbir li jmiss fis-settur, b'applikazzjonijiet sinifikanti għal apparat domestiku u li jintuża kuljum. Id-daqs kompatt tagħhom jippermetti li jsiru testijiet kumplessi b'faċilità u konvenjenza kbira, u jelimina l-ħtieġa ta' laboratorju sħiħ.

Il-finanzjament mill-UE se jgħin lil VIGO Photonics ittejjeb il-prestazzjoni tad-detetturi u l-moduli tagħha u tkompli r-riċerka u l-iżvilupp ta' detetturi ġodda.

"Hemm vojt fis-suq tal-Ewropa Ċentrali biex jiġu ffinanzjati teknoloġiji innovattivi ħafna, riskjużi iżda fixkiela li jistgħu jirrivoluzzjonaw industriji sħaħ u jaffettwaw l-ekonomiji globali fit-tul," jgħid Philippe Hoett, l-uffiċjal ewlieni tas-self ta' dejn ta' riskju fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li mexxa l-finanzjament lil VIGO Photonics.

# ANTIKORPI AĠĠUSTABBLI

## It-trattamenti bl-antikorpi poliklonali ta' ditta Franċiża jistgħu jwaqqfu minnufih bijoattakk jew il-pandemija li jmiss billi jlaħħqu mal-viruses mutanti

F'ħafna modi, Fabentech hija prodott tal-pesti. Il-kumpanija Franċiża li tipproduċi trattamenti kontra l-viruses fatali u l-bijotossini bdiet minn żewġ tifqigħat ta' mard magħrufa sew: l-Ebola u l-influwenza avjarja, jew l-"influwenza tat-tjur". Bertrand Lépine waqqaf il-kumpanija fl-2009 bl-idea li jirfina t-teknoloġija liċenzjata minn Sanofi Pasteur, fejn kien jaħdem qabel, biex joħloq trattamenti b'antikorpi poliklonali li jinnewtralizzaw viruses u tossini letali aħjar minn tekniki eżistenti, bħal terapiji monoklonali. Sanofi Pasteur kienet diġà żviluppat trattamenti b'antikorpi poliklonali li jipprevjenu l-velenu tas-sriep u tal-iskorpjuni milli jippenetra fiċ-ċelloli tal-bniedem. Lépine ħaseb li l-istess approċċ seta' jintuża għal mard fatali.

Sal-2012, il-kumpanija kienet qed twettaq provi kliniċi għal trattament kontra l-influwenza avjarja, u sal-2015 kienet qed taħdem mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fuq terapiji għall-Ebola. Fl-2017, il-kumpanija ssieħbet mal-Armata Franċiża sabiex tiżviluppa antidotu għal bijotossina letali ħafna li ġejja mill-pjanti. Għalkemm it-trattamenti kollha kienu promettenti, l-ebda wieħed minnhom ma sab suq kbir. Qabel il-pandemija, l-Ewropa ma kinitx qed tindirizza b'mod attiv it-theddid potenzjali ta' bijoattakki jew forom ġodda ta' mard infettiv. L-Istati Uniti, għall-kuntrarju, wara l-attakki tal-11 ta' Settembru bdew jiffinanzjaw start-ups bijotekniċi li kienu qed jiżviluppaw trattamenti. "Sempliċement ma kienx hemm kultura ta' tħejjija għal theddid bijoloġiku fl-Ewropa," jgħid Sébastien Iva, il-kap eżekuttiv ta' Fabentech.

Imbagħad faqqgħet il-COVID-19.

"Din kienet bidla fil-paradigma, għaliex il-pajjiżi individwali kollha tal-UE, flimkien mal-istituzzjonijiet tal-UE, bdew iħejju għal dawn it-tipi ta' theddid," jgħid Iva, li beda jaħdem ma' Fabentech fl-2020, malli bdiet tiżvolġi l-pandemija. "Bdew jiġu ddedikati baġits għaliha."

### It-tħejjija għal theddid bijoloġiku

Wieħed minn dawn il-baġits huwa HERA Invest, finanzjament provdut mill-Awtorità tal-Kummissjoni Ewropea għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA). Il-Kummissjoni Ewropea ħolqot il-HERA fl-2021. Parti mill-mandat tagħha huwa li tappoġġa kumpaniji Ewropej u riċerka li jindirizzaw ir-reżistenza antimikrobika, il-bijodifiża u l-istat ta' tħejjija għall-pandemiji.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma ftehim f'Ottubru 2024 li jipprovdi lil Fabentech b'€20 miljun f'finanzjament ta' dejn ta' riskju. Dan huwa l-ewwel investiment li sar taħt il-HERA. Fabentech se tuża l-flus biex tkompli tiżviluppa t-trattamenti tagħha bl-antikorpi poliklonali FabShield, li ħarġu mit-teknoloġija oriġinali ta' Sanofi Pasteur, u biex iżżid il-produzzjoni ta' terapiji għall-kura ta' firxa ta' patoġeni, bħall-virus Nipah u l-viruses Sarbeco, il-familja ta' viruses wara l-COVID-19, flimkien ma' tossini li ġejjin mill-pjanti. "Għalina, il-HERA hija tabilħaqq alleata soda li tgħinna lkoll inħejju għal theddid bijoloġiku futur, sew jekk dan ikun fil-forma ta' attakk bijoterroristiku intenzjonat jew inkella epidemiji jew pandemiji li jseħħu b'mod naturali," jgħid Iva.

Fabentech tmexxi l-konsorzju ta' universitajiet u ditti Ewropej, e-Fabric, li qed jaħdem fuq trattamenti għall-viruses Sarbeco, li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tgħid li hemm riskju kbir li jikkawżaw pandemija oħra. Is-SARS-CoV-2 – il-virus wara l-COVID-19 – huwa parti mill-familja tal-viruses Sarbeco. Il-konsorzju, li qed jaħdem fuq trattamenti bbażati fuq it-trattamenti bl-antikorpi poliklonali ta' Fabentech, irċieva għotja ta' €7.7 miljun f'Jannar 2024 mill-programm tal-Kummissjoni Ewropea Orizzont Ewropa.

“Kien diġà ġie identifikat mill-HERA u mill-Kummissjoni Ewropea,” jgħid Henri-François Boedt, l-uffiċjal tas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment inkarigat mill-investiment ta’ Fabentech. “U qed jagħmel riċerka fuq suġġett fejn jinħtieġu ħafna riċerka u finanzjament konsiderevoli.”

### Il-kbira: COVID-19

Meta Iva daħal ma’ Fabentech f’Lulju 2020, il-bord tal-kumpanija qallu biex jiffoka l-attenzjoni tad-ditta fuq trattamenti ta’ profil għoli għall-COVID-19. Fabentech malajr żviluppat trattament b’antikorpi poliklonali għall-COVID-19 u l-varjanti tagħha, imsejjaħ FabenCOV, bl-appoġġ tal-fondi tal-UE. L-iżvilupp rapidissimu tal-vaċċini tal-COVID-19 u l-mutazzjonijiet tal-virus xejnu xi ftit il-ħtieġa ta’ dak it-trattament, għalkemm wera li kien promettenti fin-newtralizzazzjoni ta’ varjanti magħrufa tal-COVID-19.

Iżda dak li kien sar minnufih ċar għall-Ewropa kien il-ħtieġa li jiġu identifikati viruses letali oħrajn li jistgħu jinbidlu malajr f’pandemiji u li tiġi żviluppata riserva ta’ trattamenti potenzjali. Ħafna mit-trattamenti għall-COVID-19 użaw antikorpi monoklonali mmirati ħafna, li bażikament jeħlu mal-proteina spika fuq il-wiċċ tal-virus SARS-CoV-2 u ma jħalluhx jidħol fiċ-ċelloli. Peress li l-virus jinbidel, madankollu, ħafna minn dawn it-trattamenti jitilfu l-effettività tagħhom.

It-trattamenti bl-antikorpi poliklonali jieħdu approċċ usa’ lejn virus jew tossina. Dawn jidentifikaw diversi riċetturi, jew epitopi, li jeżistu fuq antiġene u jimmiraw għalihom. L-antiġeni huma tipikament proteina, lipidu jew aċidu nuklejku li jeżisti fuq il-wiċċ ta’ virus jew tossina. L-antikorpi poliklinali jeħlu ma’ ħafna siti (epitopi) fuq antiġene wieħed. Meta jeħlu mal-epitopi, l-antikorpi jinnewtralizzaw b’mod effettiv il-virus jew it-tossina billi jimblukkaw il-kapaċità tagħha li tidħol fiċ-ċelloli tal-bniedem u tikkawża infezzjoni jew mard. “It-trattamenti poliklonali fil-verità jaqbdu l-virus minn kull naħa u angolu,” jgħid Iva. “Jekk virus ikun inbidel, it-trattamenti monoklonali ma jibqgħux kapaċi jeħlu sew, u għaldaqstant ma jkunux effettivi ħafna. Il-poliklonali xorta se jkun kapaċi jeħel mal-antiġene u, għaldaqstant, ikun kapaċi jinnewtralizza l-virus jew it-tossina.”

> **“Il-HERA hija tabilħaqq alleata soda li tgħinna lkoll inħejju għal theddid bijoloġiku futur, sew jekk dan ikun fil-forma ta’ attakk bijoterroristiku intenzjonat jew inkella epidemiji jew pandemiji li jseħħu b’mod naturali.”**



# €1 biljun

Il-port Daniż ta' Esbjerg huwa diġà importanti għall-industrija eolika lil hinn mill-kosta. Issa se jkollu rwol ta' sigurtà wkoll.

# 3

# SIGURTÀ
# U DIFIŻA

“Aħna għandna rwol kruċjali fit-titjib tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa billi niffinanzjaw infrastruttura vitali u nappoġġaw kumpaniji li jixprunaw l-innovazzjoni fis-settur. Bl-investiment fiċ-ċibersigurtà, fit-teknoloġiji b’użu doppju u f’infrastruttura reżiljenti, il-Bank Ewropew tal-Investiment isaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni Ewropea li tindirizza l-isfidi tas-sigurtà u tipproteġi n-nies tagħha. Il-finanzjament immirat tagħna jagħti s-setgħa lill-industriji Ewropej biex jirreaġixxu għal theddid li qed jevolvi u jappoġġaw Ewropa sigura u awtonoma.”

**Timo Kiiha,** kap tas-self lis-settur pubbliku (l-Awstrija, il-Ġermanja u l-pajjiżi Nordiċi), Attivitajiet tal-BEI

# IT-TRASFORMAZZJONI TA' ESBJERG

## Port Daniż se jaqdi bastimenti militari u lill-industrija eolika lil hinn mill-kosta

Il-port ta' Esbjerg, li għandu 156 sena biss, huwa relattivament ġdid meta mqabbel ma' ħafna oħrajn fid-Danimarka jew madwar l-Ewropa li ilhom attivi għal mijiet jew saħansitra eluf ta' snin. Madankollu, matul il-ħajja relattivament qasira tiegħu fuq il-kosta tal-Punent tad-Danimarka, Esbjerg għadda minn għadd ta' reinkarnazzjonijiet biex jaqdi industriji differenti – mill-bhejjem fis-seklu 19, għas-sajd fis-snin 20 u żejt u gass lil hinn mill-kosta fis-snin 60 u fis-snin 70. Issa, hekk kif l-Ewropa qed taffaċċja sfidi ġodda li jvarjaw mid-dekarbonizzazzjoni għal theddid ġeopolitiku, Esbjerg qed jerġa' jittrasforma ruħu.

"Bdejna naraw il-bidla ġejja xi ftit ta' snin ilu," jgħid Dennis Pedersen, id-direttur tal-port. "Il-parks eoliċi lil hinn mill-kosta fil-Baħar tat-Tramuntana huma ċentrali għat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Ewropa, iżda jeħtieġ li nagħmlu investimenti infrastrutturali sinifikanti biex dan iseħħ."

"Imbagħad fl-2022 wara li r-Russja invadiet l-Ukrajna, indunajna li l-inkwiet tagħna ma kienx biss id-dekarbonizzazzjoni iżda wkoll is-sigurtà tal-Ewropa."

Esbjerg diġà għandu rwol importanti fl-industrija eolika lil hinn mill-kosta, fejn kumpaniji Daniżi bħal Vestas huma leaders fl-industrija. Fil-fatt, il-port, li huwa parti min-Network trans-Ewropew tat-trasport b'konnessjonijiet ferrovjarji u tat-toroq tajbin ħafna, diġà kien faċilità ewlenija għal xi 59 proġett eoliku lil hinn mill-kosta fil-Baħar tat-Tramuntana.

### Lest biex jikber aktar...

Iżda t-turbini tar-riħ lil hinn mill-kosta qegħdin dejjem jikbru. U jkomplu jikbru.

Ir-roundabouts fit-toroq li jwasslu għall-port diġà ġew adattati biex jippermettu vetturi twal ħafna jsuqu dritt minn ġo fihom. Il-pali tat-turbini l-ġodda fir-reġjun magħruf għar-riħ, madankollu, issa saru jkunu aktar minn 100 metru twal, li jfisser li t-turbini l-ġodda għandhom dijametru u għoli madwar id-doppju ta' dawk ta' qabilhom. Jiġifieri huma ogħla mit-torri "Gherkin" f'Londra.

It-trasport u l-assemblaġġ ta' strutturi kbar bħal dawn jeħtieġu faċilitaijiet speċjali u ħafna spazju. Biex jilqa' għal dan, il-port ta' Esbjerg qed jinvesti f'terminal ġdid ta' 57 ettaru, żona akbar minn 106 grawnds tal-futbol.

### ...u jinżel aktar fil-fond

Biex jaqdi aħjar il-ħtiġijiet tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa, il-port qed jagħmel il-kanal tan-navigazzjoni tiegħu aktar fond.

Il-bastimenti tan-NATO użaw il-port fil-passat biex idaħħlu vetturi blindati bħal karrijiet armati M1 Abrams u vetturi tal-ġlied tal-infanterija M2 Bradley mill-Istati Uniti. F'Ġunju ta' din is-sena, il-port immaniġġja aktar minn 700 vettura mill-1st Armored Brigade Combat Team tal-Armata Amerikana, u aktar minn 300 oġġett għall-81st Stryker Brigade tal-Gwardja Nazzjoniali tal-Armata Amerikana fl-2021.

Iżda l-kanal tan-navigazzjoni tal-port huwa baxx wisq biex jilqa' l-bastimenti tat-trasport meta dawn jaslu kompletament mgħobbija jew waqt il-mareat baxxi.

> “Il-popolarità tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta se ddum għal bosta deċennji.”

## Investiment b’użu doppju

Għall-port ta’ Esbjerg, il-fokus doppju għandu diversi benefiċċji.

“Il-popolarità tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta se ddum għal bosta deċennji,” jgħid Pedersen. “Il-pjan ta’ investiment tagħna mhux biss se jgħinna nikkonsolidaw il-pożizzjoni tagħna fis-settur u ngħinu t-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Ewropa. Se jippreparana wkoll għal dak li jiġri wara, billi niftħu rotot ġodda lejn l-Istati Uniti.”

Bit-tisħiħ tar-rwol tiegħu bħala ċentru tat-trasport tan-NATO, il-port jikseb aċċess għal finanzjament sinifikanti mill-Unjoni Ewropea u l-fergħa ta’ investiment tagħha, il-Bank Ewropew tal-Investiment. Dan jinkludi għotjiet mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Gvern Daniż u self ta’ €115-il miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment, li warrab €8 biljun biex jappoġġa l-Inizjattiva Strateġika tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà Ewropea.

## Investiment għas-sigurtà u d-difiża

Il-gvernijiet tal-UE jridu li l-Bank Ewropew tal-Investiment iżid l-appoġġ tiegħu għas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa. B’riżultat ta’ dan, il-Bank ta prijorità lill-appoġġ għas-settur, billi adatta l-kriterji ta’ self u l-proċessi interni tiegħu, kif ukoll warrab aktar fondi. Fl-2024, nieda punt uniku ta’ servizz għal proġetti ta’ sigurtà u difiża biex jagħmilha aktar faċli għall-kumpaniji biex jaċċessaw il-finanzjament u s-servizzi ta’ konsulenza tiegħu.

“Dan huwa każ ċar ta’ użu doppju,” jgħid Txema Urrutia Aldama, speċjalista fis-settur tat-trasport fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment. “Fil-fatt, probabbilment huwa l-ewwel proġett kbir ta’ infrastruttura b’użu doppju li appoġġajna.”

## IL-PUNT UNIKU TA’ SERVIZZ TAL-BEI GĦAS-SIGURTÀ U D-DIFIŻA

Bħala parti mill-Pjan ta’ Azzjoni tiegħu għas-Sigurtà u d-Difiża ta’ Mejju 2024, il-Bank Ewropew tal-Investiment waqqaf punt uniku ta’ servizz għas-sigurtà u d-difiża, li jinkludi Uffiċċju apposta għas-Sigurtà u d-Difiża u network ta’ Promoturi tad-Difiża minn madwar il-Grupp tal-BEI. L-inizjattiva toffri appoġġ finanzjarju simplifikat, assistenza esperta u aċċess imtejjeb għall-finanzjament tal-Grupp tal-BEI fis-settur Ewropew tas-sigurtà u d-difiża. L-għan huwa li jitħaffef l-investiment u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament ta’ €6 biljun li għadu disponibbli taħt l-Inizjattiva Strateġika għas-Sigurtà Ewropea (SESI), u li jkompli jissaħħaħ l-appoġġ tal-Grupp tal-BEI għas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa. Peress li jipprovdi punt ta’ dħul uniku għall-klijenti u l-partijiet ikkonċernati esterni, il-punt uniku ta’ servizz jissimplifika u jiffaċilita l-aċċess għall-firxa sħiħa ta’ għarfien espert finanzjarju u tekniku tal-Grupp tal-BEI. Huwa miftuħ għal kwalunkwe ditta jew innovatur domiċiljat fl-UE attiv fl-industrija tas-sigurtà u d-difiża. Minn Mejju sa Ottubru 2024, diġà pproċessa ’l fuq minn 200 talba minn klijenti potenzjali li kienu qed ifittxu kjarifiki dwar definizzjonijiet, l-eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet ta’ finanzjament permezz tas-sit web iddedikat tiegħu.



**€38.2 biljun**

L-immodernizzar tal-konnessjoni bil-ferrovija lejn Gdynia huwa kruċjali għall-ekonomija tal-Polonja.

# 4

# POLITIKA TA' KOEŻJONI MODERNA

“Il-politika ta' koeżjoni hija l-kolla li żżomm is-soċjetajiet tagħna flimkien. Aħna għandna rwol ċentrali fit-trawwim tal-koeżjoni madwar l-Unjoni Ewropea billi niffinanzjaw proġetti li jnaqqsu d-disparitajiet reġjonali, jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u jsaħħu l-integrazzjoni ekonomika u soċjali.”

**Romolo Isaia,** kap tas-self għall-korporattivi Sloveni, Kroati u Taljani, Attivitajiet tal-BEI

“Il-proġetti tagħna ta' infrastruttura tat-trasport fir-reġjuni ta' koeżjoni jġibu opportunitajiet ekonomiċi ġodda għall-popolazzjoni. Il-modernizzazzjoni tal-ferrovija bejn Koscierzyna u Gdynia, pereżempju, tipprovdi kapaċità addizzjonali għall-merkanzija bejn il-port u ż-żona ta' kummerċ tiegħu. Ir-riżultat: żvilupp ekonomiku u fl-istess waqt impronta tal-karbonju iżgħar u inqas dipendenza fuq mezzi ta' trasport li jniġġsu aktar. Dan jagħmel iċ-ċentri urbani aktar aċċessibbli għall-popolazzjoni taż-żoni suburbani u rurali tul il-linja u jiffaċilita l-mobbiltà nadifa.”

**Max Jensen,** kap tal-mobbiltà, Proġetti tal-BEI

“Il-kontribut tagħna għall-koeżjoni jappoġġa investimenti bħal infrastruttura ġdida għall-kultura u l-mużika fil-belt ta' Ostrava. Il-belt Ċeka batiet b'mod sinifikanti mit-tranżizzjoni għal ekonomija b'karbonju baxx bl-għeluq tal-minjieri u r-reċessjoni fl-industrija peżanti. Qegħdin nappoġġaw ċentru għall-industrija kulturali u dik kreattiva biex nikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni ta' żvilupp ekonomiku ġdid fir-Reġjun tas-Silesia Moraviana.”

**Manuel Dueñas,** kap tas-self lis-settur pubbliku għall-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk

# DEĊIŻJONI IEBSA

## Il-bini mill-ġdid ta' Ischia wara terremot u uqigħ tal-art devastanti

L-uqigħ tal-art għadu memorja friska f'Casamicciola Terme fuq il-gżira ta' Ischia fil-Golf ta' Napli. "Mill-ewwel kien ċar li kienet seħħet traġedja," jgħid is-Sindku Giosi Ferrandino. "L-ammont ta' radam u tajn li wasal saċ-ċentru tal-belt uriena l-kobor tal-uqigħ tal-art u d-devastazzjoni li kkawża fuq l-għolja." Xita qawwija fuq il-Muntanja Epomeo fl-2022 qanqlet l-uqigħ tal-art, li kines djar u kaxkar il-karozzi sal-baħar, u ħasad il-ħajja ta' 12-il persuna, inkluża tarbija ta' tliet ġimgħat. U dan seħħ biss ħames snin wara terremot ta' skala 4.0 li heżżeż lil Ischia kollha, qatel żewġ nisa u ġiegħel lil eluf ta' residenti jevakwaw.

Il-bini mill-ġdid wara t-terremot u l-uqigħ tal-art huwa biċċa xogħol enormi. "Qed ngħinu lil Ischia, billi niżguraw li l-fondi jkunu disponibbli għall-Gvern Taljan meta jkunu meħtieġa għall-proċess ta' bini mill-ġdid," tgħid Claudia Barone, uffiċjal ewlieni tas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadmet fuq is-self ta' €150 miljun iffirmat mal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi tal-Italja f'Novembru 2024, biex terġa' tinbena l-infrastruttura pubblika u l-bini privat milquta mit-terremot u mill-għargħar. Dan huwa l-ewwel porzjon ta' pakkett finanzjarju ta' €1 biljun.

### Bini mill-ġdid aktar sikur, reżiljenti u sostenibbli

Ischia hija gżira idillika, magħrufa għan-nixxigħat termali, il-bajjiet mhux mittiefsa u x-xenarju mill-isbaħ tagħha. Iżda hija wkoll suxxettibbli għat-terremoti. Il-problema kibret f'dawn l-aħħar snin peress li nbnew djar u bini illegali f'żoni ristretti jew riskjużi, inkluż fil-qigħan tax-xmajjar. Dan għamilha aktar diffiċli għall-art u għas-siġar li jassorbu l-ilma, u dan jikkawża l-għargħar. Il-passaġġi tal-ilma naturali li suppost jiskulaw l-art ġew imblukkati mill-bini u ma tnaddfux, bir-radam dejjem jinġabar.

Casamicciola Terme hija partikolarment vulnerabbli għall-uqigħ tal-art. Il-bini mill-ġdid ilu għaddej sena. Ħafna mit-8 000 resident se jkunu jistgħu jibnu darhom mill-ġdid. Iżda 20 % se jkollhom jirrilokaw xi mkien ieħor fuq il-gżira. "Hija deċiżjoni iebsa, imma għas-sikurezza taċ-ċittadini," jgħid Giovanni Legnini, il-kummissarju straordinarju għar-rikostruzzjoni ta' wara t-terremot u l-kummissarju delegat għall-emerġenza tal-uqigħ tal-art f'Ischia.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment offra lill-awtoritajiet lokali studju innovattiv li janalizza r-riskji u l-vulnerabbiltajiet minħabba l-klima. Dan l-istudju – l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fl-Italja – jirrakkomanda wkoll modi sostenibbli ta' kif il-bini mill-ġdid jiġi ppjanat, iddisinjat u implimentat. "Ischia qed tibni mill-ġdid billi tnaqqas ir-riskji li wasslu għad-diżastru oriġinali, u fl-istess waqt toħloq impatt pożittiv fil-proċess," jgħid l-inġinier ewlieni fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment Marco Cecchetto.

# TRANŻIZZJONI FUQ IL-BJUT

## Il-kumpanija tal-loġistika WDP tgħammar l-imħażen tagħha bi stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi u pannelli solari fuq il-bjut, biex tgħin lill-kerrejja jaqilbu għall-enerġija ekoloġika

Warehouses de Pauw (WDP), kumpanija ewlenija tal-loġistika tal-proprjetà immobbli bbażata fil-Belġju, installat l-ewwel pannelli solari tagħha fuq il-bjut tal-imħażen tagħha fl-2008. "Id-daqsijiet tal-installazzjonijiet li konna qegħdin narmaw kienu pjuttost żgħar u ma kinux jgħattu l-bejt kollu," tgħid Charlotte De Troyer, il-maniġer tal-finanzi korporattivi ta' WDP, li tispjega li l-kerrejja ma kinux qed jużaw daqstant elettriku dak iż-żmien. Iżda meta d-domanda għall-elettriku żdiedet, parzjalment kawża tal-kriżi tal-enerġija wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022, WDP iddeċidiet li tibdel l-istrateġija tagħha. "L-operazzjonijiet tal-loġistika qed ikunu dejjem aktar elettrifikati, b'mod partikolari t-trasport," tgħid De Troyer. "Peress li din it-tranżizzjoni qed isseħħ, id-domanda għall-elettriku se tittriplika jew tikkwadrupla fis-snin li ġejjin."

Biex tissodisfa din id-domanda, WDP qed tinstalla pannelli solari fuq il-wiċċ kollu tal-bjut tal-imħażen tagħha fir-Rumanija, fil-Belġju u fin-Netherlands. L-installazzjonijiet se jżidu l-produzzjoni solari ta' WDP sa 350 MW sal-2027 meta mqabbla ma' 180 MW fil-bidu tal-2024. WDP qiegħda tinstalla wkoll 480 stazzjon tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi fl-imħażen tagħha, biex tħaddem trakkijiet li jġorru l-merkanzija lejn u miċ-ċentri tal-loġistika tagħha.

Din ix-xorta ta' infrastruttura hija għalja, għalhekk il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €250 miljun ma' WDP f'Lulju biex tiffinanzja l-proġett.

### L-ekoloġizzazzjoni tal-katina tal-provvista Ewropea

Meta WDP tipproduċi enerġija ekoloġika fuq il-bjut tagħha, tbigħha lill-kerrejja tagħha. Għalkemm it-tħaddim tal-imħażen infushom b'dan l-elettriku jirriżulta fi tnaqqis żgħir tal-emissjonijiet tal-karbonju, l-impatt jista' jkun kbir jekk jintuża biex iħaddem il-vetturi ta' kunsinna elettriċi. "Dawn ikollhom trakkijiet deħlin u ħerġin, allura jekk nistgħu ngħinu lil dawn il-klijenti jelettrifikaw it-trasport tagħhom, dan ikun pass sinifikanti," tgħid De Troyer.

Proġetti bħal dak ta' WDP se jkollhom rwol ċentrali fl-għajnuna lill-Ewropa biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju u tilħaq in-newtralità karbonika sal-2050. Il-proġett ta' WDP huwa wieħed minn diversi proġetti ta' installazzjonijiet solari li l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma dan l-aħħar ma' kumpaniji tal-loġistika. David González García, inġinier ewlieni għall-programmi ta' tranżizzjoni tal-enerġija fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment, jaqbel. "Dak li jagħmlu speċjali huwa li qed tuża art li diġà qed tintuża, allura ma tkunx qed tokkupa art ġdida," huwa jgħid. "Għandek il-maħżen u kemm tpoġġi pannelli solari fuq il-bejt tiegħu. Għandu wkoll il-kapaċità biex effettivament jgħin il-grilja elettrika."

> **"Id-domanda għall-elettriku se tittriplika jew tikkwadrupla fis-snin li ġejjin."**

# L-ESPANSJONI TAL-ENERĠIJA EKOLOĠIKA

## Elektro Ljubljana tibda l-modernizzazzjoni tal-grilja tagħha u taċċellera t-tranżizzjoni enerġetika

Elektro Ljubljana, l-akbar network tad-distribuzzjoni tal-elettriku fis-Slovenja, bdiet il-kompitu diffiċli li timmodernizza u tespandi l-grilja nazzjonali biex jintlaħqu l-miri tal-klima tal-pajjiż. B'infrastruttura tal-elettriku li tkopri 30.4 % tal-pajjiż, Elektro Ljubljana tilħaq kull parti taċ-ċentru u tax-Xlokk tas-Slovenja. "Bl-investimenti ppjanati, qed nippermettu l-iżvilupp ta' network ta' distribuzzjoni elettrika anke f'żoni remoti," jgħid Urban Likozar, president tal-bord ta' tmexxija. "B'dan il-mod, niffaċilitaw il-progress ekonomiku u soċjali ta' dawn il-partijiet ta' pajjiżna, li inkella jiżviluppaw aktar bil-mod miċ-ċentri urbani."

Huwa pass importanti għas-Slovenja, li għamlet progress qawwi fl-enerġija rinnovabbli. L-idroenerġija u x-xemx jikkontribwixxu sehem dejjem akbar mill-elettriku tagħha. Il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-pajjiż jimmira għal tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2033 imqabbla mal-livelli tal-2005, u jimmira għal 33 % tal-konsum totali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli sal-2030.

> **"In-nies se jsiru aktar involuti fil-ġestjoni tal-konsum tal-enerġija tagħhom."**

"Wieħed mill-aktar aspetti konvinċenti ta' dan il-proġett huwa r-rwol tiegħu fl-indirizzar tal-ħtieġa urġenti tas-Slovenja ta' infrastruttura tal-enerġija li tista' tintegra sorsi rinnovabbli, speċjalment sistemi fotovoltajċi solari," tgħid Katja Belsak, uffiċjal ewlieni tas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment. "Iż-żieda rapida fl-installazzjonijiet fotovoltajċi poġġiet pressjoni enormi fuq il-grilja, u kkawżat dewmien u rifjuti f'reġjuni b'infrastruttura mgħobbija żżejjed."

Dan huwa partikolarment minnu f'żoni remoti. F'Settembru 2024, il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €50 miljun lil Elektro Ljubljana biex tespandi u taġġorna n-network ta' distribuzzjoni tal-enerġija fil-partijiet ċentrali u tax-Xlokk tal-pajjiż.

### Spinta lill-enerġija rinnovabbli

Elektro Ljubljana se taġġorna l-linji tal-elettriku fl-ajru, tinstalla kejbils taħt l-art u tirranġa transformers u substazzjonijiet. Apparat bħal miters intelliġenti, stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi u pompi tas-sħana se jimmaniġġjaw aħjar il-ħtiġijiet tal-enerġija permezz ta' enerġija nadifa u għodod diġitali. "In-nies se jsiru aktar involuti fil-ġestjoni tal-konsum tal-enerġija tagħhom, billi jallinjaw l-użu ta' kuljum tagħhom mal-għanijiet klimatiċi," tgħid Belsak. "Din ir-rabta bejn it-titjib fl-infrastruttura lokali u l-għanijiet klimatiċi globali hija pass prattiku u ta' ispirazzjoni lejn l-iżvilupp sostenibbli."

Dan il-proġett se jgħin lis-Slovenja fit-tranżizzjoni lejn enerġija aktar nadifa, inaqqas l-impatt ambjentali, u jagħmilha aktar faċli biex jintuża l-elettriku fit-trasport, fl-industrija u f'setturi oħrajn. Il-grilja elettrika tas-Slovenja se ssir aktar affidabbli u effiċjenti, filwaqt li l-prezzijiet tal-elettriku jinżammu affordabbli. Se jappoġġa wkoll il-koeżjoni ekonomika u soċjali billi jiżgura aċċess ugwali għal infrastruttura moderna tal-enerġija madwar is-Slovenja.

# BINARJI SAL-BAĦAR

## Kumpanija Pollakka taġġorna u telettrifika linja ferrovjarja ta' 90 km, u b'hekk tagħti spinta lit-trasport tal-merkanzija lejn Gdynia u t-trasport tal-passiġġieri lejn il-port u r-reġjun usa'

Aleksandra Merchel-Koter trabbiet tisma' stejjer dwar ix-xogħol li missierha u nannuha għamlu fuq il-ferrovija. "Il-ferroviji ilhom f'demmi minn meta kont żgħira," hija tgħid. Għalhekk għażlet li timxi fuq il-passi tagħhom, u kisbet lawrja fl-inġinerija tal-binarji ferrovjarji mill-Università tat-Teknoloġija ta' Gdańsk. Illum, bħala direttur tal-proġetti fil-PKP Polskie Linie Kolejowe, hija tixtieq ittejjeb in-network ferrovjarju tal-Polonja u tagħmlu aktar konness. Merchel-Koter ilha taħdem għal aktar minn għaxar snin fuq proġett li huwa qrib qalbha u qrib darha – l-immodernizzar tad-90 km tal-Linja 201, li tgħaqqad il-bliet ta' Koscierzyna u Gdynia fit-Tramuntana tal-Polonja. Dan il-proġett għandu l-għan li jżid it-tieni binarju u jelettrifika l-linja, u b'hekk itejjeb it-trasport tal-merkanzija lejn il-port traffikuż ta' Gdynia. Dawn il-bidliet se jgħinu wkoll biex tonqos il-konġestjoni fuq ir-rotot paralleli u jitjieb it-trasport għar-residenti lokali. "Il-linja nbniet fis-snin 20, u inizjalment kienet ippjanata li tkun b'binarju doppju," tispjega Merchel-Koter. "Dak li qed nagħmlu llum huwa li nirrestawraw l-iskop oriġinali tagħha."

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa l-proġett b'self ta' €480 miljun, li ġie ffirmat f'Lulju 2024. Il-proġett huwa fażi ewlenija f'aġġornament tal-linji ferrovjarji f'diversi stadji, li se jgħaqqad lil Bydgoszcz mar-reġjun tat-tlett ibliet ta' Gdańsk, Sopot u Gdynia.

### Linja vitali għat-Tramuntana tal-Polonja

L-immodernizzar tal-Linja 201 se jippermetti li jivvjaġġaw aktar ferroviji u b'veloċitajiet ogħla. Dan huwa possibbli minħabba l-binarji doppji, li jżid it-tieni sett ta' binarji paralleli għal dawk eżistenti, u b'hekk il-ferroviji jivvjaġġaw fiż-żewġ direzzjonijiet fl-istess ħin. "Konnessjoni b'saħħitha mal-port ta' Gdynia hija kruċjali, mhux biss għar-reġjun iżda għan-nazzjon kollu," tgħid Merchel-Koter.

> **"Konnessjoni b'saħħitha mal-port ta' Gdynia hija kruċjali... għan-nazzjon kollu."**

Is-self tal-Bank Ewropew tal-Investiment se jippermetti lil PKP Polskie Linie Kolejowe tkompli l-proġett ambizzjuż tagħha. Dan l-investiment se jgħin lill-kumpanija tibni stazzjonijiet ġodda u taġġorna dawk eżistenti, u jiffaċilita l-installazzjoni futura tas-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji – sistema ta' sinjalar ferrovjarju standardizzata mfassla biex ittejjeb is-sikurezza, l-interoperabbiltà u l-effiċjenza tal-linji ferrovjarji Ewropej. "Il-proġett iħeġġeġ aktar nies jivvjaġġaw bil-ferrovija u jċaqlaq it-traffiku tal-merkanzija mit-toroq għall-ferrovija," jgħid Adam Gephard, uffiċjal tas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-ftehim. "Peress li jinsab f'żoni inqas żviluppati, se jgħin biex jagħti spinta lill-iżvilupp reġjonali u jipprovdi aċċess aħjar għal trasport sostenibbli."



# €8.7 biljun

Meta l-industrija tal-minjieri tagħha għalqet, Ostrava tħabtet biex issib identità ġdida. Proġett ġdid urban iħaddan il-patrimonju kulturali tal-belt Ċeka u jħares lejn il-futur.

# 5

# INFRASTRUTTURA SOĊJALI

“Kull sena, nibnu bliet reżiljenti għall-ġenerazzjonijiet futuri, nibnu akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, u nipprovdu servizzi urbani u sostenibbli. Aħna naħdmu mill-qrib mas-sħab bankarji tagħna fuq investimenti strateġiċi fl-infrastruttura ewlenija, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni madwar l-Ewropa. Jien kburija li nara l-ħidma tagħna tradotta fi proġetti li jiġġeneraw tkabbir ekonomiku, impjiegi u progress għall-benefiċċju tal-Ewropej kollha.”

**Gemma Feliciani,** kap tal-istituzzjonijiet finanzjarji, Attivitajiet tal-BEI

“L-investiment fl-edukazzjoni ta’ uliedna – fi kliem ieħor il-futur tagħna – huwa opportunità unika biex negħlbu l-isfidi għall-prosperità u l-libertà tagħna. Il-Bank għandu rwol fundamentali fl-appoġġ għal-livelli kollha tal-edukazzjoni u fit-titjib tal-ħiliet tal-istudenti Ewropej. Qegħdin naraw ħtieġa dejjem akbar li ninvestu fl-edukazzjoni ogħla, speċjalment l-akkomodazzjoni għall-istudenti, biex nipprovdu lill-istudenti minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati b’opportunità li jkomplu jistudjaw u jisfruttaw it-talent tagħhom bis-sħiħ.”

**Patricia Castellarnau,** kap tal-edukazzjoni u r-riċerka pubblika, Proġetti tal-BEI

# KMAMAR FEJN NIKBRU

## L-istudenti f'Ċipru jbatu biex isibu akkomodazzjoni affordabbli. Università u muniċipalità qegħdin jibnu akkomodazzjoni sostenibbli sabiex jindirizzaw il-problema

Konstantinos Karseras ried imur jgħix Limassol biex jibda jistudja l-arti multimedjali u l-grafika fl-Università tat-Teknoloġija ta' Ċipru. Iżda l-lockdowns tal-pandemija tal-COVID-19 ġegħluh iħassar il-pjan tiegħu. Sal-2022, meta l-università reġgħet fetħet il-bibien tagħha, Konstantinos iltaqa' ma' problema mhux mistennija – dik li jsib post fejn jgħix f'Limassol. "Għamilt tliet xhur nivvjaġġa kuljum minn Paphos għal Limassol biex nattendi l-lezzjonijiet u nkun nista' nkompli l-istudji tiegħi," huwa jgħid. "Kelli nagħmel dan għax ma kienx hemm ħafna appartamenti disponibbli, jew ma kinux affordabbli għalina l-istudenti."

Wara xhur ifittex, Konstantinos fl-aħħar irnexxielu jsib akkomodazzjoni. Madankollu, mijiet ta' studenti li jinkitbu fl-università kull sena jaffaċċjaw l-istess problema. Għalhekk l-Università tat-Teknoloġija ta' Ċipru ddeċidiet li tibni akkomodazzjoni affordabbli għall-istudenti u taġġorna l-faċilitajiet tal-kampus tagħha fil-bliet ta' Paphos u Limassol. Il-proġett se jipprovdi aktar minn 700 residenza ġdida għall-istudenti u se jespandi l-faċilitajiet akkademiċi, ta' riċerka u dawk sportivi tal-università. "B'din l-inizjattiva se nakkomodaw terz tal-istudenti tagħna li għadhom ma ggradwawx, u nilħqu l-ogħla disponibbiltà ta' dormitorji fost l-universitajiet f'Ċipru," jgħid Panayiotis Zaphiris, ir-rettur tal-università.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €125 miljun fl-2024 biex jgħin lill-università u lill-muniċipalità ta' Paphos bil-proġetti ambizzjużi tagħhom, u biex jiżguraw li l-akkomodazzjoni ppjanata għall-istudenti tkun sostenibbli u tilħaq l-ogħla standards.

"L-istudenti huma kuntenti ħafna," jgħid Karseras, li issa qed jirrappreżenta lill-istudenti fuq il-bord tal-università biex jgħin lil dawk li jaffaċċjaw l-istess problema. "Il-fatt li l-università tipprovdi l-akkomodazzjoni minbarra l-edukazzjoni huwa wieħed mill-aktar aspetti attraenti biex wieħed ikompli l-istudji llum."

### Akkomodazzjoni għall-istudenti madwar il-kontinent

Fl-2024, il-Fond tal-Investiment Ewropew investa aktar minn €50 miljun biex jappoġġa l-iżvilupp ta' akkomodazzjoni għall-istudenti fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant. Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffinanzja proġetti kbar oħra ta' akkomodazzjoni għall-istudenti, li jenfasizza l-importanza dejjem tikber tal-kwistjoni. Dawn il-proġetti jinkludu:

- il-bini u r-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet amministrattivi, akkademiċi u ta' riċerka, kif ukoll akkomodazzjoni ġdida għall-istudenti fl-Università ta' Camerino fl-Italja;
- il-modernizzazzjoni tal-Università tal-Mediċina u tal-Farmaċija f'Iasi, ir-Rumanija, flimkien mal-bini ta' akkomodazzjoni ġdida għall-istudenti u faċilitajiet għar-riċerka;
- ir-rinnovazzjoni, l-estensjoni u l-bini ta' faċilitajiet edukattivi fir-reġjun tal-Katalonja fi Spanja;
- il-bini u r-rinnovazzjoni ta' skejjel sekondarji fir-Rhône, Franza.

# ĦAFNA KMAMAR GĦALL-KIRI

## Id-distrett l-antik ta' Nordbahnhof fi Vjenna juri għaliex l-Awstrija qiegħda fuq quddiem nett fl-akkomodazzjoni affordabbli

F'depost tal-merkanzija abbandunat ta' 85 ettaru biswit l-istazzjon tal-ferrovija l-antik imwaqqa' tat-Tramuntana ta' Vjenna jinsab wieħed mill-akbar proġetti ta' żvilupp urban mill-ġdid fl-Ewropa Ċentrali. Il-viċinat il-ġdid jospita uffiċċji, ristoranti, spazji ħodor, ċentru tal-konvenzjonijiet u parkeġġ pubbliku li jaħdem kompletament bil-pannelli solari tiegħu stess, kif ukoll eluf ta' appartamenti mibnija madwar park ta' 10 ettari li tħalla jikber fi stat naturali. F'ħafna bliet, appartamenti fi żvilupp ġdid ta' profil għoli bħal dan ma jkunux affordabbli għan-nies b'salarji medji. Iżda persentaġġ kbir tar-residenzi l-ġodda fid-distrett riġenerat tan-Nordbahnhof huma affordabbli għan-nies regolari ta' Vjenna. "Vera napprezza li ngħix f'viċinat ċentrali u sabiħ b'ħafna serenità u seħer," tgħid Nathalie Stevanovic, li tgħix f'appartament proprjetà ta' Österreichisches Volkswohnungswerk (ÖVW), sussidjarja tal-Erste Bank tal-Awstrija u waħda mill-akbar sidien tal-belt, fi żvilupp parzjalment iffinanzjat mill-Bank Ewropew tal-Investiment. "Jattira b'mod partikolari lill-ġenerazzjoni żagħżugħa."

Id-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni affordabbli fi Vjenna u bliet Awstrijaċi oħra hija r-riżultat ta' sistema mfassla bir-reqqa li taħtha kważi nofs il-popolazzjoni tikri aktar milli tixtri darha stess. Fi Vjenna l-proporzjon ta' kerrejja jitla' sa 75 %.

### Riċetta Awstrijaka

> "Jattira b'mod partikolari lill-ġenerazzjoni żagħżugħa."

Parti ċentrali tal-approċċ Awstrijak hija l-idea ta' assoċjazzjonijiet ta' akkomodazzjoni bi qligħ limitat, li jipprovdu akkomodazzjoni għall-kiri b'rati tipikament 25 % inqas mill-valur tas-suq. Żewġ fatturi oħrajn jikkontribwixxu għas-suċċess tal-akkomodazzjoni fl-Awstrija: l-aċċess għal art affordabbli u struttura ta' finanzjament stabbli. L-iżviluppaturi jiksbu aċċess għal art tajba ħafna, spiss minn spazji pubbliċi adattati bħal dik li qabel kienet id-depost ferrovjarju, bil-patt li jiddedikaw sa 75 % tal-proġetti tagħhom għal akkomodazzjoni affordabbli. Dan jiżgura provvista kostanti ta' unitajiet affordabbli fi żviluppi ġodda. Sadanittant, self fit-tul, b'imgħax fiss, bħal dak ipprovdut mill-Bank Ewropew tal-Investiment b'rati vantaġġużi, jipprovdi l-istabilità finanzjarja meħtieġa biex il-kirjiet jinżammu baxxi. "L-għan korporattiv tagħna huwa li nipprovdu akkomodazzjoni affordabbli," jgħid Andreas Reittinger, direttur maniġerjali ta' ÖVW. "Finanzjament prevedibbli fit-tul huwa partikolarment importanti sabiex inkunu nistgħu niggarantixxu kirjiet affidabbli, anke meta r-rati tal-imgħax jogħlew."

Il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Erste Bank iffirmaw aktar minn nofs biljun euro f'self matul l-aħħar ħames snin għal proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli, flimkien ma' self ta' €100 miljun biex jinbnew djar effiċjenti fl-enerġija u biex jiġu rrinnovati dawk eżistenti. Fl-2024, il-Bank Ewropew tal-Investiment qabel li jsellef €175 miljun lis-Salzburger Sparkasse u lit-Tiroler Sparkasse, it-tnejn parti mill-Erste Bank Group, għal appartamenti għall-kiri affordabbli u effiċjenti fl-enerġija f'Salzburg u f'Innsbruck.

# L-ENCORE TA' OSTRAVA

## Ostrava tinbidel b'sala tal-kunċerti tal-ogħla livell u Dar Kulturali li ttrasformaw il-belt f'metropoli moderna

Ostrava hija belt karatterizzata mill-ispirtu pragmatiku tagħha, bin-nies tagħha magħrufa li huma diretti u determinati. Dan l-approċċ dirett attira lil Jan Žemla, id-direttur maniġerjali tal-Janáček Philharmonic ta' Ostrava, mal-wasla tiegħu fil-belt. Konvint ħafna mis-setgħa li għandha l-mużika biex iġġib il-bidla, ġietu l-ispirazzjoni li jibda proġett ġdid li jerġa' jħabbat il-qalb kulturali ta' Ostrava.

Il-vjaġġ beda meta Žemla skopra li l-orkestra kienet qiegħda tipprattika fid-Dar Kulturali, bini li nfetaħ għall-ewwel darba fil-bidu tas-snin 60. "Il-bini kien teknikament wasal fl-aħħar; kellu bżonn jinbena mill-ġdid," jiftakar Žemla. "Kien hemm diversi problemi tekniċi, bħall-elettriku u l-ilma, li kienu jagħmluha diffiċli għalina li ndoqqu u nippreparaw. Aktar kruċjali minn hekk, ma kellux l-akustika essenzjali għal orkestra."

> **"Hija kwistjoni ta' dikjarazzjoni ta' direzzjoni ġdida għal Ostrava."**

L-orkestra magħrufa msemmija għall-kompożitur Janáček kienet teħtieġ post ta' akkoljenza ġdid u Žemla talab l-appoġġ tal-awtoritajiet lokali biex dan isir realtà. Dan ta bidu għar-rinnovazzjoni tad-Dar Kulturali u l-espansjoni tagħha b'sala tal-kunċerti ġdida. Il-post il-ġdid se jgħaqqad akustika kontemporanja ma' preservazzjoni storika, filwaqt li joffri spazju b'1 300 siġġu ddisinjat biex jippromwovi attivitajiet kulturali u edukattivi. "L-għan tagħna huwa li noħolqu xi ħaġa li mhux biss isservi lill-komunità iżda wkoll tpoġġi lil Ostrava fuq il-mappa kulturali tal-Ewropa," huwa jgħid.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa dan il-proġett b'self ta' CZK 2 biljun (€84 miljun) lill-belt ta' Ostrava, li ġie ffirmat f'Lulju 2024.

### Appoġġ lil reġjun fi tranżizzjoni

Il-ħolqien ta' sala tal-kunċerti tal-ogħla livell, flimkien mar-rinnovazzjoni ta' Dar Kulturali enormi, jirrikjedi finanzjament sostanzjali, ippjanar metikoluż u żmien konsiderevoli. Il-proġett qed jibbenefika wkoll minn għotja ta' CZK 500 miljun (€21 miljun) mill-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, parti mill-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta.

"Dan huwa proġett ewlieni fiċ-Ċekja, li joħloq preċedent għal proġetti simili madwar il-pajjiż," jgħid Peter Chovan, uffiċjal tas-self tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

Ostrava kienet magħrufa darba bħala l-"qalb sewda" taċ-Ċekja, minħabba l-patrimonju industrijali għani u tal-minjieri tagħha. Meta l-minjieri għalqu fis-snin 90, il-belt tħabtet biex tikseb identità ġdida. "Din mhijiex biss kwistjoni ta' bini ta' sala tal-kunċerti," jgħid Kamil Dörfler, speċjalista ewlieni tal-iżvilupp urban fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li kien involut mill-qrib fl-iżvilupp ta' dan il-proġett. "Hija kwistjoni li tiddikjara direzzjoni ġdida għal Ostrava, waħda li tħaddan il-patrimonju kulturali tagħha filwaqt li tħares lejn il-futur."

# EBDA OSSIMORU

## Bank etiku jappoġġa negozji u proġetti mmexxija min-nisa f'reġjuni ifqar, u jagħti s-setgħa lir-refuġjati madwar l-Italja

l-fatt li kellu jiġi vvintat il-kliem "servizzi bankarji etiċi" għal tip ġdid ta' istituzzjoni ta' self jurik li l-prinċipji morali huma l-aħħar ħaġa li ħafna nies jassoċjaw mas-suġġett tal-banek. Madankollu, ċerti istituzzjonijiet finanzjarji qed jisfidaw dan l-isterjotip u qed jagħtu definizzjoni ġdida lill-kelma "bank" illum. Eżempju tajjeb ħafna huwa Banca Etica. Bħala l-ewwel bank finanzjarju etiku Taljan, għandu l-għan li jibda rivoluzzjoni fis-settur bankarju. Bl-aħħar proġett tiegħu, Banca Etica jrid jgħin lil dawk l-aktar vulnerabbli għall-esklużjoni finanzjarja: nisa, refuġjati u negozji fir-reġjuni inqas żviluppati tal-Italja.

"Aħna nippromwovu l-idea li jekk tpoġġi l-kelma "etiku" wara l-kelma "bank" ma tkunx qed toħloq ossimoru – hija possibbiltà reali u opportunità ta' negozju," jgħid Tommaso Rondinella, li huwa responsabbli għall-mudelli ta' impatt u għall-valutazzjoni soċjoambjentali fi ħdan Banca Etica. "Għalina, huwa l-passat, il-preżent u l-futur tagħna."

Il-proġett il-ġdid ta' Banca Etica huwa mistenni li jistimula investiment ta' €168 miljun u joħloq effett pożittiv fis-soċjetà. Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġah b'self ta' €60 miljun, li ġie ffirmat f'Lulju 2024.

Iċ-ċentri ta' akkoljenza tar-refuġjati għandhom rwol ewlieni biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni soċjali. Iżda spiss ibatu biex jiksbu l-kapital operatorju li għandhom bżonn. Bl-inizjattiva l-ġdida tiegħu, Banca Etica se jipprovdi mill-inqas 30 % tas-self sabiex iżomm iċ-ċentri ta' akkoljenza operattivi għal dawk li jfittxu l-ażil u għar-refuġjati, u jgħin lir-refuġjati jintegraw u jidħlu fis-suq tax-xogħol. "Qed nippruvaw nappoġġaw qafas solidu ta' akkoljenza u integrazzjoni," jgħid Rondinella.

### Appoġġ u garanzija

Il-Bank Ewropew tal-Investiment se joffri wkoll appoġġ tekniku permezz tal-programm ta' Assistenza Teknika għall-Finanzi Soċjali Inklużivi biex jgħin lill-Banca Etica juża r-riżorsi tiegħu b'mod aktar effettiv. Iffinanzjat miċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU, dan il-programm għen madwar 60 istituzzjoni ta' mikrofinanzjament u ta' kreditu f'aktar minn 20 pajjiż tal-UE, b'enfasi fuq investimenti b'impatt soċjali għoli u b'għajnuna fl-ippjanar tal-investiment u l-iżvilupp tal-proġetti.

F'Awwissu 2024, il-Fond Ewropew tal-Investiment daħal fi ftehim ta' garanzija ta' €200 miljun mal-Banca Etica. Ukoll taħt il-programm InvestEU, il-garanzija se tippermetti lill-Banca Etica jespandi l-attivitajiet ta' self tiegħu għal negozji ekoloġiċi li jkollhom l-intenzjoni li jinvestu fi tranżizzjoni ekoloġika u sostenibbli, intrapriżi attivi fis-settur kulturali u dak kreattiv, u setturi differenti, bħal studenti, u intrapriżi attivi fil-provvediment ta' servizzi edukattivi.



**€6.4 biljun**

Il-kumpanija Daniża Matr Foods tagħmel sostitut tal-laħam li jimita t-togħma qawwija u s-sawra tarija tal-laħam mingħajr ma jagħmel ħsara lis-saħħa jew lill-ambjent.

# AGRIKOLTURA U BIJOEKONOMIJA

“ Riżultat ewlieni tal-Patt Ekoloġiku tal-UE huwa t-tranżizzjoni lejn sistema agroalimentari aktar sostenibbli li tipprovdi ikel tajjeb għas-saħħa, fibra, bijoenerġija u bijomassa għal kulħadd. L-enfasi tagħna hija fuq is-sigurtà tal-ikel, ir-reżiljenza tal-ilma u l-protezzjoni tan-natura kif ukoll it-tisħiħ tal-kompetittività. L-impronti ta’ xi katini tal-valur tradizzjonali jeħtieġ li jitnaqqsu għal livelli li jkunu allinjati ma’ perkors b’livell baxx ta’ karbonju għas-settur, filwaqt li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal li jissaħħu r-riżervi tal-karbonju u l-bijodiversità fil-bijomassa u l-ħamrija bħala kumpens għall-emissjonijiet residwi inevitabbli. Kull sena, il-Bank Ewropew tal-Investiment jipprovdi aktar minn €5 biljun f’finanzjament ibbażat fuq self lis-settur, li 70 % minnhom jaslu għand il-bdiewa u negozji żgħar attivi fil-katina tal-valur permezz ta’ linji ta’ kreditu intermedjati li jgħaddu mill-banek. Dan huwa kkomplementat minn investiment addizzjonali ingranat permezz tal-Fond Ewropew tal-Investiment. ”

**Felipe Ortega Schlingmann,** kap tal-bijoekonomija, Proġetti tal-BEI

“ Aħna kommessi lejn soluzzjonijiet ta’ enerġija sostenibbli li jmexxu l-ekonomija ċirkolari ’l quddiem. Bil-konverżjoni tal-iskart agrikolu fi fjuwils rinnovabbli, pereżempju, il-proġetti tagħna jagħtu eżempju ta’ kif il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet f’setturi li diffiċli li jiġu dekarbonizzati b’impronti tal-karbonju għoljin, bħat-trasport bl-ajru u dak marittimu. Il-ħidma tagħna fl-agrikoltura u l-bijoekonomija ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-enerġija tal-Ewropa u toħloq impjiegi ta’ kwalità. ”

**Gilles Badot,** kap tas-self lill-Iberja u lill-Adrijatiku, Attivitajiet tal-BEI

# ĠIBJUN TA' REŻILJENZA

## It-tibdil fil-klima qed jikkawża nixfiet kbar fi Kreta. Iżda proġett ġdid ta' ġibjun u ta' tisqija se jindirizza dawn l-effetti u jerġa' jagħti l-ħajja lill-agrikoltura

F'Amari, muniċipalità fi Kreta fin-Nofsinhar ta' Rethymno, l-istorja, il-kultura u l-ekonomija huma marbuta mal-wied fertili tagħha. Iżda n-nixfiet rikorrenti, li intensifikaw minħabba t-tibdil fil-klima, qed jheddu l-agrikoltura tar-reġjun, u jistgħu jwasslu għad-deżertifikazzjoni. Biex tindirizza din l-isfida, il-muniċipalità għandha l-intenzjoni li tuża x-Xmara Platys li tgħaddi minn ġol-wied.

Flimkien mal-Ministeru Grieg għat-Trasport u l-Infrastruttura, il-muniċipalità qed tippjana li tibni diga b'kapaċità ta' riżerva ta' 21 miljun m$^3$, network ta' tisqija li jifrex fuq 4 350 ettaru, u kważi 20 km ta' pajpijiet. Dan għandu l-għan li jtejjeb it-tisqija fil-prefettura ta' Rethymno, Messara u Heraklion – reġjuni li jiffurmaw il-qalba tal-produzzjoni agrikola tal-gżira. "Il-bini tad-diga hija r-risposta meħtieġa għall-problema li dejjem tiggrava ta' nuqqas ta' ilma, speċjalment bin-nixfa kbira kkawżata mit-tibdil fil-klima," jgħid Pantelis Mourtzanos, is-sindku ta' Amari, li kellu rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-proġett. "Il-ġibjun il-ġdid se jippermetti ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi tal-ilma, u jiżgura provvista kostanti ta' ilma għat-tisqija tal-uċuħ tar-raba'."

Il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa impenjaw kull wieħed €80 miljun biex jappoġġaw dan l-investiment sinfikanti ġdid fi Kreta, iffirmat f'Jannar 2024.

### It-tibdil fil-klima qed jinħass

Matul l-aħħar għaxar snin, Kreta rat tnaqqis qawwi fix-xita u żieda fin-nixfiet estremi. Fl-2023, ix-xita li niżlet kienet biss 40 % tal-livelli normali, u l-2024 bdiet b'nuqqas ta' xita simili. Sadanittant, it-temperatura medja żdiedet b'0.5°Celsius meta mqabbla mal-1991-2020. In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ilma, iż-żieda fit-temperaturi u d-deżertifikazzjoni juru li l-kriżi tal-klima diġà qed taffettwa l-gżira. Għar-residenti tal-gżira, dan għandu konsegwenzi serji li jħallu impatt fuq il-kwalità tal-ħajja u fuq setturi kritiċi, bħat-turiżmu u l-agrikoltura.

Faistos, muniċipalità oħra fir-reġjun ta' Messara, hija fost iż-żoni li qed iħossu l-impatt. Hemmhekk, mijiet ta' għelieqi jkabbru varjetà ta' frott u ħxejjex għall-esportazzjoni madwar l-Ewropa, u b'hekk iservu bħala sors ewlieni ta' dħul u għajxien għar-residenti. "It-temp minn dejjem kien imprevedibbli, iżda f'dawn l-aħħar ħames snin, tant sar qalil li qed jibda jbeżżagħna," jgħid Grigoris Nikolidakis, is-sindku ta' Faistos. "Jekk mhux se nagħmlu xi ħaġa, l-ilma li għandna mhux se jkun biżżejjed għan-nies tagħna."

**"It-temp minn dejjem kien imprevedibbli, iżda f'dawn l-aħħar ħames snin, tant sar qalil li qed jibda jbeżżagħna."**

# ŻEJT TA' ORIĠINI DIFFERENTI

## L-impjant ta' €1 biljun ta' Moeve se jibdel żjut veġetali u residwi f'bijofjuwil li jista' jħaddem it-trasport b'vetturi tqal u l-avjazzjoni

Żejt tat-tisjir jaħraq u jfexfex jista' jbiddel patata bla togħma f'ċips tqarmeċ u delizzjuża. Imbagħad, dak iż-żejt xorta jista' jiġi pproċessat b'bijofjuwil biex iħaddem trakk jew ajruplan. Bi produzzjoni suffiċjenti ta' bijofjuwil, jibdew jonqsu l-emissjonijiet tal-karbonju minn kull tip ta' trasport, b'mod partikolari f'oqsma fejn diffiċilment jitnaqqsu bħall-vetturi tqal u l-avjazzjoni.

Il-kumpanija Spanjola Moeve qed tibni faċilità għall-produzzjoni ta' bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni fi Huelva, fl-Andalusija, li se tkun tista' tbiddel 600 000 tunnellata fis-sena ta' residwi xaħmin użati, żjut u skart ieħor f'bijodiżil HVO u fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli. Dan jammonta għal madwar 1 % tal-fjuwil tal-avjazzjoni kollu użat fl-Ewropa.

"Dak li qed nipproduċu f'dan l-impjant, li huwa pjuttost ġdid, huwa fjuwil diżil rinnovabbli. Fih eżattament l-istess molekula bħad-diżil jew il-pitrolju normali tal-avjazzjoni," jgħid Matteo Vaglio, direttur tal-bijofjuwils f'Moeve, li qabel kienet magħrufa bħala Cepsa. "L-unika ħaġa differenti hija l-oriġini tal-molekula, li hija bijoloġika minflok fossili. Ġejja mill-iskart."

### Molekuli ekoloġiċi

L-impjant il-ġdid tal-bijofjuwils huwa parti mill-fus ta' Moeve lejn enerġija ekoloġika. It-tieni l-akbar kumpanija taż-żejt u tal-gass fi Spanja, Moeve trid tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju tagħha b'55 % sal-2030 u ssir newtrali għall-karbonju sal-2050. It-tranżizzjoni tal-kumpanija tinkludi wkoll l-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar ultraveloċi għal vetturi elettriċi fil-pompi tal-petrol tagħha fi Spanja u l-Portugall.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed isellef lil Moeve €415-il miljun għall-impjant il-ġdid tal-bijofjuwils, li l-kumpanija qed tibni mas-sieħba tagħha, Bio-Oils, sussidjarja ta' Apical, proċessur ewlieni taż-żejt veġetali f'Singapore. L-investiment totali fl-impjant huwa mistenni li jkun ta' €1.2 biljun.

"Moeve hija tabilħaqq pijuniera," jgħid Luis Velosa, l-uffiċjal tas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment inkarigat mill-proġett. "Minn fost il-kumpaniji taż-żejt u tal-gass, għandha l-aktar strateġija ambizzjuża ta' dekarbonizzazzjoni."

### Fjuwils mix-xaħam

Direttivi ġodda tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli u l-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli qegħdin jiggwidaw dan is-suq għall-iskart, magħruf bħala materja prima. Id-direttivi jirrikjedu li d-diżil u fjuwils oħrajn jkun fihom minimu (ġeneralment persentaġġ żgħir) ta' bijofjuwils sal-2030 – bis-sehem jiżdied b'mod qawwi sal-2050.

> "Moeve hija tabilħaqq pijuniera."

Punt favorevoli tal-impjant il-ġdid ta' Moeve huwa li jista' jipproċessa varjetà ta' skart. "Dan huwa importanti ħafna," jgħid Carmine Marzano, inġinier ewlieni fit-taqsima tal-bijoekonomija fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment, "peress li l-materja prima bijoloġika mhijiex infinita fid-dinja, u l-miri tal-UE huma għoljin ħafna."

# KAPULJAT TAL-MIĊELJU

## Il-kumpanija Daniża Matr Foods tuża l-fermentazzjoni tal-fungi biex toħloq sostitut tal-laħam li jirreplika s-sawra tarija tal-laħam

Morten Sommer, riċerkatur fil-mikrobijoloġija fl-Università Teknika Daniża, beda jirrifletti dwar jekk il-mikrobi jistgħux jiġu sfruttati biex jipproduċu ikel aktar tajjeb għas-saħħa u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. Flimkien mal-kollega tiegħu, Leonie Jahn, huwa ddiskuta l-potenzjal tal-mikrobi ma' Rasmus Toft-Kehler, intraprenditur magħruf li miegħu Sommer waqqaf diversi kumpaniji tal-bijoteknoloġija. It-tlieta li huma kienu jafu ħafna dwar il-mikrobi u l-potenzjal tagħhom, iżda ħadd minnhom ma kien jaf kif joħloq ikel b'togħma bnina. Għalhekk avviċinaw lill-kok u s-sid ta' ristoranti leġġendarju Claus Meyer, kofondatur ta' Noma, ristorant Michelin bi tliet stilel meqjus bħala wieħed mill-aqwa fid-dinja. "Bażikament qalu, 'l-ikel huwa ħaġa tant sabiħa, iżda huwa waħda mill-akbar problemi li għandna fid-dinja,'" tiftakar Randi Wahlsten, kap eżekuttiv ta' Matr Foods, il-kumpanija li waqqfu. "Qed jaggrava l-inugwaljanza, qed jagħmel ħsara lin-natura, u qed jikkawża kriżi tas-saħħa wkoll."

Wahlsten ingħaqdet ma' Matr Foods ftit xhur wara li ġiet imwaqqfa fl-2021. Hija kienet qattgħet aktar minn għaxar snin fl-industrija tal-ikel, iżda riedet approċċ aktar sostenibbli lejn il-produzzjoni tal-ikel. Wahlsten mill-ewwel ħasbet fl-alternattivi limitati fis-suq għal-laħam li kienu jeżistu dak iż-żmien. "Ħsibt li nistgħu nindirizzaw din il-problema tas-sostenibbiltà billi nissostitwixxu l-laħam b'mod aħjar mill-għażliet ftit li xejn attraenti li kienu disponibbli," hija tgħid. "Għażliet ipproċessati żżejjed u xejn eċċitanti mil-lat gastronomiku."

It-tim iddeċieda li jiżviluppa tip ġdid ta' laħam alternattiv. Ma jkunx replika tal-laħam, bħalma kienu prodotti oħrajn fis-suq dak iż-żmien. Minflok, jipprova jipprovdi l-istess togħma qawwija u sawra tarija – mingħajr ma jagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem jew lill-ambjent. Tliet snin wara, is-sostitut tal-laħam ta' Matr juża ingredjenti li huma disponibbli lokalment fl-Ewropa, bħall-pitravi, il-patata, il-fażola u l-ħafur, imbagħad dawn jinbidlu f'burger jew kapuljat bl-użu ta' tekniki antiki ta' fermentazzjoni tal-fungi. "Jagħti togħma qawwija ta' umami mingħajr proċessar żejjed jew addittivi," tgħid Wahlsten, filwaqt li tkompli tgħid li t-togħma tixbah riduzzjoni ta' faqqiegħ jew tat-tadam. "U l-fungi joħolqu sawra li tirrilaxxa l-likwidi meta tigdimha, bħal meta tigdem biċċa laħam verament tarija."

### Sostituti tal-laħam li qed jevolvu

Il-kumpanija li hija bbażata f'Copenhagen, bdiet tipproduċi pulpetti magħmula bl-idejn fi kċina industrijali. Din ipprovdiet is-sostituti tal-laħam lil żewġ ristoranti ta' livell għoli fid-Danimarka u katina popolari tal-burgers bl-isem ta' Gasoline Grill. Il-koki u l-klijenti kienu eċċitati dwar il-prodott.

Il-kumpanija issa qed tinvesti madwar €40 miljun sabiex tespandi r-riċerka u l-iżvilupp tagħha, u biex tibni u topera faċilità ġdida li kapaċi tipproduċi 3 500 tunnellata ta' alternattivi tal-laħam magħmula mill-pjanti – madwar mitt darba aktar milli tipproduċi bħalissa. Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma ftehim f'Settembru li jipprovdi lil Matr Foods b'€20 miljun f'finanzjament ta' dejn ta' riskju, appoġġat minn InvestEU.

Is-sostituti tal-laħam evolvew b'mod konsiderevoli matul l-aħħar għaxar snin. Il-biċċa l-kbira tas-sostituti tal-ewwel ġenerazzjoni kienu jikkonsistu f'tofu jew tempeh – prodotti magħmula mis-sojja li ma tantx jintegraw faċilment fid-dieta Ewropea. "Ħafna minna ma stajniex nużaw dawk il-prodotti f'riċetti li nagħmlu d-dar," jgħid Stephan Mitrakas, uffiċjal tal-investiment tat-teknoloġija nadifa fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment. Immaġina spagetti Bolognese bil-biċċiet tat-tofu.

Is-sostituti tal-laħam tat-tieni ġenerazzjoni għamlu aktar sforz biex jixbhu l-laħam, u kellhom suċċess mhux ħażin. Impossible Foods, il-fabbrikant tal-Impossible Burger magħmul mill-pjanti, ippjanat offerta pubblika inizjali li kienet tivvalutaha għal madwar $10 biljun, għalkemm dik il-valutazzjoni naqset xi ftit minn dak iż-żmien 'l hawn.

Uħud minn dawn is-sostituti kellhom ħafna addittivi u "naqra xaħam mhux ħażin," ħafna drabi minħabba ż-żieda ta' żjut li ġejjin mill-pjanti, jgħid Carmine Marzano, inġinier ewlieni fit-taqsima tal-bijoekonomija fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment. Dawk il-prodotti jinkludu lista relattivament twila ta' ingredjenti, u diversi addittivi, li mbagħad jitħalltu u jintrassu ġo mastra biex tinħoloq il-forma ta' burger. "Qisha magna tal-għaġin," jgħid Marzano. "Il-manifatturi ta' dawn il-prodotti jagħmlu xi ħaġa simili ħafna, iżda l-ingredjenti jitħalltu ma' estratti ta' proteina vegana."

## Ċappa spori tal-faqqiegħ

Il-prodott ta' Matr jagħmel parti mis-sostituti tal-laħam tat-tielet ġenerazzjoni, b'dehra u sawra li tixbah iktar il-laħam u jistgħu jitħalltu fi platti klassiċi tal-Punent, bħaz-zalza Bolognese jew ix-shepherd's pie. Minflok tgħaqqad l-ingredjenti flimkien b'addittivi jew xaħmijiet, il-kumpanija sempliċement tqatta' u ssajjar patata, pitravi, fażola u ħafur, u mbagħad tħallat il-ħaxix ma' spori ta' fungi selezzjonati. Tpoġġi l-ingredjenti magħquda f'forma tal-burgers u tesponihom għal proċess ta' fermentazzjoni kkontrollata.

Hemmhekk isseħħ il-maġija.

L-ispori tal-faqqiegħ jiġġerminaw u jiffurmaw miċelju, struttura li tixbah l-għeruq, magħmula minn fibri u filamenti rqaq daqs il-ħajt. Dawn l-għeruq ċkejkna jkissru n-nutrijenti fit-taħlita tal-ħxejjex, u jirrilaxxaw aċidi amminiċi u lamti kollhom togħma li, meta jissajru, jsiru kannella bħal-laħam. Il-miċelju jgħaqqad kollox flimkien u b'hekk jagħti lill-burgers l-istruttura u s-sawra tarija tagħhom.

"Qisek qed taħmi," tgħid Wahlsten. Jekk tħallat l-ilma, id-dqiq u l-melħ biss u tpoġġi t-taħlita fil-forn, ma jiġri assolutament xejn, "imma jekk iżżid l-għaġina ffermentata jew il-ħmira tiegħek, allura dawn il-mikrobi żgħar attivati jieklu n-nutrijenti tad-dqiq u jżidu t-togħma u s-sawra – u tispiċċa b'ħobża sabiħa. Hekk qed nagħmlu aħna."

> **"Togħma qawwija ta' umami mingħajr proċessar żejjed jew addittivi."**

# L-IMMODERNIZZAR TAL-INDUSTRIJA TAL-ĦALIB

## Gropper, it-tieni l-akbar produttur ta' ħalib organiku fil-Ġermanja, timmodernizza biex tintroduċi prodotti ġodda u tnaqqas l-emissjonijiet

Gropper ilha titmexxa mill-istess familja sa mill-1929. Tliet ġenerazzjonijiet wara, il-kumpanija Ġermaniża tal-prodotti tal-ħalib takkwista l-ħalib mhux ipproċessat tagħha minn 780 azjenda tal-ħalib f'raġġ ta' madwar 160 km minn Bissingen. Dawn is-sħubiji huma magħmulin biex idumu fit-tul, b'kuntratti li jkopru sentejn sa tliet snin u prezzijiet ġusti skont il-medji tas-suq. "Aħna għandna relazzjonijiet sodi mal-fornituri tagħna permezz ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni kontinwa, u għalhekk inrawmu l-fiduċja u l-iżvilupp reċiproku," jgħid il-Kap Eżekuttiv Heiner Gropper. "Dan l-approċċ jgħinna nibnu katina ta' provvista reżiljenti u sostenibbli għall-futur."

Iżda f'suq tal-ħalib frammentat bi ftit operazzjonijiet transfruntiera kbar, huwa diffiċli li tiffinanzja l-innovazzjoni. Billi Gropper bdiet tiddiversifika fl-ismoothies, il-meraq u xarbiet ibbażati fuq il-ħalib, hija rrikorriet għand il-Bank Ewropew tal-Investiment għall-appoġġ. Il-fergħa tal-finanzjament tal-Unjoni Ewropea investiet €49 miljun f'Settembru 2024 biex tappoġġa l-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet eżistenti ta' Gropper – mossa li se tnaqqas l-użu tal-gass naturali u tnaqqas l-emissjonijiet tat-trasport permezz ta' ħżin u loġistika awtomatizzati. Il-proġett jinkludi wkoll investimenti fl-infrastruttura għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli. "Aħna kuntenti li qed naħdmu ma' Gropper, peress li hija kumpanija ta' familja," jgħid Karol Czarnecki, li jaħdem fuq il-proġett fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment. "Kumpaniji bħal Gropper huma l-veru pedament tal-ekonomija Ġermaniża. Aħna nirrispettaw profondament it-taħlita unika tagħhom ta' stabbiltà tan-negozju u ġestjoni aġli. L-esperjenza ta' ħidma magħhom kienet waħda imprezzabbli, għax saħħet l-għarfien tagħna dwar dan is-suq."

### Imħatra sostenibbli

Biex tlaħħaq mal-għanijiet tagħha ta' tranżizzjoni ekoloġika u ta' sostenibbiltà, Gropper qed tinvesti fl-immodernizzar permezz ta' tekniki ta' ħżin u loġistika effiċjenti fl-enerġija li jevitaw kilometri żejda ta' trasport bejn imħażen differenti. "L-immodernizzar tagħna mhuwiex biss kwistjoni ta' għodod u tekniki ġodda. Huwa kwistjoni ta' viżjoni ta' industrija tal-ħalib sostenibbli," jgħid Gropper, il-Kap Eżekuttiv. "Din il-viżjoni tallinja ma' tendenzi globali usa' fis-suq tal-ħalib, li, minkejja l-isfidi tiegħu, ikompli jinnova f'oqsma bħat-tnaqqis tal-iskart u l-awtomazzizzjoni."

Gropper qed tissostitwixxi l-linji ta' produzzjoni tagħha b'teknoloġija awtomatizzata aktar ġdida u żżid il-kapaċità ta' produzzjoni. "Gropper mhux biss qed issaħħaħ l-effiċjenza tagħha u l-kwalità tal-prodotti tagħha, iżda qed toħloq ukoll iffrankar tal-enerġija hija u titbiegħed mill-gass naturali," jgħid Jean-François De Saedeleer, li wkoll ħadem fuq il-proġett fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment.

# SOLUZZJONI DELIZZJUŻA

## Bl-approċċ teknoloġiku ta' livell għoli tagħha għall-akkwakultura sostenibbli, Oceanloop, li hija bbażata fi Munich, qed iddaħħal it-trobbija tal-gambli fis-seklu 21

Il-white tiger shrimp għandu problema: tant għandu togħma tajba li n-nies qatt ma tixba' minnu. Id-domanda għall-gambli qed tikber b'rata ta' 8 % fis-sena. Iżda biex din id-domanda tiġi ssodisfatta, irid jitħallas prezz ambjentali u soċjali enormi. Il-white-legged shrimp jinsabu fil-lista l-ħamra tal-frott tal-baħar ta' Greenpeace International, minħabba r-rabta tagħhom mal-qerda tal-mangrovja, is-sajd eċċessiv fis-selvaġġ, it-tniġġis u l-abbużi sinifikanti tad-drittijiet tal-bniedem f'ċerti pajjiżi.

Oceanloop li hija bbażata fi Munich timmira li tibdel dan. "It-teknoloġija tagħna ta' trobbija tal-gambli, kompletament awtomatizzata u fuq ġewwa, mhijiex interrotta mill-klima, u għalhekk nistgħu nrabbu lejl u nhar, fix-xitwa u fis-sajf, kważi kullimkien fid-dinja," jgħid Fabian Riedel, il-kap eżekuttiv tal-kumpanija.

Il-kumpanija tat-teknoloġija tal-akkwakultura żviluppat tip ġdid ta' farm tal-gambli li se jippermetti li l-frott tal-baħar popolari jitrabba u jiġi pproċessat fuq l-art fi klimi aktar friski, bħal dik tal-Ewropa, b'impatt minimu fuq l-ambjent u kundizzjonijiet ottimali għall-annimali.

### Mangrovji urbani

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-gambli jitrabbew f'għadajjar tondi fuq barra, il-gambli ta' Oceanloop jitrabbew f'tank twil, fuq ġewwa, bil-klima kkontrollata, maqsum b'ħitan diviżorji li jiċċaqilqu u li jisseparaw il-gambli skont l-età. Is-sezzjonijiet jikkonsistu f'saffi orizzontali fuq xulxin, biex l-annimali jkunu jistgħu jistrieħu bħalma jagħmlu kieku jkunu fl-abitat naturali tagħhom. L-ilma jiġi ffiltrat u ċċirkolat mill-ġdid, fi proċess b'ċirkwit parzjalment magħluq imħaddem bl-enerġija rinnovabbli, b'tali mod li mhumiex meħtieġa antibijotiċi jew prodotti farmaċewtiċi oħrajn.

"Xi ftit snin ilu nnutajna li meta l-gambli jsiru ta' ċertu daqs, għandhom it-tendenza li jqattgħu ħafna ħin weqfin fil-qiegħ tat-tank," jgħid Riedel. "Din hija xi ħaġa li jagħmlu fis-selvaġġ, iżda fil-farms tradizzjonali tal-gambli ma jistgħux jagħmluha minħabba n-nuqqas ta' spazju. Il-mangrovji urbani tagħna qishom skyscapers taħt l-ilma, li joffru lill-gambli ħafna aktar spazju fejn jirrilassaw. U b'hekk ksibna ħafna effiċjenza fis-sistema ta' produzzjoni tagħna għax il-gambli jħobbuha."

Issa l-kumpanija qed tfittex li żżid il-produzzjoni, l-ewwel billi tespandi l-proġett pilota tagħha f'Kiel, fuq il-kosta tal-Baħar Baltiku tal-Ġermanja, u mbagħad billi tiftaħ farm ġdid, ferm akbar fil-Gran Canaria ta' Spanja, li se jitħaddem bl-enerġija eolika u solari. Biex jiffinanzja l-pjanijiet ambizzjużi tal-kumpanija, il-Bank Ewropew tal-Investiment ipprovda dejn ta' riskju ta' €35 miljun, self fit-tul imfassal biex jgħin lill-kumpaniji fi stadju bikri u li jkunu qed jikbru, biex jespandu mingħajr dilwizzjoni tas-sjieda tal-azzjonisti eżistenti. Il-finanzjament huwa appoġġat minn garanzija ta' InvestEU, l-iskema ewlenija tal-Unjoni Ewropea li tistimula l-investiment f'setturi strateġiċi.

# €8.4 biljun




Bank lokali fil-Mauritania, appoġġat minn self mill-BEI, jiffinanzja negozji żgħar li jimpjegaw żgħażagħ u nisa.

7

# INVESTIMENT GLOBALI B'IMPATT GĦOLI

"L-Ukrajna teħtieġ li tinvesti f'infrastruttura kritika biex iżżomm servizzi pubbliċi vitali. Aħna qegħdin nakkumpanjaw lill-Ukrajna f'dan il-proċess billi nipprovdu finanzjament attraenti, kif ukoll assistenza teknika. Jien kburi bil-ħidma li qed nagħmlu hemmhekk taħt ċirkostanzi diffiċli."

**Rafal Rybacki,** kap tas-self lis-settur pubbliku għall-Viċinat tal-Lvant tal-UE, BEI Globali

"Il-lakuni fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri qed jikbru. Is-soċjetajiet qed jitħabtu biex ikunu aktar inklużivi u sostenibbli. Huwa vitali li l-finanzjament tagħna għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiżdied sena wara l-oħra. Jiena kburija li nappoġġaw lill-intraprendituri nisa biex jaċċessaw il-kapital u jiffinanzjaw soluzzjonijiet għas-saħħa tan-nisa. Aħna nagħmlu t-trasport pubbliku u l-ispazji urbana aktar sikuri u aktar aċċessibbli għal kulħadd, u nħallu lill-bdiewa nisa jilħqu l-potenzjal tagħhom."

**Yasmine Pagni,** kap tal-politika soċjali, Proġetti tal-BEI

"L-ewwel dejn tagħna għall-konverżjoni tal-klima – iffirmat f'Diċembru ma' Barbados – huwa storiku. Huwa għodda finanzjarja innovattiva, li talloka mill-ġdid fondi li kienu se jintefqu biex jitħallsu rati ta' imgħax għoljin fuq djun antiki ta' Barbados, biex minflok jiġu investiti f'infrastruttura reżistenti għall-klima u għar-restawr tal-ekosistema. Dan huwa pjan li jagħti setgħa lill-pajjiżi vulnerabbli."

**Alexandra Almeida,** uffiċjal ewlieni tas-self, il-BEI Globali

# FLUSS TA' KURRENT LEJN IL-FUTUR

## Il-Bożnija-Ħerzegovina tistabbilixxi l-pedament għas-sħubija mal-UE bi proġetti li jirriflettu s-saħħa u r-reżiljenza tan-nies tagħha

Kuljum fil-5:10 a.m., l-ewwel tramm tal-ġurnata jitlaq minn Ilidža, subborg fil-Punent ta' Sarajevo, lejn il-bażar medjevali, Baščaršija, iċ-ċentru kulturali tal-belt. Dan il-vjaġġ ta' kuljum sar il-pedament tal-ħajja f'Sarajevo matul l-istorja ta' 140 sena tal-linja tat-tramm. Ġenerazzjonijiet ta' residenti għamlu dan il-vjaġġ, bit-tramm isir parti mill-identità tal-belt.

Għal Esad Mujagić, it-tramm huwa aktar minn mezz ta' trasport – huwa x-xogħol ta' ħajtu. "Meta bdejt naħdem mal-kumpanija tat-trasport pubbliku fis-snin 80, ma kontx naħseb li t-trammijiet se jiddefinixxu l-karriera tiegħi," huwa jgħid.

Waqt l-assedju brutali ta' Sarajevo fis-snin 90, it-trammijiet tal-belt waqfu jaħdmu għall-ewwel darba fl-istorja tagħhom, minħabba li r-rotot tagħhom ġew imblukkati mill-vjolenza li ħakmet il-belt. Wara sentejn twal, is-servizz tat-tramm reġa' beda, minkejja li l-assedju kien għadu ma ntemmx. Minn hemm 'il quddiem, Mujagić ħadem kuljum sabiex tissewwa l-ħsara kkawżata mill-balal u x-xrapnel. "Ridna nżommu t-trammijiet għaddejjin," jiftakar Mujagić. "Xtaqna li n-nies ikollhom ftit sens ta' normalità fil-ħajja ta' kuljum."

Għal snin twal wara l-gwerra, it-trammijiet il-qodma ta' Sarajevo ġarrew il-feriti tal-kunflitt fil-vjaġġi tagħhom madwar il-belt, u Mujagić għamel kampanja biex dawn jinbidlu. Ix-xogħol iebes tiegħu, fl-aħħar ħalla l-frott fl-2024. Għall-ewwel darba f'40 sena, Sarajevo żvelat flotta ta' trammijiet ġodda ta' lewn isfar jgħajjat. It-trammijiet qed jiġu ffinanzjati mill-Bank Ewropew tal-Investiment b'żewġ selfiet b'valur ta' €75 miljun. L-għan huwa li tonqos il-konġestjoni tat-traffiku u tiġi indirizzata waħda mill-aktar kwistjonijiet urġenti ta' Sarajevo: it-tniġġis tal-arja.

It-trammijiet huma biss wieħed mill-ħafna sinjali ta' progress li jimmarkaw l-2024 bħala punt ta' żvolta għall-proġetti fit-tul u l-ambizzjonijiet Ewropej tal-Bożnija-Ħerzegovina. Fil-bidu tal-2024, il-mexxejja tal-UE uffiċjalment qablu li jiftħu n-negozjati tal-adeżjoni. Proġetti ta' infrastruttura maġġuri madwar il-pajjiż qed jilħqu t-tragwardi – qed isiru toroq ġodda, qed jinbnew parks eoliċi u l-isptarijiet qed jiġu mmodernizzati. Il-Bank Ewropew tal-Investiment issieħeb mas-settur pubbliku u dak privat biex tingħata spinta lil dan il-progress.

L-aħħar darba li Sarajevo xtrat trammijiet ġodda kien fl-1984, meta l-belt laqgħet id-dinja għall-Olimpjadi tax-Xitwa. Mujagić jemmen li t-tramm il-ġdid huwa parti minn mossa biex jerġa' jinkiseb l-aqwa mument ta' Sarajevo. "Is-sensazzjoni hija simili għal dik li kienet qabel il-gwerra. Nittama li dan il-proġett huwa biss wieħed mill-ħafna li ġejjin li se jagħmlu lil Sarajevo belt Ewropea ta' vera u jpoġġu lill-pajjiż fit-triq lejn l-Unjoni Ewropea."

> **"Is-sensazzjoni hija simili għal dik li kienet qabel il-gwerra."**

## L-għargħar tas-seklu

Imgeddsa f'wied imdawwar b'ħames muntanji miksija b'siġar li dejjem iħaddru, Sarajevo tifrex tul ix-xtut tax-Xmara Miljacka. Ix-xmara li tissemma f'ħafna kanzunetti popolari, tospita l-aktar għeliema famużi tal-belt. Iktar minn tnax-il-pont jaqsmuha, inkluż il-Pont Latin, il-post fejn seħħ l-assassinju tal-Arċduka Franz Ferdinand li mbagħad skatta l-Ewwel Gwerra Dinjija.

Vjaġġ qasir bil-karozza lejn il-Lvant tul il-Miljacka jieħdok miċ-ċentru tal-belt għall-foresti ħodor skuri li jiksu l-madwar. Minn hawn taqsam mill-Federazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina għar-Repubblika Srpska, waħda miż-żewġ entitajiet awtonomi ffurmati wara l-gwerra. Ir-Repubblika Srpska, li għandha popolazzjoni predominanti ta' Serbi, tkopri ħafna mil-Lvant u t-Tramuntana tal-pajjiż.

Jekk iddur lejn il-lemin it-triq twasslek għal-lokalità Olimpika tal-iskijjar ta' Sarajevo. Dur lejn ix-xellug, u tispiċċa tivvjaġġa f'waħda mir-rotot bl-isbaħ xenarju tal-pajjiż, u eventwalment tasal Bijeljina, it-tieni l-aktar belt popolata tar-Repubblika Srpska. Bħal Sarajevo, Bijeljina ħabbtet wiċċha ma' storja riċenti mqallba. F'Mejju 2014, kienet l-epiċentru tal-agħar għargħar irreġistrat fl-istorja tax-Xlokk tal-Ewropa. L-għargħar affettwa aktar minn 100 000 ruħ, bi 33 000 persuna evakwati. Dan għarraq aktar minn 90 000 ettaru ta' art u 35 000 dar u binja. L-estimi tal-ħsara telgħu għal €1 biljun.

Għal dawn l-aħħar għaxar snin, Miroslav Čvrgić, assistent direttur tal-istituzzjoni pubblika ta' ġestjoni tal-ilma tar-Repubblika Srpska, ħadem fuq proġett biex ir-reġjun ikun protett mill-għargħar fil-futur. Il-proġett, parzjalment iffinanzjat minn €74 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment, irriabilita 160 km ta' kanali tal-ilma u 100 km ta' digi, biex b'hekk ir-reġjun ikun aktar reżiljenti għall-għargħar dejjem aktar frekwenti kkawżat mit-tibdil fil-klima. "Issa ninsabu protetti minn għargħar katastrofiku bħalma kellna fl-2014, jew kif jissejjaħ għargħar ta' kull 100 sena," jgħid Čvrgić, residenti f'Bijeljina.

Waqt li qed jitkellem, jibdew neżlin l-ewwel qtar tax-xita. "Ma ġara xejn," huwa jgħid, waqt li jħares lejn is-sema. "M'għadniex nibżgħu mix-xita."

## "Fl-aħħar inħossni tabib ta' vera"

Meta l-għargħar laqat il-belt fl-2014, l-isptar il-ġdid offra l-appoġġ tant meħtieġ. L-isptar kien l-ewwel faċilità kbira tal-kura tas-saħħa fiż-żona ta' Bijeljina mill-1939. "Kien l-akbar proġett tas-saħħa fir-Repubblika Srpska dak iż-żmien, u kulħadd kellu għajnejh fuqna," jgħid Dr Siniša Maksimović, li f'dak il-perjodu kien id-direttur tal-isptar.

L-isptar infetaħ fl-2013 wara li dam jinbena biss tliet snin, u ħa post diversi faċilitajiet antiki b'kapaċità ta' madwar 250 sodda u ħames swali tal-operazzjonijiet. "Kollox kien ġdid – l-apparat, il-bini – kien l-aktar faċilità tas-saħħa moderna fil-pajjiż dak iż-żmien," jgħid Maksimović. "U rnexxielna nżommu dak l-istandard."

Għall-infermiera ewlenija Radmila Simić, li ħadmet l-isptar għal 24 sena, iċ-ċaqliqa għall-bini l-ġdid kienet trasformattiva. "Għalija kienet qisha era ġdida għall-kura tas-saħħa tagħna," hija tgħid. "Minn dakinhar, rajna progress mgħaġġel." Illum, l-isptar jilqa' pazjenti minn madwar il-Bożnija-Ħerzegovina u anke minn pajjiżi ġirien. "Aħna nipprovdu kura tas-saħħa avvanzata li ma kinitx disponibbli qabel," jgħid il-pedjatra u direttur attwali tal-isptar Dr Mikajlo Lazić.

Il-bini tal-isptar kien parti minn proġett ta' €115-il miljun iffinanzjati mill-Bank Ewropew tal-Investiment, li kien jinkludi wkoll il-bini mill-ġdid taċ-ċentru kliniku f'Banja Luka, l-akbar belt tar-Repubblika Srpska. Fl-2023, il-BEI iffirma self ieħor biex jappoġġa l-bini ta' kampus mediku ġdid fl-Università ta' Banja Luka kif ukoll l-aġġornamenti kontinwi fiċ-ċentru kliniku tagħha. "L-aktar ħaġa importanti hija li l-pazjenti tagħna jkunu sodisfatti," tgħid Simić.

L-isptar kien bidla innovattiva kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-persunal. "Meta fetaħ il-bini l-ġdid għall-ewwel darba," jirrakkonta Maksimović, "kollega tiegħi ġie fuqi wara xift ta' billejl u qalli, 'Fl-aħħar qed inħossni tabib ta' veru.'"

## "Ix-xmara tfisser ħajja"

Bijeljina, imbenna bejn ix-xmajjar Sava u Drina, mhijiex l-unika reġjun fil-Bożnija-Ħerzegovina ddefinit mix-xmajjar tiegħu. Il-pajjiż innifsu jieħu ismu mix-Xmara Bosna, li ġejja minn kelma Illirjana li tfisser "ilma ġieri." Ebda xmara, madankollu, ma tiddefinixxi reġjun aktar min-Neretva fin-Nofsinhar. Mifruxa fuq 225 km, in-Neretva hija famuża għall-ilmijiet ħodor lewn l-iżmerald u kesħin silġ tagħha – l-iktar ilma kiesaħ fid-dinja, fil-fatt. Ix-xmara tgħaddi minn widien drammatiċi u bliet storiċi, l-aktar magħrufa fosthom Mostar, fejn jinsab wieħed mill-aktar għeliema rikonoxxibbli tal-pajjiż – il-Pont l-Antik. Meqrud fil-gwerra tas-snin 90 u mbagħad mibni mill-ġdid, issa huwa simbolu qawwi tar-rikonċiljazzjoni.

"Meta kont żgħir, konna ngħumu fil-bajjiet eżatt fiċ-ċentru tal-belt, xi 50 metru biss 'il bogħod mill-belt l-antika," jgħid Emir Nuspahić, minn dejjem residenti hawnhekk. "Iżda konna noħduha bħala fatta." Sistemi tad-drenaġġ ġestiti ħażin naqqsu l-kwalità tal-ilma, b'mod li l-ilwien ħodor famużi tax-xmara huma mhedda. "Peress li l-belt bdiet tikber, is-sistema tad-drenaġġ ma kinitx ippjanata sew, u spiċċajna b'ħafna tnixxijiet tad-drenaġġ moħbija qalb il-veġetazzjoni tul ix-xtut tax-xmara," huwa jispjega.

Imwieled u mrobbi f'Mostar, Nuspahić qatt ma ħalla l-belt u rabba l-familja tiegħu fuq ix-xtut tax-xmara. "Jgħidu l-ħajja bħal xmara, imma hawn ix-xmara tfisser ħajja," huwa jgħid.

Determinat li jirrestawra l-glorja tax-xmara, Nuspahić qatta' l-aħħar għaxar snin imexxi proġett ta' tindif bħala parti mir-rwol tiegħu fl-amministrazzjoni tal-belt. "Installajna kolletturi tal-ħama wesgħin fuq iż-żewġ naħat tax-xmara biex nevitaw li d-drenaġġ jitbattal direttament fin-Neretva. U r-riżultati diġà qed jidhru."

25 km biss 'il bogħod fil-Majjistral ta' Mostar, raġel ieħor jinsab fuq missjoni biex isalva x-xmara lokali tiegħu. Boro Đolo trabba tul ix-xtut tax-Xmara Lištica. "Hawnhekk in-nies jitgħallmu jgħumu qabel ma jitgħallmu jimxu," huwa jgħid.

Đolo, nannu riżervat, iqatta' l-ħin liberu tiegħu jaħdem ma' organizzazzjoni lokali biex jirrestawraw il-popolazzjoni indiġena tal-ħut taż-żona. Professjonalment, Đolo ddedika 35 sena għas-settur tal-ilma, jaħdem għall-belt ta' Široki Brijeg. Hemmhekk imexxi proġett li għandu l-għan li jtejjeb is-servizzi tad-drenaġġ biex jipproteġi l-Lištica. Il-belt diġà bniet u rriabilitat 25 km ta' katusi tad-drenaġġ u 4 km ta' toqob għall-iskular tal-ilma tax-xita u bħalissa qed tibni impjant ta' trattament biex taqdi l-15 000 resident tagħha.

Il-proġetti f'Mostar u f'Široki Brijeg huma parti minn sforz akbar, iffinanzjat mill-Bank Ewropew tal-Investiment, biex jitjiebu l-ilma u s-sanità madwar il-Federazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina. Is-€60 miljun investiti f'dawn l-inizjattivi huma parti mit-total ta' €240 miljun tal-Bank f'impenji għall-infrastruttura tal-ilma u l-protezzjoni mill-għargħar fil-pajjiż.

## Inżidu r-riħ

Il-Bank Ewropew tal-Investiment mhux qed jipproteġi l-ambjent biss. Qed jgħin ukoll lill-Bożnija-Ħerzegovina tħejji għat-tranżizzjoni ekoloġika billi jappoġġa l-miri tagħha ta' enerġija rinnovabbli. Il-BEI Globali, il-fergħa tal-iżvilupp tal-Bank, iffirmat self ta' €36 miljun mal-kumpanija pubblika tal-elettriku tal-pajjiż għall-bini ta' park eoliku ta' 50 MW fuq l-art watja għolja tal-muntanja Vlašić fiċ-ċentru ġeografiku tal-pajjiż.

Il-park eoliku huwa mistenni li jsaħħaħ il-provvista tal-enerġija tal-pajjiż u jżid il-ġenerazzjoni tal-enerġija minn riżorsi rinnovabbli. Magħrufa lokalment għall-ġobon tan-nagħaġ, il-muntanja Vlašić dalwaqt se tilqa' 18-il turbina eolika. Il-produzzjoni annwali tal-elettriku tal-proġett hija mistennija li tammonta għal 115-il GWh, biżżejjed biex tħaddem 20 000 dar u tnaqqas l-emissjonijiet ta' $CO_2$ b'140 000 tunnellata fis-sena, ekwivalenti għat-tneħħija ta' 33 000 karozza mit-triq għall-istess perjodu.

Is-self qed jingħata flimkien mal-€21 miljun f'għotjiet allokati mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Qafas tal-Investiment tal-Balkani tal-Punent.

## Fit-triq

Bħalma x-Xmara Neretva tgħaqqad lin-nies tal-Ħerzegovina, triq ġdida li tgħaddi mir-reġjun hija mistennija li tgħaqqad il-pajjiż kollu.

Magħrufa bħala l-Kuritur Vc, din it-triq ta' 679 km twassal minn Budapest sal-kosta Kroata, bil-biċċa l-kbira tar-rotta tagħha tgħaddi mill-Bożnija-Ħerzegovina. L-awtostrada se tgħaqqad in-nies u n-negozji, ittejjeb il-ħinijiet tal-ivvjaġġar u ssaħħaħ ir-relazzjonijiet ekonomiċi. Timmarka wkoll it-triq reali kif ukoll simbolika tal-pajjiż lejn l-Unjoni Ewropea.

B'aktar minn 148 pont u 46 mina, il-Kuritur Vc hija l-akbar proġett infrastrutturali fil-pajjiż. Fl-2024, intwera l-progress sinifikanti li sar permezz tal-infid tal-itwal mina fil-pajjiż u l-ftuħ tal-pont ta' 1 km ta' Ħerzegovina fuq in-Neretva. Il-Bank Ewropew tal-Investiment kellu rwol ewlieni f'dawn l-iżviluppi, billi s'issa investa aktar minn €1 biljun fil-Kuritur Vc.

**"M'għadniex nibżgħu mix-xita."**

# FIT-TRIQ IT-TAJBA

## L-Albanija tibni mill-ġdid il-linji ferrovjarji tagħha bl-appoġġ finanzjarju u tekniku tal-UE, filwaqt li tnaqqas ukoll l-emissjonijiet

Il-ferroviji bejn il-belt ċentrali Albaniża ta' Vorë u l-fruntiera mal-Montenegro jivvjaġġaw b'veloċità medja ta' 50 km fis-siegħa biss tul binarju li sofra għexieren ta' snin ta' abbandun. Bħala parti mill-istrateġija tal-pajjiż għat-tkabbir sostenibbli, il-gvern qed jinvesti fl-immodernizzar tan-network ferrovjarju tiegħu, pjan li se jnaqqas l-emissjonijiet, itejjeb is-sikurezza u jnaqqas ħafna l-ħinijiet tal-ivvjaġġar. Il-veloċità medja fuq il-linja se titla' għal 120 km fis-siegħa, aktar mid-doppju tal-veloċità attwali.

Bħala parti mill-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tal-Kummissjoni Ewropea, il-proġett qed jibbenefika minn pakkett finanzjarju tal-UE li jikkonsisti f'self ta' €100 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment, għotja għall-investiment ta' €126 miljun mill-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent, u self ta' €98.75 miljun mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

Bħala estensjoni tal-Kuritur tal-Mediterran ewlieni tat-TEN-T, il-linja ferrovjarja Vorë-Hani i Hotit tgħaqqad lil Tirana ma' Podgorica, u wkoll man-network ferrovjarju ewlieni tal-Ewropa. Din hija parti mill-pjan tal-gvern li jirrestawra madwar 420 km ta' binarji li jifirxu lejn it-Tramuntana u l-Lvant mill-belt ta' Durrës. L-infrastruttura ferrovjarja Albaniża, li nbniet prinċipalment bejn l-1947 u l-1987, ilha tiddeterjora gradwalment minħabba nuqqas ta' fondi u nuqqas ta' manutenzjoni. Din is-sitwazzjoni ġiet aggravata mit-terremot devastanti li laqat il-pajjiż fl-2019.

Issa, l-Albanija qed tipprova timmodernizza, tibni mill-ġdid u telettrifika aktar minn 75 % tan-network ferrovjarju tagħha matul l-għaxar snin li ġejjin.

> “ **Hawn ħafna minna hawnhekk u kollha qed ngħinu lil xulxin.** ”

“Il-Bank Ewropew tal-Investiment jibqa' wieħed mill-aktar sħab importanti tagħna fit-twettiq ta' diversi proġetti strateġiċi li jirrigwardaw l-infrastruttura tat-toroq u tal-ferroviji,” tgħid Belinda Balluku, id-deputat Prim Ministru tal-Albanija u Ministru tal-infrastruttura u l-enerġija.

B'aktar minn €1.9 biljun investiti s'issa fil-linji ferrovjarji tal-Balkani tal-Punent, il-fergħa tal-finanzjament tal-Unjoni Ewropea hija waħda mill-akbar finanzjaturi tas-settur fir-reġjun. Flimkien mal-finanzjament, esperti mill-programm ta' konsulenza JASPERS, li huwa ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment, żviluppaw pjan ta' azzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità għall-ġestjoni ta' proġetti tal-infrastruttura ferrovjarja fl-Albanija.

“L-appoġġ konsultattiv tagħna ħoloq ambjent abilitanti fi ħdan il-kumpanija ferrovjarja għat-titjib tal-ħiliet tagħha u biex il-ferrovija terġa' lura fit-triq it-tajba,” qal Jakubik Denis, il-maniġer tal-kompiti ta' JASPERS għal dan l-inkarigu.

“Dan għandu jkollu impatt pożittiv fuq il-pajjiż, u għandu jikkontribwixxi wkoll għall-integrazzjoni gradwali tal-linji ferrovjarji Albaniżi fin-network u s-suq ferrovjarju Ewropew, kif ukoll għall-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż.”

# KOLLHA QED NGĦINU LIL XULXIN

## L-irkupru tal-Ukrajna jiffoka fuq it-tisħin, l-elettriku, l-ilma, l-isptarijiet, in-nisa u l-iskejjel

Omm Vadym Chursin mietet ħafna qabel il-gwerra. Missieru, Dmytro, baqa' l-uniku ġenitur u l-aqwa ħabib tiegħu minn meta kien żgħir ħafna. It-tnejn saru saħansitra aktar ħbieb minn meta ħarbu mill-belt tagħhom qrib il-fruntiera tan-Nofsinhar tal-Ukrajna wara li ġiet okkupata mis-suldati Russi. "Illum bilkemm fadal xi ħaġa mid-dar tagħna u lanqas bini wieħed ma għadu wieqaf fil-belt li konna ngħixu fiha," jgħid Vadym, li għandu 16-il sena. Għal dawn l-aħħar sentejn, il-missier u l-iben krew nofs dar f'Odesa, qrib l-iskola l-ġdida ta' Vadym. "Aħna dawk li jissejħu nies spostati. Hawn ħafna minna hawnhekk u kollha qed ngħinu lil xulxin."

Vadym qed jattendi Skola Nru 41 ta' Odesa, waħda mill-ewwel skejjel irranġata taħt l-ewwel programm ta' rkupru tal-Ukrajna tal-Bank Ewropew tal-Investiment. Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jgħin fir-rinnovazzjoni ta' aktar minn 300 skola, kindergartens, sptarijiet u faċilitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali f'madwar 150 belt Ukrena. Tejjeb l-elettriku, il-gass, l-ilma, is-sanità u l-immaniġġjar tal-iskart solidu f'aktar minn tnax-il reġjun u temm aktar minn 100 proġett. Il-Bank jirċievi talbiet ġodda għall-għajnuna kull ġimgħa.

### L-inizjattivi ewlenin tagħna

- Il-Grupp tal-BEI ħareġ aktar minn €2 biljun biex jissewwew il-bliet u jkopri ħtiġijiet urġenti fl-Ukrajna f'dawn l-aħħar tliet snin. Il-Bank sellef madwar €4 biljun lil pajjiżi ta' madwar l-Ukrajna biex jgħin fl-akkomodazzjoni, l-iskejjel, il-kura medika u l-impjiegi għar-refuġjati.
- Waħda mill-aktar għodod finanzjarji riċenti disponibbli hija l-Fond tal-UE għall-Ukrajna, imfassal biex jibni mill-ġdid il-bini muniċipali, jirrestawra s-servizzi pubbliċi u joffri għajnuna lill-intraprendituri. Pajjiżi madwar l-Unjoni Ewropea wiegħdu aktar minn €420 miljun għal dan il-fond.
- Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa sieħeb f'mekkaniżmu ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea msejjaħ il-Faċilità għall-Ukrajna, programm ta' rkupru ta' €50 biljun li jibqa' għaddej sal-2027. Il-Bank se juża aktar minn €2 biljun minn dan il-fond fuq l-enerġija, it-toroq, il-linji ferrovjarji, l-ilma, l-akkomodazzjoni u l-edukazzjoni.
- Proġetti importanti fl-2024 jinkludu l-espansjoni tan-numru tat-telefown ta' emerġenza Ewropew 112 fl-Ukrajna biex jiġu kkuntattjati l-pulizija, l-ambulanza jew il-pumpieri; appoġġ għall-UNIT.City, l-ewwel park tal-innovazzjoni tal-Ukrajna ddedikat għall-ħiliet diġitali u t-taħriġ; u self ta' €50 miljun għal coaches tal-metro ġodda fi Kiev.
- F'Settembru 2024, il-fergħa tal-finanzjament tal-Unjoni Ewropea pproponiet pjan ta' salvataġġ tal-enerġija ta' €600 miljun biex tgħin lill-Ukrajna hekk kif qed toqrob ix-xitwa, u biex jiġi żgurat li n-negozji u d-djar ikollhom l-elettriku u s-sħana. Se jinbnew xelters biex jipproteġu s-substazzjonijiet tal-elettriku mill-ibbumbardjar.

# L-EKWITÀ TAGĦMEL L-AFFARIJIET REALTÀ

## Mil-loġistika fl-Afrika t'Isfel għall-park eoliku lil hinn mill-kosta fl-Asja tal-Lvant, il-Bank Ewropew tal-Investiment jinvesti l-ekwità f'fondi ta' impatt li l-proġetti tagħhom qed jagħmlu differenza reali

Kuljum, 1 000 trakk jaqsmu l-fruntiera mill-Afrika t'Isfel lejn il-Mozambique, biex imorru fil-port ta' Maputo. Il-vjaġġ ta' 100 km sal-kosta normalment jieħu madwar 12-il siegħa. Imbagħad it-trakkijiet mgħobbija bil-komoditajiet bħall-krom, magnetite u frott taċ-ċitru jqattgħu bejn sitta sa tmien sigħat sempliċement biex jaqsmu l-fruntiera u jittrattaw mad-dwana. Iżda ftit kilometri biss 'il bogħod minn fejn tibda l-konġestjoni, hemm triq ġdida għal faċilità ta' qsim alternattiv immexxija minn The Logistics Group, kumpanija Sud Afrikana appoġġata mill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment permezz tal-investiment tiegħu ta' kważi $75 miljun fil-fondi tal-Africa Infrastructure Investment Managers, maniġer tal-fondi bbażat f'Cape Town. Hemmhekk il-formalitajiet jieħdu biss 45 minuta, u l-merkanzija tiġi ttrasferita fuq ferroviji li jmorru direttament lejn Maputo. "M'għandekx għalfejn tipparkja t-trakk tiegħek, m'għandekx għalfejn toħroġ minnu, u m'għandekx għalfejn tinkwieta fuq karti," jispjega Anton Potgieter, kap eżekuttiv ta' The Logistics Group. Minbarra li tiffranka l-ħin, il-faċilità tgħin lill-klijenti jiffrankaw il-flus u jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju tagħhom.

Biex jappoġġa kumpaniji bħal The Logistics Group li l-proġetti tagħhom jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-politika tal-Unjoni Ewropea f'reġjuni bħall-Afrika t'Isfel, il-Bank Ewropew tal-Investiment jinvesti f'fondi ta' impatt b'esperjenza u kompetenza. "Jekk trid li l-affarijiet iseħħu fuq il-post, allura dak li għandek bżonn hija l-ekwità," jgħid Gergely Horvath, uffiċjal tal-investiment fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment. "Huwa dan li jagħmel l-affarijiet realtà." Il-Bank Ewropew tal-Investiment ilu jaħdem mal-Africa Infrastructure Investment Managers mill-2008. Għamel investiment ieħor ta' €30 miljun fil-fondi tad-ditta fl-2024.

### Magħmul fit-Tajwan

Bl-investiment f'fondi mmirati b'maniġers tal-esperjenza, il-Bank Ewropew tal-Investiment jista' jgħin biex jippromwovi l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni Ewropew ma' sħab madwar id-dinja. Permezz tal-investiment tiegħu ta' $100 miljun f'Copenhagen Infrastructure Partners' Global Markets Fund II, pereżempju, il-Bank qed jgħin l-iżvilupp tal-industrija tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta fi swieq emerġenti. Il-park eoliku Changfang-Xidao lil hinn mill-kosta amministrat mill-maniġer tal-fondi Daniż, li jinsab 11 km 'il barra mill-kosta tal-Punent tat-Tajwan u li tlesta f'Mejju 2024, huwa mistenni li jipprovdi kważi 600 MW ta' enerġija ladarba jkun beda jaħdem għalkollox, u b'hekk isaħħaħ il-kapaċità tal-ġenerazzjoni eolika lil hinn mill-kosta tal-gżira b'25 %.

**"Jekk trid li l-affarijiet isiru fuq il-post, allura dak li għandek bżonn hija l-ekwità."**

# FUTUR TA’ DIVERSITÀ

## Bank lokali fil-Mauritania joffri self biex jagħti lill-intraprendituri nisa u liż-żgħażagħ aktar possibbiltà li jiftħu negozju jew isibu impjieg

Meta Cheikh Mohamed Elkarachi ħa f’idejh in-negozju ta’ missieru waqt il-pandemija tal-COVID-19, waħda mill-ewwel bidliet li għamel iffukat fuq l-għajnuna lin-nisa fuq il-post tax-xogħol. “Ridt nimpjega nisa, imma lanqas kellna tojlits tan-nisa,” jgħid Elkarachi, il-kap eżekuttiv ta’ Rim Foam, waħda mill-akbar kumpaniji fornituri ta’ fowm u saqqijiet fil-Mauritania. “Jien żidt tojlits separati, biex in-nisa jħossuhom aktar komdi jaħdmu hawn, u bdejt nimpjega nisa f’pożizzjonijiet ewlenin, għax nemmen li n-negozji ta’ pajjiżi għandhom bżonn isiru aktar diversi.”

Biex jgħinu jagħmel dan it-titjib u jespandi l-produzzjoni, Elkarachi ħa self żgħir f’Mejju 2024 minn bank lokali, il-Bank għall-Kummerċ u l-Industrija tal-Mauritania. Dan il-bank seta’ jappoġġa lil Elkarachi u lil ħafna intraprendituri oħrajn għax irċieva self b’valur ta’ €20 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment, li ffirma dan is-self fi Frar 2024 sabiex joffri għajnuna finanzjarja lil negozji żgħar u ta’ daqs medju, speċjalment dawk li jħaddmu żgħażagħ u nisa fil-Mauritania. Lejn l-aħħar tal-2024, il-Bank għall-Kummerċ u l-Industrija kien diġà ta’ selfiet żgħar li jammontaw għal madwar nofs il-finanzjament li rċieva mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

### Kuraġġ biex ninvestu fl-ideat

L-għan ewlieni ta’ dan is-self tal-Bank Ewropew tal-Investiment huwa li jagħti spinta lill-impjiegi u jħeġġeġ aktar nies jiftħu negozju. L-ekonomija tal-Mauritania sofriet ħafna waqt il-pandemija, u hemm ħtieġa kbira ta’ investiment fl-iżvilupp tan-negozju. L-intrapriżi li ngħataw l-għajnuna mill-Bank għall-Kummerċ u l-Industrija fl-2024 jinkludu l-operat tal-fowm ta’ Elkarachi, kliniki mediċi privati, installaturi ta’ pannelli solari, manifattur tal-għaġin u kumpanija li tbigħ tagħmir tal-ipproċessar tar-ross.

> “Inħoss li n-negozji f’pajjiżi jeħtiġilhom isiru aktar diversi.”

Fil-Mauritania, l-inklużjoni ekonomika hija aktar baxxa milli f’ħafna pajjiżi ġirien, bħall-Marokk u s-Senegal, speċjalment għan-nisa. Il-persentaġġ ta’ nisa fil-forza tax-xogħol huwa ta’ madwar 26 %. Dan il-livell baqa’ bejn wieħed u ieħor l-istess għal dawn l-aħħar deċennji, skont il-Bank Dinji. Il-parteċipazzjoni fix-xogħol fost l-irġiel hija kważi 60 %. Jekk in-nisa jingħataw l-għajnuna biex isibu impjieg, dan jagħti spinta kbira lill-prodott domestiku gross. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ ukoll huwa għoli fil-Mauritania, fejn qiegħed madwar 24 %.

Biex jiksbu l-appoġġ mill-Bank għall-Kummerċ u l-Industrija, in-negozji fil-Mauritania jridu juru li qed jippruvaw jallinjaw ma’ inizjattiva globali msejħa t-2X Challenge. It-2X Challenge bdiet f’laqgħa ekonomika tal-Grupp ta’ 7 fl-2018 biex tgħin lill-banek tal-iżvilupp jinvestu fin-nisa. L-aħħar mira tat-2X Challenge hija li tinvesti mill-inqas $20 biljun f’għajnuna lin-nisa mill-2024 sal-2027. “Il-Mauritania għandha potenzjal kbir għal tkabbir sostenibbli, speċjalment bir-riżorsi naturali għonja tagħha, l-iżviluppi tal-enerġija rinnovabbli u s-sajd abbundanti,” jgħid Marc-Antoine Coursaget, uffiċjal tas-self għall-Afrika tal-Punent fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment. “Billi nagħtu s-setgħa lin-nisa u liż-żgħażagħ, nistgħu nibnu fuq dawn is-saħħiet u noħolqu ekonomija aktar reżiljenti.”



# 8

# UNJONI TAS-SWIEQ KAPITALI

“Qed inkomplu l-vjaġġ pijunier tagħna biex nuru l-potenzjal tat-teknoloġiji tar-reġistru distribwit fit-trawwim tat-trasparenza, l-effiċjenza u s-sigurtà fis-swieq kapitali. F’Novembru, lestejna erba’ tranżazzjonijiet diġitali – tliet ħarġiet ta’ bonds u investiment wieħed ta’ bonds – f’kollaborazzjoni mill-qrib ma’ parteċipanti prominenti tas-suq. Dan jirrappreżenta pass importanti fl-ittestjar u fl-avvanz ta’ soluzzjonijiet diġitali u l-promozzjoni tal-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistema finanzjarja Ewropea.”

**Marco Zimmermann,** kap tat-teżor u tad-dipartiment tas-swieq kapitali, Direttorat tal-Finanzi tal-BEI

# PJATTAFORMI GĦALL-KAPITAL

## L-unjoni tas-swieq kapitali se tagħti spinta lis-swieq tat-titolizzazzjoni u tal-kapital ta' riskju biex jiżdied l-investiment fl-ekonomija reali. Ċerti pijunieri Ewropej diġà qed juru kif dan jista' jaħdem

Meta IPM Rubi kellha bżonn taġġorna l-linji ta' produzzjoni tal-istampar tal-metall, il-kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja Vitoria-Gasteiz irrikorriet għand il-Banco Santander għall-finanzjament. Self ta' €4 miljun mill-bank Spanjol għen lil IPM Rubi tirranġa mill-ġdid il-fabbriki tagħha f'Galicia u fir-reġjun ta' Álava, li ta lill-kumpanija premju ta' sostenibbiltà f'Ottubru tal-2024 għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u, allura tal-emissjonijiet, bin-nofs. Dan it-tiġdid żgura wkoll li IPM Rubi, li tħaddem 400 ruħ, tkun tista' tlaħħaq mal-iżviluppi fl-industrija tal-karozzi u żżomm liż-żewġ klijenti l-kbar tagħha, Mercedes Benz u Stellantis, li għandha skuderija ta' produtturi tal-karozzi inkluż Fiat, Opel u Peugeot.

"Għalina, dan huwa drammatiku, huwa essenzjali. Mingħajr dan il-proġett, konna nispiċċaw," jgħid il-Kap Eżekuttiv Ricardo Romo. "U ma stajniex nagħmluh mingħajr il-finanzjament."

Il-linji ta' produzzjoni aġġornati jintużaw għall-vetturi tal-passiġġieri. Iżda Romo qed jistenna li dalwaqt ikollu jagħmel titjib simili fil-linji tiegħu għall-vetturi tal-merkanzija. "Qed nittamaw li mmorru lura għand il-banek għal aktar finanzjament," huwa jgħid, "biex inkunu nistgħu nlaħħqu mal-elettrifikazzjoni fl-industrija tal-karozzi."

> "Mingħajr dan il-proġett, konna nispiċċaw."

Huwa hawnhekk fejn l-iskorfini u l-boltijiet tan-negozju tal-istampar tal-metall ta' IPM Rubi, li għandu fatturat ta' €128 miljun, jiltaqgħu mad-dinja misterjuża u intanġibbli tat-titolizzazzjoni finanzjarja. Banco Santander jagħmel pakketti ta' self bħal dak li għamel lil IPM Rubi f'titoli, ibigħhom lill-investituri u min-naħa tiegħu juża r-rikavat biex jagħti self ġdid, bħal dak li IPM Rubi tistenna li tieħu għal-linja tal-vetturi tal-merkanzija tagħha. It-titolizzazzjoni hija suq enormi u likwidu fl-Istati Uniti u fl-Asja. U l-Ewropa qed tipprova tlaħħaq, sabiex ikun hemm aktar finanzjament għal negozji bħal IPM Rubi li huma vitali għall-ekonomija reali. Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jinvesti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni minn banek Ewropej u jiżviluppa strutturi ta' titolizzazzjoni innovattivi li jittama li jwasslu għal suq akbar, bħala parti mill-appoġġ tiegħu għas-suq uniku għall-kapital madwar il-kontinent, magħruf bħala l-unjoni tas-swieq kapitali.

### Finanzjament effiċjenti għall-SMEs

Meta mqabbla mal-Istati Uniti u mal-Asja, ir-regolamentazzjoni stretta battiet xi ftit l-iżvilupp tat-titolizzazzjoni fl-Ewropa – b'mod partikolari fil-parti tas-suq għall-operazzjonijiet tat-titolizzazzjoni bi klassifikazzjoni ogħla u rendiment aktar baxx. Biex ipatti għal dan, il-Grupp tal-BEI qed jappoġġa banek innovattivi b'investimenti kbar fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni li joħolqu suq aktar likwidu.

Dan huwa parti minn pjan tal-fergħa tal-finanzjament tal-Unjoni Ewropea biex tippromwovi l-unjoni tas-swieq kapitali. Fl-istess waqt, jiftaħ ukoll il-finanzjament għall-kumpaniji ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) f'diversi setturi, inklużi oqsma ewlenin bħall-klima u l-innovazzjoni. "Qegħdin inżidu l-parteċipazzjoni tagħna fis-suq tat-titolizzazzjoni," jgħid Manuel Conthe, uffiċjal tas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment. "Huwa mod effiċjenti kif niffinanzjaw is-self lill-SMEs."

Huwa għalhekk li l-Grupp tal-BEI ħadem fuq investiment ta' €530 miljun f'operazzjoni ta' titolizzazzjoni mal-Banco Santander iffirmat f'Mejju 2024. Il-Bank Ewropew tal-Investiment investa €440 miljun f'segmenti ta'

> **Jeħtieġ li npoġġu strateġikament l-investimenti u l-isforzi tal-Grupp tal-BEI f'postijiet fejn is-suq u l-oriġinaturi għandhom bżonnhom l-aktar.**

titoli b'rata għolja li kienu bbażati fuq pool ta' self ta' Santander lill-klijenti tiegħu, filwaqt li €60 miljun ġew allokati għal segmenti mhux ta' grad ta' investiment. Bi tpattija, Santander qabel li joriġina d-doppju ta' dak l-ammont f'self ġdid lill-SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, li huma vitali għall-ekonomija tal-pajjiż u għandhom rwol kruċjali biex jixprunaw l-impjiegi u t-tkabbir. "Bil-bejgħ ta' dawn il-bonds, nirrilaxxaw kapaċità għal self addizzjonali lill-klijenti," jgħid Koldo Oleaga Gascue, kap tal-mobilizzazzjoni tal-assi fi ħdan Santander f'Madrid. "Aħna nirriċiklaw il-kapital, u nżidu l-appoġġ li nagħtu lill-komunitajiet u lill-klijenti tagħna."

## Il-mili ta' lakuna fis-suq tat-titolizzazzjoni

Is-suq tat-titolizzazzjoni Ewropew beda jikber xi ftit minn nofs l-aħħar deċennju. Madankollu, dan huwa limitat l-aktar għas-segmenti ta' kwalunkwe ftehim li jġorr riskju aktar baxx. Segmenti superjuri, fejn ir-riskju u konsegwentement il-ħlas lura jkun aktar baxx, jirrappreżentaw l-akbar porzjon tal-biċċa l-kbira tal-istrutturi titolizzati – spiss qrib it-80 %, bħal fl-operazzjoni ta' titolizzazzjoni ta' Santander. Dan ifisser li banek bħal Santander jeħtiġilhom iqiegħdu ammont sinifikanti ta' dan it-tip ta' segment fis-suq.

Huwa hawnhekk fejn l-investiment mill-Grupp tal-BEI għandu rwol ewlieni. "Meta jixtri parti importanti tas-segment superjuri, il-Grupp tal-BEI jiffaċilita t-tqegħid fis-suq tal-istruttura sħiħa ta' tranżazzjonijiet kbar ħafna," jgħid Bálint Kónya, analista tal-finanzi strutturati fi ħdan il-Fond Ewropew tal-Investiment.

Il-Fond Ewropew tal-Investiment huwa s-sussidjarja tal-Bank Ewropew tal-Investiment li tiffoka fuq l-SMEs. Għalkemm l-investiment tagħha fit-tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni ta' Santander kien ferm iżgħar – jiġifieri €30 miljun – il-kompetenza tagħha f'titoli sintetiċi għandha rwol ewlieni fl-istrutturar, in-negozjar u l-eżekuzzjoni ta' operazzjonijiet ta' titolizzazzjoni kemm għall-Fond Ewropew tal-Investiment kif ukoll għall-Bank. Il-kontribuzzjoni tal-Fond Ewropew tal-Investiment, li wasslet biex Santander aċċetta li joriġina portafoll ta' €60 miljun ta' self ġdid mogħti lil SMEs u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, inkludiet ukoll impenn li 30 % tas-self ġdid għandu jkun immirat lejn investimenti sostenibbli u 20 % għandu jkun għal "finanzjament għall-bilanċ bejn il-ġeneri," bħal kumpaniji mmexxija minn intraprendituri nisa.

Karen Huertas, maniġer ewlenija fi ħdan il-Fond Ewropew tal-Investiment, temmen li dawn il-ftehimiet huma xhieda tal-valur tal-Grupp tal-BEI fl-unjoni tas-swieq kapitali. "Il-parteċipazzjoni tal-Grupp tal-BEI f'dawn il-ftehimiet turi li t-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni huma ekonomikament effiċjenti u mqiegħda fis-suq b'mod effettiv, filwaqt li nibqgħu nikkontribwixxu għat-tkabbir tal-ekonomija Ewropea," tgħid Huertas. "Jeħtieġ li npoġġu strateġikament l-investimenti u l-isforzi tal-Grupp tal-BEI f'postijiet fejn is-suq u l-oriġinaturi għandhom bżonnhom l-aktar."

## Imwielda u mrobbija fl-Unjoni Ewropea

Il-kumpaniji Ewropej għandhom it-tendenza li jiddependu aktar fuq il-finanzjament bankarju mill-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Uniti u fl-Asja, fejn hemm suq akbar ta' kapital ta' riskju. Għaldaqstant, l-istart-ups Ewropej spiss jinxtraw minn investituri Amerikani. Is-swieq kapitali Ewropej huma nieqsa wkoll mill-profondità tas-swieq Amerikani, peress li huma nazzjonali u, għalhekk, relattivament ta' skala żgħira.

L-aħħar spinta għall-unjoni tas-swieq kapitali bdiet fl-2020 b'inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea. Waqt Summit tal-Euro fi Brussell f'Marzu 2023, il-kapijiet tal-gvern tal-UE talbu "biex jiżdiedu l-isforzi kollettivi, li jinvolvu lil dawk li jfasslu l-politika u l-parteċipanti fis-suq madwar l-Unjoni, biex jippromwovu l-unjoni tas-swieq kapitali." F'Ottubru 2024, il-ministri tal-finanzi tal-UE laqgħu proposti mill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tiġi approfondita l-unjoni tas-swieq kapitali.

Il-President Nadia Calviño tkellmet dwar diversi modi li bihom il-Bank Ewropew tal-Investiment jista' jipprovdi wħud mill-elementi kostitwenti ta' unjoni tas-swieq kapitali, biex "l-ideat li jitwieldu fl-Unjoni Ewropea jibqgħu fl-Unjoni Ewropea." Waħda minn dawn l-ideat hija pjattaforma ta' titolizzazzjoni li tippermetti ftehimiet aktar standardizzati, li jinvolvu banek iżgħar u jilliberaw il-kapital tagħhom bi tpattija għal self lil SMEs.

### Jieħdu ħafna żmien

L-istandardizzazzjoni tkun importanti, għaliex l-operazzjonijiet ta' titolizzazzjoni personalizzati huma kkumplikati u jieħdu ħafna żmien biex jiġu stabbiliti.

F'Lulju, il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma ftehim mal-BPCE, grupp bankarju kbir Franċiż. Il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment xtraw kambjali superjuri – il-Bank għamel investiment ta' €750 miljun u l-Fond investa €50 miljun. Bi tpattija għal dan il-BPCE qabel li jagħmel id-doppju ta' dak l-ammont f'self ġdid fi żmien tliet snin. Għall-ewwel darba għall-Bank Ewropew tal-Investiment fi Franza, is-self il-ġdid se jkun immirat lejn kumpaniji żgħar fis-setturi tal-innovazzjoni, inklużi teknoloġiji tas-saħħa. "Din hija xi ħaġa li żgur irridu nagħmlu aktar minnha," jgħid Nicolas Mardam-Bey, l-uffiċjal tas-self fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-ftehim. "L-unjoni tas-swieq kapitali għandha tirrilassa r-regolamenti biex tippermetti aktar ħruġ."

> “L-iskala tal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment tippermetti effiċjenza ekonomika.”

Sakemm l-unjoni tas-swieq kapitali timxi 'l quddiem, il-parteċipazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment innifsu tiffaċilita ftehimiet li altrimenti ma jsirux. "L-iskala tal-attivitajiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment tippermetti effiċjenza ekonomika," jgħid Jean-Philippe Foeillet, kap espert fit-taqsima tas-servizzi bankarji tal-investiment Natixis tal-BPCE. "Dawn it-tranżazzjonijiet huma eżiġenti f'termini ta' riżorsi, ħin u teknoloġija tal-informazzjoni, u għalhekk jibbenefikaw minn ekonomiji ta' skala li jagħmlu l-ġestjoni tagħhom aktar vijabbli."

Minħabba l-iskala tal-ftehim tal-Bank Ewropew tal-Investiment, Foeillet jaf li se jkun jista' jġib investituri oħrajn fl-istess struttura.

### Strutturi li jistgħu jkunu pjattaformi

U l-istruttura żviluppata għall-ftehim tal-BPCE hija aktar kumplessa anke minn titolizzazzjoni tipika – u aktar innovattiva.

Il-biċċa l-kbira tal-operazzjonijiet ta' titolizzazzjoni jirrappreżentaw pool stabbilita ta' self sottostanti magħmul matul perjodu ta' żmien partikolari. Il-ftehim tal-BPCE jippermetti lill-bank Franċiż li perjodikament jissostitwixxi s-self sottostanti b'self ġdid. Il-bank jista' effettivament iżomm l-istess struttura u jżommha taħdem għal għexieren ta' snin, ferm wara li l-ewwel self sottostanti jkun tħallas. Dan iqarribha aktar lejn it-tip ta' pjattaforma ta' titolizzazzjoni li l-Bank Ewropew tal-Investiment jista' jwaqqaf bħala parti mill-appoġġ tiegħu għall-unjoni tas-swieq kapitali, jgħid Jesper Skoglund, maniġer tal-finanzi strutturati fi ħdan il-Fond Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq il-ftehim tal-BPCE. "Irridu nkomplu nużaw dawn it-tipi ta' strumenti ta' titolizzazzjoni biex ninkoraġġixxu self ġdid," huwa jgħid. "Se toħloq suq tat-titolizzazzjoni aktar attiv fl-Ewropa u tagħti spinta lis-self lill-ekonomija reali."

## Promoturi tat-teknoloġija

Il-Fond Ewropew tal-Investiment jappoġġa wkoll inizjattiva oħra tal-unjoni tas-swieq kapitali mill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment li hija, effettivament, pjattaforma ta' investiment fiha nnifisha.

Il-European Tech Champions Initiative għandha l-għan li timla ħofra fis-suq tal-kapital ta' riskju fl-Ewropa, billi timmobilizza r-riżorsi pubbliċi u privati. Dan għaliex il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji Ewropej tat-teknoloġija profonda huma ffinanzjati minn investituri barranin. Porzjon żgħir biss huwa ffinanzjat minn investituri Ewropej, u kważi l-ebda finanzjament ma jiġi mis-swieq kapitali.

Il-Fond Ewropew tal-Investiment jammonta għal porzjon kbir tal-kapital ta' riskju li hemm fl-Ewropa, li jinvesti f'fondi li min-naħa tagħhom jinvestu fi start-ups u f'kumpaniji li qed jespandu. It-Tech Champions Initiative 2.0 se tagħmel dan ukoll – iżda se timmira wkoll lejn il-mobilizzazzjoni ta' pools kbar ta' riżorsi mill-fondi tal-pensjonijiet Ewropej u kumpaniji tal-assigurazzjoni, pereżempju, li se jaslu għand Tech Champions permezz ta' strument ta' investiment. Investituri bħal dawn tipikament jqisu li l-kapital ta' riskju ma jiswiex il-ħin u r-riżorsi kollha meħtieġa biex isiru investimenti relattivament żgħar ta' kapital ta' riskju; it-Tech Champions Initiative 2.0 se tagħtihom opportunità li jagħmlu investiment akbar permezz ta' strument li jagħtihom aċċess għal portafoll ta' kapital ta' riskju Ewropew diversifikat f'daqqa. "Ladarba l-investituri jibdew jiffamiljarizzaw ruħhom mal-klassi tal-assi, ikunu aktar ħerqana li jiddedikaw riżorsi sinifikanti," tgħid Adrian Zambrano, espert tal-istrutturar fil-Fond Ewropew tal-Investiment.

Is-suq ta-kapital ta' riskju tal-Ewropa se jirċievi spinta doppja mit-Tech Champions Initiative. L-ewwel, l-investituri bħal fondi tal-pensjoni se jidħlu fis-suq billi jinvestu fil-pjattaforma tat-Tech Champions. It-tieni, iż-żieda konsegwenti fl-investiment f'fondi ta' kapital ta' riskju se tippermetti li aktar minn dawk il-fondi jilħqu l-miri tagħhom ta' ġbir ta' fondi u, b'hekk, iżidu l-finanzjament disponibbli għall-istart-ups u l-kumpaniji li jkunu qed jespandu. "Qed nippruvaw niftħu aċċess għall-investituri Ewropew għal din il-klassi ta' assi," jgħid Zambrano. "Anke jekk hija sfida kbira, nistennewha li tkun soluzzjoni innovattiva."

Biex jingħata bidu għall-fond, sitt Stati Membri tal-UE u l-Bank Ewropew tal-Investiment investew €3.7 biljun. Il-fond huwa mistenni li jiftaħ għall-investituri privati fl-2025.

> **"Qed nistennew li tkun soluzzjoni innovattiva."**

# MINN FEJN JIĠU L-FLUS

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment, waħda mill-akbar istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali u fornituri tal-finanzjament għall-klima fid-dinja, huwa impenjat li jiffinanzja proġetti li jixprunaw it-tkabbir ekonomiku, jappoġġaw l-azzjoni dwar il-klima u jippromwovu l-progress soċjali madwar l-Ewropa u d-dinja. Biex jilħaq dawn l-ambizzjonijiet u l-miri ta' self tiegħu, il-Bank Ewropew tal-Investiment jiġbor fondi fit-tul permezz ta' ħruġ ta' bonds fis-swieq kapitali internazzjonali. Dawn il-bonds jattiraw investituri madwar id-dinja.**

Fl-2024, ġbarna €63.4 biljun billi ħriġna bonds, inkluż €18.3-il biljun fil-format ekoloġiku u dak ta' sostenibbiltà, fi 13-il munita. Għalkemm l-enfasi kienet fuq l-euro u d-dollaru Amerikan, il-Bank ħareġ ukoll bonds f'muniti oħra bħad-dollaru Awstraljan, il-frank Żvizzeru, il-lira Eġizzjana, il-lira sterlina, id-dollaru ta' Hong Kong, ir-rupee Indjan, il-peso Messikan, il-krona Norveġiża, iż-złoty Pollakk, il-krona Żvediża u r-rand Sud Afrikan biex jiddiversika s-sorsi ta' finanzjament tiegħu.

## ĦRUĠ SKONT IL-MUNITA






L-investituri għal dan il-ħruġ jibqgħu fil-parti l-kbira Ewropej, li jirrappreżentaw madwar żewġ terzi tal-investiment totali. It-terz li jifdal huwa kkontribwit minn investituri mill-Asja, mill-Kontinent Amerikan u l-Lvant Nofsani u l-Afrika – li jenfasizza l-attrazzjoni globali tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

Bħala mexxej fl-innovazzjoni tas-swieq kapitali, il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa minn ta' quddiem fil-finanzi sostenibbli u t-trasformazzjoni diġitali. Fl-2024, qbiżna l-€100 biljun fi ħruġ ta' bonds ekoloġiċi u ta' sostenibbiltà minn meta ħriġna l-ewwel bond ekoloġiku fl-2007. Dawn il-bonds huma ddedikati għall-finanzjament ta' proġetti ambjentali u soċjali. L-aħħar sforzi pijunieri tagħna jestendu għall-ħruġ ta' diversi bonds diġitali. Saħħaħna t-tmexxija tagħna fl-innovazzjoni diġitali fl-2024 billi pparteċipajna fil-ħidma esploratorja tal-Eurosistema b'teknoloġiji ġodda għas-saldu tal-flus tal-bank ċentrali bl-ingrossa.



# GOVERNANZA

Il-BEI huwa korp tal-UE, responsabbli lejn l-Istati Membri, u bank li jsegwi l-aħjar prattika bankarja applikabbli fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-ġestjoni u l-kontrolli.

Il-Bord tal-Gvernaturi huwa magħmul minn ministri tal-gvern minn kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE, normalment il-Ministri tal-Finanzi. Il-Gvernaturi jistabbilixxu l-linji gwida tal-politika ta' kreditu tal-Bank u darba fis-sena japprovaw il-kontijiet annwali. Jiddeċiedu fuq iż-żidiet fil-kapital u l-parteċipazzjoni tal-Bank fl-operazzjonijiet ta' finanzjament barra mill-Unjoni Ewropea. Jappuntaw ukoll il-membri tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat tal-Verifika.

Il-Bord tad-Diretturi jieħu d-deċiżjonijiet dwar self, programmi ta' self u kwistjonijiet oħra ta' finanzjament. Jiltaqa' darba fix-xahar biex jiżgura li l-Bank jiġi mmaniġġjat kif suppost skont it-Trattati tal-UE, l-Istatut tal-Bank stess, u d-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi. Hemm 28 direttur, wieħed maħtur minn kull Stat Membru u wieħed mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm ukoll 31 direttur supplent. Sabiex titwessa' l-kompetenza esperta professjonali tal-Bord tad-Diretturi, sitt esperti ġew maħtura biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-bord bħala konsulenti mhux votanti. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza li tirrappreżenta tal-anqas 50 % tal-kapital sottoskritt mill-Istati Membri u terz wieħed tal-membri tal-bord intitolat għal vot, għajr jekk ma jkunx ipprovdut mod ieħor fl-Istatut. Il-bord huwa ppresedut mill-president f'kapaċità mhux votanti.

Il-Kumitat ta' Tmexxija huwa l-korp residenti tal-Bank li jieħu d-deċiżjonijiet. Jissorvelja l-ħidma ta' kuljum tal-Bank, jipprepara d-deċiżjonijiet għall-Bord tad-Diretturi u jiżgura li dawn jiġu implimentati. Jiltaqa' darba fil-ġimgħa. Il-Kumitat ta' Tmexxija jaħdem taħt l-awtorità tal-president u s-superviżjoni tal-Bord tad-Diretturi. It-tmien membri l-oħra huma l-viċi presidenti tal-BEI. Il-membri jiġu maħtura għal perjodu ta' sitt snin li jista' jiġġedded u huma responsabbli biss lejn il-Bank.

Il-Bank għandu Kumitat tal-Verifika indipendenti li jwieġeb direttament lill-Bord ta' Gvernaturi. Huwa responsabbli għall-awditu tal-kontijiet tal-BEI u tal-Grupp tal-BEI, għall-verifika annwali li l-attivitajiet tal-BEI jitwettqu – u l-kotba tiegħu jinżammu – b'mod xieraq, u għall-verifika li l-attivitajiet tal-Bank jikkonformaw mal-aħjar prattika bankarja. Ir-rapport annwali tal-Kumitat tal-Verifika għas-sena finanzjarja jiġi sottomess lill-Bord tal-Gvernaturi bit-tweġiba tal-Kumitat ta' Tmexxija. Il-Kumitat tal-Verifika huwa magħmul minn sitt membri maħtura għal terminu li ma jistax jiġġedded ta' sitt snin finanzjarji konsekuttivi. Barra minn hekk, jistgħu jinħatru tliet osservaturi mill-Bord tal-Gvernaturi biex jappoġġaw il-kumitat b'kompiti speċifiċi.

# PUNTI EWLENIN TAL-PJAN TAL-OPERAT TAL-GRUPP 2025-2027

- **Tkabbir tan-negozju u kompetittività**
- **Investimenti ta' dejn ta' riskju b'riskju ogħla**
- **Riċerka u żvilupp f'teknoloġiji fixkiela**
- **Enerġija rinnovabbli u infrastruttura sostenibbli**
- **Sigurtà u difiża**

Bidliet teknoloġiċi radikali, l-ispejjeż dejjem jiżdiedu tat-tibdil fil-klima u d-domanda għal aktar investiment fid-difiża, l-akkomodazzjoni u l-ħtiġijiet globali huma l-fokus mistenni għall-2025 sal-2027.

It-total tal-ftehimiet iffirmati tagħna huwa mistenni li jiżdied għal madwar €95 biljun fl-2025.

Il-finanzjament tal-Bank fl-azzjoni dwar il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali se jkompli jaqbeż il-50 % fl-2025. Se nżidu l-appoġġ għat-tkabbir tan-negozju u l-kompetittività filwaqt li ninvestu aktar flus fi proġetti ta' ekwità b'riskju ogħla u dejn ta' riskju.

Il-ħidma tagħna fl-Ewropa fl-2025 se tappoġġa setturi bħall-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura sostenibbli, grilji tal-enerġija u interkonnetturi, manifattura mtejba tal-karozzi, aktar idroġenu ekoloġiku u ħżin, u tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karbonju fl-industrija peżanti.

Se nappoġġaw programm ġdid Strategic TechEU biex inżidu l-finanzjament għar-riċerka, id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġija. Se nżidu l-investimenti għal teknoloġiji ġodda bħall-quantum computing, l-intelliġenza artifiċjali, il-bijoteknoloġija u x-xjenzi tas-saħħa.

Il-Grupp tal-BEI se jsaħħaħ l-assistenza pprovduta lill-industriji tas-sigurtà u d-difiża. Diġà ġew iffirmati ftehimiet ta' sħubija mal-Fond għall-Innovazzjoni tan-NATO u mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.

Se nespandu l-appoġġ finanzjarju u konsultattiv għal akkomodazzjoni affordabbli, speċjalment għal ġenerazzjonijiet iżgħar. Se nagħmlu aktar enfasi fuq tliet oqsma: ir-riċerka għal teknoloġiji ġodda tal-bini, l-effiċjenza fl-enerġija ta' djar aktar antiki u bini ġdid f'akkomodazzjoni affordabbli.

Nistennew li noffru inizjattivi ġodda fl-2025 għal unjoni tas-swieq kapitali aktar b'saħħitha. Se nippreżentaw proposti għal swieq tal-bonds ekoloġiċi u diġitali aktar robusti biex ngħinu lill-kumpaniji Ewropej jiksbu aktar finanzjamenti pubbliċi u privati. Il-Fond Ewropew tal-Investiment se jkollu rwol ewlieni fit-tmexxija tas-settur tal-kapital ta' riskju.

Il-BEI Globali se jiffoka fuq setturi bħall-provvisti tal-ilma, in-negozji ż-żgħar u l-effiċjenza fl-enerġija. Se nkomplu nappoġġaw lill-Ukrajna u t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea lejn il-Lvant. Ir-reġjun tal-Mediterran u l-Afrika sub-Saħarjana se jibqgħu d-destinazzjonijiet ewlenin għall-ħidma globali tagħna.

Fl-aħħar nett, il-Grupp tal-BEI se jkompli jissimplifika l-proċessi biex joffri appoġġ finanzjarju u konsultattiv aktar mgħaġġel għall-kompetittività Ewropea. Se nressqu proposti ambizzjużi biex nissimplifikaw il-mandati ta' finanzjament, innaqqsu r-rekwiżiti ta' rappurtar u nnaqqsu l-burokrazija.

**Il-prijoritajiet ewlenin tal-Bank Ewropew tal-Investiment**

**Sir af aktar hawnhekk**

# PRIJORITAJIET GĦALL-PROSPERITÀ

Bank Ewropew tal-Investiment | Grupp

pdf: ISBN 978-92-861-5868-1
© Il-Bank Ewropew tal-Investiment, 01/2025 MT